IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2022
COM(2022) 68 final

2022/0047 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (L-Att dwar id-*Data*)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 81 final} - {SWD(2022) 34 final} - {SWD(2022) 35 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jakkumpanja l-proposta għal Regolament dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (l-Att dwar id-*Data*).

Id-*data* hija komponent ewlieni tal-ekonomija diġitali, u riżorsa essenzjali biex jiġu żgurati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-volum tad-*data* ġġenerata mill-bnedmin u mill-magni kien qed jiżdied b'mod esponenzjali fl-aħħar snin. Iżda l-biċċa l-kbira tad-*data* mhix tintuża, jew il-valur tagħha hu kkonċentrat fost għadd relattivament ċkejken ta' kumpaniji kbar. Bin-nuqqas ta' fiduċja, b'inċentivi ekonomiċi kunfliġġenti u bl-ostakli teknoloġiċi ma jkunx jista' jinħataf bis-sħiħ il-potenzjal tal-innovazzjoni xprunata mid-*data*. Għalhekk hu kruċjali li jinħataf dan il-potenzjal billi jinfetħu opportunitajiet għal użu mill-ġdid tad-*data* u billi jitneħħew l-ostakli għall-iżvilupp tal-ekonomija tad-*data* Ewropea f'konformità mar-regoli Ewropej u b'rispett sħiħ tal-valuri Ewropej, u bi qbil mal-missjoni li jitnaqqas id-distakk diġitali ħalli kulħadd jibbenefika minn dawn l-opportunitajiet. Li niżguraw bilanċ akbar fid-distribuzzjoni tal-valur mid-*data* paripassu mal-mewġa l-ġdida tad-*data* industrijali mhux personali u l-proliferazzjoni ta' prodotti konnessi mal-Internet tal-Oġġetti juri li hemm potenzjal enormi biex nagħtu spinta lil ekonomija tad-*data* sostenibbli fl-Ewropa.

Ir-regolamentazzjoni tal-aċċess u l-użu tad-*data* hi prerekwiżit fundamentali biex naħtfu l-opportunitajiet li tipprovdi l-era diġitali ta' żmienna. Bħala ddikjarat il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fil-linji gwida politiċi tagħha għall-Kummissjoni tal-2019-2024, l-Ewropa jeħtieġ "*tibbilanċja l-fluss u l-użu wiesa' tad-*data *filwaqt li tħares il-privatezza, is-sigurtà u s-sikurezza u jkollha standards etiċi għolja*"[1]. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020[2] stabbilixxa diversi objettivi strateġiċi, inkluż l-istrateġija Ewropea għad-*data*[3], adottata fi Frar 2020. Dik l-istrateġija għandha l-għan li tibni suq uniku ġenwin għad-*data* u li tagħmel lill-Ewropa mexxejja dinjija fl-ekonomija aġli tad-*data*. Għal din ir-raġuni, l-Att dwar id-*Data* huwa pilastru ewlieni u t-tieni inizjattiva ewlenija mħabbra fl-istrateġija għad-*data*. B'mod partikolari, dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' qafas ta' governanza transsettorjali għall-aċċess u l-użu tad-*data* billi jilleġiżla dwar materji li jaffettwaw ir-relazzjonijiet bejn l-atturi tal-ekonomija tad-*data*, sabiex jiġu pprovduti inċentivi għall-kondiviżjoni orizzontali tad-*data* bejn is-setturi.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021 enfasizzaw "*l-importanza li jsir progress rapidu f'inizjattivi oħra eżistenti u futuri, b'mod partikolari l-valorizzazzjoni tad-*data *fl-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' qafas regolatorju komprensiv li jwassal għall-innovazzjoni u jiffaċilita portabbiltà aħjar tad-*data*, aċċess ġust għad-*data *u jiżgura l-interoperabbiltà*"[4]. Fil-25 ta' Marzu 2021, il-Kunsill Ewropew appella għal "*sfruttament aħjar tal-potenzjal tad-*data *u tat-teknoloġiji diġitali għall-benefiċċju tas-soċjetà, tal-ambjent u tal-ekonomija*"[5]. Fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, huwa enfasizza "*l-ħtieġa li*

---

1 Ursula von der Leyen, Unjoni li tirsisti għal aktar – L-aġenda tiegħi għall-Ewropa, Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024, is-16 ta' Lulju 2019

2 Il-Kummissjoni Ewropea, Annessi tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 – Unjoni li tirsisti għal aktar, COM(2020) 37, id-29 ta' Jannar 2020

3 COM/2020/66 final

4 Il-Kunsill Ewropew, laqgħa tal-Kunsill Ewropew (il-21 u t-22 ta' Ottubru 2021) – Konklużjoni EUCO 17/21 2021, p. 2.

5 Il-Kunsill Ewropew, Dikjarazzjoni tal-membri tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (il-25 ta' Marzu 2021) – Dikjarazzjoni SN 18/21, p. 4.

d-data *ta' kwalità għolja ssir disponibbli aktar faċilment u li jiġu promossi u permessi l-kondiviżjoni u l-ġbir flimkien aħjar tad*-data*, kif ukoll l-interoperabbiltà*"[6]. Dwar is-servizzi tal-cloud, fil-15 ta' Ottubru 2020, l-Istati Membri tal-UE adottaw b'mod unanimu Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-bini tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss għan-negozji u għas-settur pubbliku fl-UE. Dan ikun jeħtieġ offerta tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss fl-UE li tilħaq l-ogħla standards fil-portabbiltà u fl-interoperabbiltà, pereżempju[7].

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar strateġija Ewropea għad-*data* ħeġġet lill-Kummissjoni tippreżenta att dwar id-*data* biex iħeġġeġ u jippermetti fluss akbar u aktar ġust tad-*data* fis-setturi kollha, minn negozju għal negozju, minn negozju għal gvern, minn gvern għal negozju u minn gvern għal gvern[8]. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021, il-Parlament Ewropew enfasizza wkoll il-ħtieġa li jinħolqu spazji komuni Ewropej tad-*data* għall-fluss liberu tad-*data* mhux personali bejn il-fruntieri u s-setturi u bejn in-negozji, l-akkademja, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-settur pubbliku. Minn din il-perspettiva, dan ħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara d-drittijiet tal-użu, speċjalment f'kuntesti ta' negozju għal negozju u ta' negozju għal gvern. Saħaq li l-iżbilanċi tas-suq ikkawżati bil-konċentrazzjoni tad-*data* jillimitaw il-kompetizzjoni, iżidu l-ostakli għad-dħul fis-suq u jnaqqsu l-aċċess u l-użu usa' tad-*data*.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew indika wkoll li l-ftehimiet kuntrattwali bejn in-negozji mhux bilfors jiżguraw aċċess adegwat għad-*data* lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Ir-raġuni għal dan huma disparitajiet fis-setgħa tan-negozjar u fl-għarfien espert. Għalhekk, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa li l-kuntratti jistabbilixxu obbligi ċari u jiddeterminaw ir-responsabbiltà għall-aċċess, għall-ipproċessar, għall-kondiviżjoni u l-ħżin tad-*data* biex jiġi limitat l-użu ħażin tagħha.

F'dan is-sens, il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE ntalbu jeżaminaw id-drittijiet tal-atturi u l-obbligi tagħhom biex jaċċessaw id-*data* li kienu involuti fil-ġenerazzjoni tagħha u jtejbu l-għarfien tagħhom, b'mod partikolari, dwar id-dritt tal-aċċess għad-*data*, biex jittrasferuha, biex iħeġġu lil parti oħra tieqaf tużaha, jew tirrettifika jew tħassarha, filwaqt li jidentifikaw ukoll id-detenturi u jiddelinjaw in-natura ta' tali drittijiet.

Fuq il-front bejn in-negozji u l-gvern, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tistabbilixxi s-sitwazzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-inċentivi li skonthom is-settur privat jenħtieġ li jkun obbligat jagħmel id-*data* disponibbli għall-użu mis-settur pubbliku, bħal minħabba l-ħtieġa tagħha għall-organizzazzjoni ta' servizzi pubbliċi xprunati mid-*data*, u teżamina wkoll skemi obbligatorji ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern, pereżempju f'sitwazzjonijiet li jkunu lil hinn mill-kontroll tan-nies.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tressaq **l-Att dwar id-*Data*** propost **bil-għan li tiżgura l-ġustizzja fl-allokazzjoni tal-valur mid-*data* fost l-atturi fl-ekonomija tad-*data* u biex trawwem l-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha**.

Il-proposta se tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika usa' li jiġi żgurat li n-negozji tal-UE fis-setturi kollha jkunu f'pożizzjoni li jinnovaw u jikkompetu, u b'mod effettiv tagħti s-setgħa lill-individwi fir-rigward tad-*data* tagħhom, u li n-negozji u l-korpi tas-settur pubbliku jiġu

---

6 Il-Kunsill Ewropew, laqgħa tal-Kunsill Ewropew (l-1 u t-2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjoni EUCO 13/20, 2020, p. 5.

7 Il-Kummissjoni Ewropea (2020). *Commission welcomes Member States' declaration on EU cloud federation*, Stqarrija għall-Istampa.

8 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar strateġija Ewropea għad-*data* (2020/2217(INI))

mgħammra aħjar b'mekkaniżmu proporzjonat u prevedibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tal-politika u tas-soċjetà, inklużi l-emerġenzi pubbliċi u sitwazzjonijiet eċċezzjonali oħra. In-negozji se jkunu jistgħu jaqilbu faċilment id-*data* tagħhom u assi diġitali oħra bejn fornituri kompetituri ta' servizzi ta' cloud u servizzi oħra tal-ipproċessar tad-*data*. Il-kondiviżjoni tad-*data* fi ħdan u bejn is-setturi tal-ekonomija teħtieġ qafas ta' interoperabbiltà ta' miżuri proċedurali u leġiżlattivi biex tissaħħaħ il-fiduċja u tittejjeb l-effiċjenza. Il-ħolqien ta' spazji komuni Ewropej tad-*data* għal setturi strateġiċi tal-ekonomija u oqsma ta' interess pubbliku se jikkontribwixxi għal suq intern ġenwin għad-*data* li jippermetti l-kondiviżjoni u l-użu tad-*data* fis-setturi kollha. Għalhekk, dan ir-Regolament jikkontribwixxi għal dawn l-oqfsa ta' governanza u infrastruttura kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-*data* barra mill-ispazji tad-*data*.

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma deskritti hawn taħt.

– **L-iffaċilitar tal-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha mill-konsumaturi u min-negozji, filwaqt li jiġu ppreservati l-inċentivi għall-investiment f'modi ta' ġenerazzjoni tal-valur permezz tad-*data*.** Dan jinkludi ż-żieda fiċ-ċertezza legali dwar il-kondiviżjoni tad-*data* miksuba minn jew iġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati, kif ukoll l-operazzjonalizzazzjoni tar-regoli biex tiġi żgurata l-ġustizzja fil-kuntratti ta' kondiviżjoni tad-*data*. Il-proposta **tiċċara** l-applikazzjoni tad-drittijiet rilevanti skont id-Direttiva 96/9/KE dwar il-protezzjoni legali ta'databases (**id-Direttiva dwar id-Database**)[9] għad-dispożizzjonijiet tagħha.

– **Isir provvediment għall-użu minn korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni ta' *data* miżmuma minn intrapriżi f'ċerti sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali ta' *data*.** Dan jikkonċerna primarjament emerġenzi pubbliċi, iżda wkoll sitwazzjonijiet eċċezzjonali oħra fejn il-kondiviżjoni obbligatorja tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern hija ġġustifikata, sabiex jiġu appoġġati politiki u servizzi pubbliċi bbażati fuq l-evidenza, effettivi, effiċjenti u mmexxija mill-prestazzjoni.

– **Jiġi ffaċilitat il-qlib bejn is-servizzi cloud u edge.** L-aċċess għal servizzi kompetittivi u interoperabbli tal-ipproċessar tad-*data* huwa prekundizzjoni għal ekonomija tad-*data* li qed tiffjorixxi, li fiha, id-*data* tista' tiġi kondiviża faċilment fi ħdan u bejn l-ekosistemi settorjali. Il-livell ta' fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jiddetermina l-użu ta' tali servizzi mill-utenti fis-setturi kollha tal-ekonomija.

– **Jiġu stabbiliti salvagwardji kontra t-trasferiment illegali tad-*data* mingħajr notifika mill-fornituri tas-servizzi tal-cloud**. Dan għaliex tqajjem tħassib dwar l-aċċess illegali għad-*data* tal-gvernijiet li ma humiex fl-UE/fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Tali salvagwardji jenħtie li jkomplu jtejbu l-fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jsostnu dejjem aktar l-ekonomija Ewropea tad-*data*.

– **Isir provvediment għall-iżvilupp ta' standards tal-interoperabbiltà għad-*data* li għandha terġa' tintuża bejn is-setturi**, fi sforz biex jitneħħew l-ostakli għall-kondiviżjoni tad-*data* fost l-ispazji komuni Ewropej tad-*data* speċifiċi għad-dominju, f'konsistenza mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà settorjali, u bejn *data* oħra li ma taqax fl-ambitu ta' spazju komuni Ewropew tad-*data* speċifiku. Il-proposta tappoġġa wkoll l-istabbiliment ta' standards għal "kuntratti intelliġenti". Dawn huma programmi tal-kompjuter fuq kotba elettroniċi li jeżegwixxu u jsolvu tranżazzjonijiet ibbażati fuq kundizzjonijiet determinati minn qabel. Dawn għandhom il-potenzjal li

9 ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20–28

jipprovdu lid-detenturi tad-*data* u lir-riċevituri tad-*data* b'garanziji li l-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-*data* huma rispettati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mar-regoli eżistenti dwar **l-ipproċessar tad-*data* personali** (inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, ("GDPR")[10]), u l-protezzjoni tal-ħajja privata u **l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet**, kif ukoll kwalunkwe *data* (personali u mhux personali) maħżuna u aċċessata minn tagħmir terminali (id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika[11], li għandha tiġi sostitwita bir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika li bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati leġiżlattivi). Din il-proposta tikkomplementa d-drittijiet eżistenti, speċifikament id-drittijiet rigward id-*data* ġġenerata minn prodott ta' utent konness ma' network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku.

Ir-Regolament għall-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali[12] stabbilixxa element ewlieni tal-bini tal-ekonomija Ewropea tad-*data*, billi jiżgura li d-*data* mhux personali tkun tista' tinħażen, tiġi pproċessata u tiġi ttrasferita fi kwalunkwe post fl-Unjoni. Hija ppreżentat ukoll approċċ awtoregolatorju għall-problema "tal-intrappolament tal-klijentela" fil-livell tal-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, billi introduċiet kodiċijiet ta' kondotta biex tiffaċilita l-qlib tad-*data* bejn is-servizzi tal-cloud (il-Kodiċijiet ta' Kondotta 'Switching Cloud Providers and Porting Data (SWIPO)' żviluppati mill-industrija). Din il-proposta tkompli tibni fuq dan, u tgħin lin-negozji u liċ-ċittadini jagħmlu l-aħjar użu mid-dritt li jaqilbu bejn il-fornituri tal-cloud u t-trasferiment tad-*data*. Hija wkoll konsistenti bis-sħiħ mad-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti fir-rigward tal-liġi kuntrattwali[13]. Fir-rigward tas-servizzi tal-cloud, peress li l-approċċ awtoregolatorju jidher li ma kellux effett sinifikanti fuq id-dinamika tas-suq, din il-proposta tippreżenta approċċ regolatorju għall-problema enfasizzata fir-Regolament għall-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali.

L-ipproċessar u l-ħżin tad-*data* internazzjonali u t-trasferimenti tad-*data* huma regolati mill-GDPR, mill-impenji kummerċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), mill-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) u mill-ftehimiet kummerċjali bilaterali.

Il-liġi tal-kompetizzjoni[14] hija applikabbli fil-kuntest ta', fost l-oħrajn, il-kontroll tal-fużjonijiet, il-kondiviżjoni tad-*data* minn kumpaniji jew abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' ditta.

Id-Direttiva dwar id-Databases[15] tipprevedi l-protezzjoni *sui generis* ta' bażijiet tad-*data* li nħolqu bħala riżultat ta' investiment sostanzjali, anke jekk il-bażi tad-*data* nnifisha ma hijiex ħolqien intellettwali oriġinali protett bid-drittijiet tal-awtur. Filwaqt li tibni fuq l-ammont sostanzjali ta' ġurisprudenza li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Databases, din il-proposta tindirizza l-inċertezzi ġuridiċi kontinwi dwar jekk il-bażijiet tad-*data* li fihom *data* ġġenerata jew miksuba mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati, bħal sensuri, jew tipi oħra ta' *data* ġġenerata minn magna, ikunux intitolati għal tali protezzjoni.

---

10 ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.
11 ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37–47
12 ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59–68; SWIPO (2021), ara *s-sit web*.
13 ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29–34.
14 ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36–42.
15 ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20–28.

Ir-Regolament tal-Pjattaforma għan-Negozju[16] jimponi obbligi ta' trasparenza, li jirrikjedu li l-pjattaformi jiddeskrivu għall-utenti kummerċjali d-*data* ġġenerata mill-forniment tas-servizz.

Id-Direttiva dwar id-*data* miftuħa[17] tistabbilixxi regoli minimi dwar l-użu mill-ġdid tad-*data* miżmuma mis-settur pubbliku u tad-*data* dwar ir-riċerka ffinanzjata pubblikament magħmula disponibbli permezz ta' repożitorji.

L-inizjattiva Ewropa Interoperabbli tfittex li tintroduċi politika ta' interoperabbiltà kooperattiva għal settur pubbliku modernizzat. L-inizjattiva rriżultat mill-ISA[2], programm ta' finanzjament tal-Unjoni li dam mill-2016 sal-2021 u li appoġġa l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali biex jippermetti servizzi pubbliċi transfruntiera u transsettorjali interoperabbli[18].

Din il-proposta tikkomplementa **l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*** adottat reċentement, li għandu l-għan li jiffaċilita l-kondiviżjoni volontarja tad-*data* minn individwi u negozji u jarmonizza l-kundizzjonijiet għall-użu ta' ċerta *data* tas-settur pubbliku, mingħajr ma jinbidlu d-drittijiet materjali dwar id-*data* jew dwar id-drittijiet stabbiliti għall-aċċess u l-użu tad-*data*[19]. Din tikkomplementa wkoll il-proposta għall-**Att dwar is-Swieq Diġitali**, li se tirrikjedi li ċerti fornituri ta' servizzi ta' pjattaforma ewlenija identifikati bħala "gatekeepers" jipprovdu, fost l-oħrajn, portabbiltà aktar effettiva tad-*data* ġġenerata permezz ta' attivitajiet tan-negozju u tal-utenti finali[20].

Din il-proposta ma taffettwax ir-regoli eżistenti fl-oqsma tal-proprjetà intellettwali (ħlief l-applikazzjoni tad-dritt *sui generis* tad-Direttiva dwar id-Databases), il-kompetizzjoni, il-ġustizzja, u l-affarijiet interni u l-kooperazzjoni (internazzjonali) relatata, l-obbligi relatati mal-kummerċ, jew il-protezzjoni legali tas-sigrieti kummerċjali.

Huma meħtieġa adattamenti leġiżlattivi għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni diġitali f'diversi oqsma. Se jiġu stabbiliti regoli ċari dwar l-aċċess għal *data* speċifika meħtieġa għaċ-ċirkolarità u għas-sostenibbiltà ta' ċerti prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u f'sitwazzjonijiet mhux eċċezzjonali skont il-Passaport Ewropew tal-Prodotti Diġitali (bħala parti mill-Inizjattiva għall-Prodotti Sostenibbli)[21]. Ir-regoli tal-liġi privata huma element ewlieni fil-qafas ġenerali. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta l-liġi kuntrattwali u regoli oħra biex itejjeb il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-*data* fis-Suq Intern, u biex jipprevjeni lill-partijiet għal kuntratti milli jabbużaw mill-iżbilanċi fis-setgħa ta' negozjar għad-detriment ta' partijiet aktar dgħajfa.

Bħala proposta orizzontali, **l-Att dwar id-*Data*** jipprevedi **regoli bażiċi għas-setturi kollha** fir-rigward tad-drittijiet għall-użu tad-*data*, bħal fl-oqsma tal-makkinarju intelliġenti jew tal-oġġetti tal-konsumatur. Madankollu, id-drittijiet u l-obbligi dwar l-aċċess u l-użu tad-*data* ġew regolati wkoll fi gradi differenti fil-livell settorjali. L-Att dwar id-*Data* mhux se jibdel xi leġiżlazzjoni eżistenti bħal din, iżda leġiżlazzjoni futura f'dawn l-oqsma jenħtieġ li fil-prinċipju tiġi allinjata mal-prinċipji orizzontali tal-Att dwar id-*Data*. Il-konverġenza mar-regoli orizzontali tal-Att dwar id-*Data* jenħtieġ li tiġi vvalutata meta l-istrumenti settorjali jiġu riveduti. Din il-proposta tħalli lok għal leġiżlazzjoni vertikali biex jiġu stabbiliti regoli aktar dettaljati għall-ilħuq ta' objettivi regolatorji speċifiċi għas-settur.

16 ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57–79.
17 ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83.
18 ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1-16.
19 COM/2020/767 final.
20 ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57–79.
21 COM/2020/98 final.

Minħabba l-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti, fir-rigward tal-ħolqien tal-ispazju tad-*data* tal-Patt Ekoloġiku, ir-rieżami[22] **tad-Direttiva INSPIRE**[23] se jippermetti aktar disponibbiltà u użu mill-ġdid miftuħ ta' *data* spazjali u ambjentali. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet pubbliċi, għan-negozji u għaċ-ċittadini tal-UE biex jappoġġaw it-tranżizzjoni għal ekonomija aktar ekoloġika u newtrali għall-karbonju u jnaqqsu l-piż amministrattiv. Hija mistennija tkopri servizzi tad-*data* riutilizzabbli fuq skala kbira biex tgħin fil-ġbir, fil-kondiviżjoni, fl-ipproċessar u fl-analiżi ta' volumi kbar ta' *data* rilevanti biex tiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali u mal-azzjonijiet prijoritarji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Se tissimplifika r-rappurtar u t-tnaqqis tal-piż permezz ta' riutilizzazzjoni aħjar tad-*data* eżistenti, ġenerazzjoni ta' rapportar awtomatiku permezz tal-estrazzjoni tad-*data* u business intelligence.

Ir-Regolament tal-UE dwar l-Elettriku[24] jirrikjedi li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jipprovdu *data* lir-regolaturi u għall-ippjanar tal-adegwatezza tar-riżorsi, filwaqt li **d-Direttiva tal-UE dwar l-Elettriku**[25] tipprevedi l-aċċess trasparenti u nondiskriminatorju għad-*data* u tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tiżviluppa rekwiżiti u proċeduri ta' interoperabbiltà relatati biex tiffaċilita dan. **Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2**[26] tiftaħ xi tipi ta' informazzjoni tranżazzjonali dwar il-pagamenti u l-kontijiet skont ċerti kundizzjonijiet, u b'hekk tippermetti l-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji fil-qasam tal-FinTech. Fis-settur tal-mobbiltà u t-trasport, hemm varjetà wiesgħa ta' regoli dwar l-aċċess u l-kondiviżjoni tad-*data*. L-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni minn vetturi bil-mutur u minn magni agrikoli hija soġġetta għal obbligi speċifiċi ta' aċċess/kondiviżjoni tad-*data* skont **il-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip**[27]. Madankollu, huma meħtieġa regoli ġodda biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tkun adattata għall-era diġitali u tippromwovi l-iżvilupp ta' vetturi nodfa, konnessi u awtomatizzati. Filwaqt li jibnu fuq l-Att dwar id-*Data* bħala qafas għall-aċċess u l-użu tad-*data*, dawn ir-regoli se jindirizzaw sfidi speċifiċi għas-settur, inkluż l-aċċess għall-funzjonijiet u r-riżorsi tal-vetturi.

Fil-qafas **tad-Direttiva dwar Sistemi ta' Trasport Intelliġenti**[28], ġew żviluppati diversi regolamenti delegati u se jkomplu jiġu żviluppati, b'mod partikolari biex tiġi speċifikata l-aċċessibbiltà tad-*data* għat-trasport bit-triq u multimodali tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' Punti ta' Aċċess Nazzjonali. Fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, id-*data* mhux operazzjonali hija importanti għat-titjib tal-intermodalità u tal-konnettività. Id-*data* operazzjonali relatata mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru taqa' taħt ir-reġim speċifiku definit fil-qafas **tal-Ajru Uniku Ewropew**[29]. Fil-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti, id-*data* relatata mal-bastimenti (trekkjar u traċċar) hija importanti għat-titjib tal-inter-modalità u tal-konnettività: din id-*data* taqa' taħt ir-reġim speċifiku definit fid-Direttiva dwar il-VTMIS[30]. Din taqa' wkoll fil-kompetenza tas-Sistema u tas-Servizzi Marittimi Diġitali.[31] Il-proposta għal Regolament dwar l-użu ta' **infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**[32] tispeċifika t-tipi ta'

22 Inizjattiva GreenData4All (REFIT) | Legislative train schedule | Parlament Ewropew (europa.eu)
23 ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1–14
24 ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54–124.
25 ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125–199.
26 ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127 ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127.
27 ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1–218; ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1–51.
28 ĠU L 207, 06.08.2010, p. 1-13.
29 ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1–9; ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10–19; ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20–25.
30 ĠU L 308, 29.10.2014, p. 82–87.
31 ĠU L 96, 12.4.2016, p. 46–49.
32 COM/2021/559 final

data rilevanti li għandhom ikunu disponibbli, f'sinerġija mal-qafas ġenerali stabbilit fid-Direttiva dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konformi mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni **biex l-Ewropa tkun adatta għall-era diġitali** u biex tinbena ekonomija lesta għall-futur li taħdem għan-nies[33], fejn id-diġitalizzazzjoni tas-suq intern hija kkaratterizzata minn grad għoli ta' fiduċja, sigurtà, sikurezza u għażla għall-konsumaturi. Id-diġitalizzazzjoni tas-suq intern hija kompetittiva ħafna bis-saħħa ta' qafas li jiffavorixxi t-trasparenza, il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, u li huwa newtrali għat-teknoloġija. Dan jappoġġa **l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**[34], it-tagħlim tal-lezzjonijiet mill-pandemija tal-COVID-19 u l-benefiċċji ta' *data* aktar aċċessibbli fejn meħtieġ.

Din il-proposta tappoġġa r-rwol kritiku tad-*data* fl-ilħuq **tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku** Ewropew b'diversi modi. L-ewwel nett, billi jiġi approfondit il-fehim tal-gvernijiet, tan-negozji u tal-individwi tal-impatti fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija tal-prodotti, tas-servizzi u tal-materjali fil-ktajjen kollha tal-provvista. It-tieni nett, billi timmobilizza l-ġid eżistenti ta' *data* rilevanti tas-settur privat sabiex jiġu indirizzati l-klima, il-bijodiversità, it-tniġġis[35] u r-riżorsi naturali f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[36], il-konklużjonijiet[37] u l-pożizzjonijiet rilevanti[38] tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew. It-tielet, billi jingħalqu l-lakuni fl-għarfien u jipu ġestiti l-kriżijiet relatati permezz ta' azzjonijiet imtejba ta' mitigazzjoni, tħejjija, rispons u rkupru.

F'konformità **mal-Istrateġija Industrijali**[39], il-proposta tittratta teknoloġiji strateġiċi ħafna bħall-cloud computing u s-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali: oqsma li l-UE għad trid tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħhom, fil-punt tal-bidla għall-mewġa tad-*data* industrijali li jmiss. Din timplimenta l-għan **tal-Istrateġija għad-*Data***[40] tan-negozji biex ikunu jistgħu jinnovaw u jikkompetu aħjar fuq il-bażi tal-valuri tal-UE, u l-prinċipju **tal-moviment liberu tad-*data* fi ħdan is-suq intern**. Dan jikkonforma wkoll **mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Proprjetà Intellettwali**[41], li fih, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi d-Direttiva dwar id-Databases.

Din il-proposta jenħtieġ li tikkonforma wkoll mal-prinċipji skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR)[42] u r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi[43].

---

33 COM/2020/67 final.
34 ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
35 COM(2021) 400 final
36 COM/2019/640 final
37 Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent, 11 ta' Diċembru 2020 , Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' azzjoni l-ġdid dwar l-ekonomija ċirkolari, 11 ta' Diċembru 2020 , Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija għall-bijodiversità għall-2030, 16 ta' Ottubru 2020 , Konklużjonijiet dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja, 5 ta' Marzu 2020
38 L-emerġenza klimatika u ambjentali - il-Ħamis, 28 ta' Novembru 2019 (europa.eu)
39 COM/2021/350 final.
40 COM/2020/66 final.
41 COM/2020/760 final.
42 COM/2021/102 final.
43 ĠU L 151 7.6.2019

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta huwa l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-objettiv tiegħu huwa l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern permezz tat-tisħiħ tal-miżuri għall-approssimizzazzjoni tar-regoli nazzjonali.

Din il-proposta għandha l-għan li tkompli t-tlestija tas-suq intern għad-*data* li fiha d-*data* mis-settur pubbliku, min-negozji u mill-individwi titqiegħed għall-aħjar użu possibbli, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fir-rigward ta' tali *data* u l-investimenti magħmula sabiex tinġabar. Id-dispożizzjonijiet dwar il-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom l-għan li jistabbilixxu kundizzjonijiet tas-suq ġusti u kompetittivi għas-suq intern fil-cloud, edge u servizzi relatati.

Il-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali tan-negozju u s-sigrieti kummerċjali hija aspett importanti tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, kif inhu l-każ għal kuntesti oħra li fihom jiġu skambjati s-servizzi u jiġu nnegozjati l-oġġetti. Din il-proposta tiżgura r-rispett għas-sigrieti kummerċjali fil-kuntest tal-użu tad-*data* bejn in-negozji jew mill-konsumaturi. L-inizjattiva se tippermetti lill-Unjoni tibbenefika mill-iskala tas-suq intern, peress li l-prodotti jew is-servizzi relatati spiss jiġu żviluppati bl-użu ta' *data* minn Stati Membri differenti, u aktar tard jiġu kkummerċjalizzati madwar l-Unjoni.

Xi Stati Membri ħadu azzjoni leġiżlattiva biex jindirizzaw il-problemi deskritti hawn fuq, f'xenarji minn negozju għal negozju u minn negozju għal gvern, filwaqt li oħrajn ma ħadux. Dan jista' jwassal għal frammentazzjoni leġiżlattiva fis-suq intern u regoli u prattiki differenti madwar l-Unjoni u spejjeż relatati minn kumpaniji li jkollhom jikkonformaw ma' reġimi differenti. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-miżuri proposti jiġu applikati b'mod konsistenti madwar l-Istati Membri.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Minħabba n-natura transfruntiera tal-użu tad-*data* u l-ħafna oqsma ta' impatt tal-Att dwar id-*Data*, il-kwistjonijiet li din il-proposta tittratta ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell tal-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi evitata l-frammentazzjoni li tirriżulta mid-differenzi bejn ir-regoli nazzjonali, peress li dan iwassal għal kostijiet tranżazzjonali ogħla, nuqqas ta' trasparenza, inċertezza ġuridika u għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni li ma hijiex mixtieqa. L-evitar ta' dan huwa partikolarment importanti fis-sitwazzjonijiet kollha li jikkonċernaw l-aspetti tad-*data* tar-relazzjonijiet bejn in-negozji, inklużi termini kuntrattwali ġusti u l-obbligi tal-manifatturi tal-prodotti tal-internet tal-oġġetti jew tas-servizzi relatati, aspetti li jeħtieġu l-omoġeneità tal-qafas madwar l-Unjoni.

Valutazzjoni tal-aspetti transfruntiera tal-flussi tad-*data* fil-qasam tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern turi wkoll il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni. Ħafna atturi privati li għandhom *data* rilevanti huma kumpaniji multinazzjonali. Dawn il-kumpaniji jenħtieġ li ma jiġux konfrontati b'reġim legali frammentat.

Is-servizzi ta' cloud rari jiġu offruti fi Stat Membru wieħed biss. F'konformità mal-GDPR u mar-Regolament tal-Moviment Liberu ta' *Data* Mhux Personali li jippermetti lill-konsumaturi u lin-negozji jipproċessaw *data* personali u mhux personali fi kwalunkwe post li jixtiequ fl-Unjoni, l-ipproċessar transfruntier tad-*data* fl-Unjoni huwa essenzjali għat-twettiq tan-negozju fis-suq intern. Għalhekk huwa kruċjali li jiġu applikati dispożizzjonijiet dwar il-qlib tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* fil-livell tal-Unjoni, biex tiġi evitata frammentazzjoni dannuża f'suq altrimenti unifikat għas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.

Azzjoni komuni biss fil-livell tal-Unjoni tista' tippermetti l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti f'din il-proposta, inkluż il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi innovattivi u kompetittivi għan-negozji xprunati mid-*data* u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini. Din l-azzjoni komuni hija pass kunfidenti 'il quddiem fit-twettiq tal-viżjoni biex jinħoloq suq intern ġenwin għad-*data*.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tibbilanċja d-drittijiet u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati affettwati mal-objettiv ġenerali li jiġi ffaċilitat l-użu usa' tad-*data* għal firxa wiesgħa ta' atturi. Din toħloq qafas abilitanti li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi. Din tindirizza l-ostakli eżistenti għar-realizzazzjoni aktar sħiħa tal-valur potenzjali tad-*data* fost in-negozji, il-konsumaturi u s-settur pubbliku. Din tistabbilixxi wkoll qafas għal regoli settorjali futuri biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-inċertezza legali. Tiċċara d-drittijiet eżistenti u, fejn meħtieġ, tipprovdi drittijiet ta' aċċess għad-*data*, u b'hekk tgħin fl-iżvilupp ta' suq intern għall-kondiviżjoni tad-*data*. L-inizjattiva tħalli ammont sinifikanti ta' flessibbiltà għall-applikazzjoni fil-livell speċifiku għas-settur.

Din il-proposta se twassal għal spejjeż finanzjarji u amministrattivi. Dawn għandhom jitħallsu prinċipalment mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-manifatturi u mill-fornituri tas-servizzi, sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-esplorazzjoni ta' għażliet differenti u l-kostijiet u l-benefiċċji mistennija tagħhom irriżultaw f'disinn bilanċjat tal-istrument. Bl-istess mod, il-kostijiet għall-utenti u d-detenturi tad-*data* se jkunu kontrobilanċjati bil-valur li għandu jiġi derivat minn aċċess u użu usa' tad-*data*, kif ukoll l-użu mis-suq ta' servizzi ġodda.

- **Għażla tal-istrument**

L-għażla ta' regolament saret minħabba li huwa l-aħjar mekkaniżmu biex jaqdi l-għanijiet ta' politika usa' li jiżgura li n-negozji kollha fl-Unjoni jitqiegħdu f'pożizzjoni li jinnovaw u jikkompetu, il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu kontroll aħjar tad-*data* tagħhom, u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni huma mgħammra aħjar biex jindirizzaw sfidi ewlenin ta' politika, inklużi emerġenzi pubbliċi. Huwa meħtieġ regolament fid-dawl tal-għan ta' armonizzazzjoni komprensiva segwit mill-proposta, sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza ġuridika u t-trasparenza għall-operaturi ekonomiċi, inklużi intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u biex persuni ġuridiċi u fiżiċi fl-Istati Membri kollha jiġu pprovduti bl-istess livell ta' drittijiet u obbligi legalment infurzabbli, biex jiġi żgurat infurzar konsistenti fl-Istati Membri kollha, kif ukoll kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti.

Il-proposta se ssaħħaħ is-suq intern għad-*data* billi żżid iċ-ċertezza legali u tiggarantixxi qafas legali uniformi, orizzontali u koerenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta tibni parzjalment fuq l-aħħar evalwazzjoni tad-Direttiva dwar id-Database u l-istudju tal-Kummissjoni li jappoġġa r-rieżami tad-Direttiva[44]. Id-Direttiva dwar id-Database introdućiet, fost affarijiet oħra, dritt *sui generis* speċifiku għall-protezzjoni tal-bażijiet tad-*data* jekk il-produttur ta' bażi tad-*data* jkun investa sostanzjalment fil-kisba, fil-verifika u fil-

[44] COM/2017/09 final; SWD(2018) 146 finali, taqsima 5.4.2; Studju biex Jappoġġa Valutazzjoni tal-Impatt għar-Rieżami tad-Direttiva dwar id-Database.

preżentazzjoni tad-*data*. Mill-ewwel adozzjoni tagħha, id-Direttiva ġiet evalwata darbtejn. Iż-żewġ evalwazzjonijiet ġew issupplimentati bil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika għall-ekonomija tad-*data*[45].

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħħet il-fehim ta' investimenti sostanzjali f'bażi tad-*data*, u ċċarat li d-dritt *sui generis* għandu l-għan li jipproteġi l-investimenti fil-ġbir, mhux il-ħolqien ta' *data*[46] bħala prodott sekondarju ta' attività ekonomika oħra. Madankollu, għad hemm inċertezza dwar l-applikazzjoni aċċidentali jew mhux intenzjonata tad-dritt *sui generis* għal bażijiet tad-*data* li fihom *data* ġġenerata minn magni, jiġifieri *data* miksuba minn jew iġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati. Hemm bżonn li jiġu bbilanċjati l-objettivi ta' politika tal-protezzjoni tal-IP ta' tali bażijiet tad-*data* fil-kuntest tal-ekonomija tad-*data*, fejn l-esklużività tad-*data* bħala oġġett mhux rivali ġeneralment titqies bħala impediment għall-innovazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-interventi regolatorji proposti f'din il-proposta, l-intervent fuq id-dritt *sui generis* jindirizza speċifikament l-applikazzjoni problematika identifikata tad-dritt *sui generis* fil-kuntest tal-internet tal-oġġetti. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tħejji wkoll l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1807, li mistennija għal Novembru 2022. Ir-rapporti inizjali minn kuntratturi esterni wrew l-effett limitat tal-Kodiċijiet ta' Kondotta tal-SWIPO fuq il-qlib tal-cloud.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Inbdiet ħidma estensiva matul il-mandat tal-Kummissjoni preċedenti dwar l-identifikazzjoni tal-problemi li qed jipprevjenu lill-Unjoni milli twettaq il-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni mmexxija mid-*data* fl-ekonomija. Il-proposta tibni fuq azzjonijiet ta' konsultazzjoni tal-passat, bħall-konsultazzjoni pubblika tal-2017 li tappoġġa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data*"[47], il-konsultazzjoni pubblika tal-2017 dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar id-Database, il-konsultazzjoni pubblika tal-2018 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-konsultazzjoni tal-bord tal-SMEs tal-2018 dwar il-prinċipji u l-gwida tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji, u l-konsultazzjoni miftuħa online tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għad-*Data*[48] minn Frar sa Mejju 2020.

Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu ġiet ippubblikata fuq il-portal għar-Regolamentazzjoni Aħjar fit-28 ta' Mejju 2021 u tħalliet miftuħa għal rispons għal 4 ġimgħat. Il-Kummissjoni rċeviet 91 kontribut fuq il-Portal għar-Regolamentazzjoni Aħjar[49], prinċipalment min-negozji.

Sussegwentement, fit-3 ta' Ġunju 2021 ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika online dwar l-Att dwar id-*Data*. Din għalqet fit-3 ta' Settembru 2021. Il-konsultazzjoni indirizzat il-punti koperti fl-inizjattiva b'taqsimiet u b'mistoqsijiet rilevanti. Din kellha fil-mira tagħha t-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati, u ġabret kontribut dwar il-kondiviżjoni tad-*data*, l-aċċess u l-użu f'kuntesti minn negozju għal negozju u minn negozju għal gvern, dwar l-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur u l-portabbiltà tad-*data*, ir-rwol potenzjali ta' miżuri tekniċi bħal kuntratti intelliġenti, l-abbiltà tal-utent li jaqleb bejn is-servizzi tal-cloud, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (jiġifieri l-protezzjoni tal-bażi tad-*data*), u s-salvagwardji

---

45 COM/2017/09 final; COM/2020/66 final; COM/2020/760 final.

46 Fixtures Marketing Ltd vs Oy Veikkaus Ab (C-46/02, 9/11/2004), Fixtures Marketing Ltd vs Svenska Spel Ab (C-338/02, 9/11/2004) British Horseracing Board Ltd vs William Hill (C-203/02, 9/11/2004) Fixtures Marketing Ltd vs OPAP (C-444/02, 9/11/2004).

47 COM/2017/09 final.

48 Il-Kummissjoni Ewropea (2020). *L-eżitu tal-konsultazzjoni online dwar l-istrateġija Ewropea għad-data.*

49 *Sit web tal-Kummissjoni Ewropea*: *Semma' Leħnek – L-Att dwar id-*Data, *regoli emendati dwar il-protezzjoni legali tal-bażijiet tad-data.*

għal *data* mhux personali fil-kuntest internazzjonali. Wara li wettqet analiżi fil-fond tat-tweġibiet, il-Kummissjoni ppubblikat rapport fil-qosor fuq is-sit web tagħha[50].

B'kollox, waslu 449 kontribut minn 32 pajjiż. L-entitajiet kummerċjali kkostitwew l-akbar għadd ta' kontributi, li inkludew 122 assoċjazzjoni tan-negozju u 105 kumpaniji/ organizzazzjonijiet tan-negozju. Barra minn hekk, 100 rispondent kienu awtoritajiet pubbliċi u 58 kienu membri individwali tal-pubbliku. Ġeneralment, it-tweġibiet ikkonfermaw li hemm diversi ostakli għall-kondiviżjoni tad-*data* b'mod effettiv u effiċjenti fit-tipi kollha ta' relazzjonijiet tad-*data*.

Fil-kuntest ta' negozju għal negozju, minkejja li l-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji hija prattika komuni, dawk li wieġbu li kellhom diffikultajiet identifikaw ostakli bħal dawk ta' natura teknika (formati, nuqqas ta' standards – 69 %); rifjut assolut li jingħata aċċess mhux marbut ma' tħassib dwar il-kompetizzjoni (55 %) jew l-abbuż ta' żbilanċ kuntrattwali (44 %). Fir-rigward ta' kwistjonijiet kuntrattwali, kważi nofs ir-rispondenti kienu favur l-introduzzjoni ta' test ta' nuqqas ta' ġustizzja (46 %), filwaqt li aktar mid-doppju tar-rispondenti ma kinux favur (21 %). L-SMEs urew appoġġ qawwi (50 %) għal test ta' inġustizzja, u għadd sinifikanti ta' kumpaniji kbar kienu wkoll favur (41 %) tiegħu. Bl-istess mod, 46 % tal-partijiet ikkonċernati fis-setturi kollha wrew appoġġ għar-regoli ġenerali dwar l-aċċess abbażi ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji (46 %). 60 % tar-rispondenti, l-SMEs u l-mikrokumpaniji b'mod partikolari (78 %), qablu li termini kuntrattwali mudell jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fil-kondiviżjoni tad-*data*. 70 % tal-partijiet ikkonċernati esprimew l-opinjoni li hemm problema ta' ġustizzja bid-*data* ġġenerata fil-kuntest tal-internet tal-oġġetti, u li l-manifatturi ta' prodotti konnessi jew servizzi relatati jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jiddeċiedu unilateralment dwar x'jiġri mid-*data* ġġenerata minn tali prodotti. 79 % tar-rispondenti qiesu li l-kuntratti intelliġenti jistgħu jkunu għodda effettiva għall-implimentazzjoni teknika tal-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha fil-kuntest tal-internet tal-oġġetti tad-*data* ġġenerat b'mod konġunt.

L-inċertezza u l-ostakli legali, id-diżinċentivi kummerċjali, u n-nuqqas ta' infrastruttura xierqa kienu fost il-fatturi ewlenin li jimpedixxu l-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern identifikati mir-rispondenti. Kważi l-awtoritajiet pubbliċi kollha jqisu li hija meħtieġa azzjoni (Unjoni jew Stat Membru) dwar il-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern, meta mqabbla ma' 80 % tal-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka u 38 % tal-kumpaniji/tal-organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet tan-negozju. Maġġoranza ċara tal-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari ċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi) esprimew ukoll l-opinjoni li l-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern jenħtieġ li tkun obbligatorja, b'salvagwardji ċari għal każijiet speċifiċi ta' użu b'interess pubbliku ċar f'emerġenzi u għal finijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, għall-istatistika uffiċjali, għall-protezzjoni ambjentali u għal soċjetà aktar b'saħħitha b'mod ġenerali.

Ir-rispondenti kkonfermaw ukoll l-utilità ta' dritt għall-qlib għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-cloud. Fir-rigward tas-salvagwardji għal *data* mhux personali f'kuntesti internazzjonali, 76 % tar-rispondenti jqisu l-aċċess potenzjali għad-*data* minn awtoritajiet barranin abbażi tal-leġiżlazzjoni barranija bħala riskju għall-organizzazzjoni tagħhom, bi 19 % jindikaw li dan huwa riskju kbir.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta kienet appoġġata minn diversi studji, workshops u input ieħor ta' esperti:

[50] Il-Kummissjoni Ewropea (2021). *Public consultation on the Data Act: rapport fil-qosor*.

– **Studju biex jappoġġa din il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar it-tisħiħ tal-użu tad-*data* fl-Ewropa**, inklużi intervisti ma' partijiet ikkonċernati. Dan kien jinkludi żewġ workshops transsettorjali dwar il-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u bejn in-negozji u l-gvern, u workshop finali ta' validazzjoni organizzat fir-rebbiegħa tal-2021.

– **Studju dwar termini kuntrattwali mudelli, il-kontroll tal-ġustizzja fil-kondiviżjoni tad-*data* u fil-kuntratti tal-cloud u dwar id-drittijiet tal-aċċess għad-*data*** vvaluta, b'mod partikolari, l-aspetti tal-ġustizzja fir-relazzjonijiet tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u inkluda intervisti mmirati mal-partijiet ikkonċernati u workshop ta' validazzjoni.

– **Studju dwar id-detriment ekonomiku minħabba termini kuntrattwali inġusti u żbilanċjati tal-cloud computing.** Dan kien jinkludi stħarriġ online ta' kampjun ta' SMEs u negozji ġodda li jużaw il-cloud computing għat-twettiq tan-negozju tagħhom.

– **Studju dwar il-qlib tal-forniturі tas-servizzi tal-cloud**, inkluż workshop transsettorjali fit-tieni kwart tal-2017.

– **Studju b'appoġġ għar-rieżami tad-Direttiva dwar id-Database**, inklużi intervisti ma' partijiet ikkonċernati fil-mira. Dan għen lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt biex takkumpanja r-rieżami tad-Direttiva dwar id-Database, fil-kuntest tal-Att dwar id-*Data* u fl-ilħuq tal-objettivi li jidħlu fuq xulxin tagħhom.

– **Appoġġ metodoloġiku għall-valutazzjoni tal-impatt tal-użu ta' *data* miżmuma privatament mill-istatistika uffiċjali**. Dan l-eżerċizzju jipprovdi kontribut għall-valutazzjoni tal-impatt tal-użu mill-ġdid ta' *data* min-negozju għal gvern fl-istatistika uffiċjali billi jiġi żviluppat approċċ metodoloġiku u billi jiġu deskritti l-benefiċċji u l-kostijiet tal-użu mill-ġdid tad-*data* u ta' każijiet ta' użu magħżul għal oqsma statistiċi differenti u tipi differenti ta' *data* tas-settur privat. Barra minn hekk, jikkontribwixxi għar-riċerka u d-deliberazzjonijiet kontinwi sabiex wieħed jasal għal fehim aħjar tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern.

– **Webinars dwar pjattaformi ta' *data* personali u pjattaformi ta' *data* industrijali**. Ġew organizzati tliet webinars fis-6, fis-7 u fit-8 ta' Mejju 2020. Huma ġabru flimkien il-proġetti rilevanti tal-pjattaforma tad-*data* fil-portafoll tas-Sħubija Pubblika-Privata tal-Big Data Value.

– **Rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-Negozji u l-Gvern.** Ir-rapport jipprovdi analiżi tal-problemi relatati mal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern fl-Unjoni u joffri sett ta' rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern li tkun skalabbli, responsabbli u sostenibbli fl-interess tal-pubbliku. Minbarra r-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex tesplora qafas ġuridiku f'dan il-qasam, dan ippreżenta diversi modi biex il-kumpaniji privati jitħeġġu jikkondividu d-*data* tagħhom. Dawn jinkludu inċentivi monetarji u mhux monetarji, bħal inċentivi fiskali, investiment ta' fondi pubbliċi li jappoġġa l-iżvilupp ta' għodod tekniċi fdati, u skemi ta' rikonoxximent għall-kondiviżjoni tad-*data*.

– **Workshop dwar it-tikketti għal / ċertifikazzjoni tal-forniturі ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-iskambju tad-*data***. Madwar mitt parteċipant min-negozji (inklużi l-SMEs), l-istituzzjonijiet Ewropej u l-akkademiċi attendew dan il-webinar fit-12 ta' Mejju 2020. L-għan tiegħu kien li jeżamina jekk skema ta' tikkettar jew

ċertifikazzjoni tistax tagħti spinta lill-użu kummerċjali tal-intermedjarji tad-*data* billi ttejjeb il-fiduċja fl-ekosistema tad-*data*.

– **Għaxar workshops organizzati bejn Lulju u Novembru 2019 involvew aktar minn 300 parti kkonċernata u koprew setturi differenti**. Il-workshops iddiskutew kif l-organizzazzjoni **tal-kondiviżjoni tad-*data* f'ċerti oqsma,** bħall-ambjent, l-agrikoltura, l-enerġija jew il-kura tas-saħħa, tista' tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi, billi tgħin lill-atturi pubbliċi jfasslu politiki aħjar u jtejbu s-servizzi pubbliċi, kif ukoll l-atturi privati biex jipproduċu servizzi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.

– **Konsultazzjoni mal-Bord tal-SMEs.** Din il-konsultazzjoni tal-bord, organizzata minn Ottubru 2018 sa Jannar 2019, fittxet il-fehmiet tal-SMEs dwar il-prinċipji u l-gwida tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji tal-Kummissjoni maħruġa fil-Komunikazzjoni "*Għal spazju tad-dejta komuni Ewropew*" u li takkumpanja d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-25 ta' April 2018[51].

– **L-aħħar Ewrobarometru dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni.** Dan l-istħarriġ ġenerali dwar il-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej jinkludi mistoqsijiet dwar il-kontroll tan-nies fuq u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni personali. Ippubblikat fil-5 ta' Marzu 2020, jipprovdi informazzjoni dwar ir-rieda taċ-ċittadini Ewropej li jaqsmu l-informazzjoni personali tagħhom, inkluż taħt liema kundizzjonijiet.

– **L-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*** (EDPS) dwar l-istrateġija Ewropea għad-*data*[52]. Fis-16 ta' Ġunju 2020, l-EDPS adotta l-Opinjoni 3/2020 dwar l-istrateġija Ewropea għad-*data*. L-EDPS laqa' l-istrateġija, filwaqt li kkunsidra l-implimentazzjoni tagħha opportunità biex jiġi stabbilit eżempju għal mudell alternattiv tal-ekonomija tad-*data*.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt[53], ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) fid-29 ta' Settembru 2021 u fit-13 ta' Diċembru 2021. Fil-21 ta' Jannar 2022, il-Bord ta opinjoni pożittiva soġġetta għal riżervi.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Billi jiġi ċċarat li d-dritt *sui generis* skont id-Direttiva dwar id-Database (id-Direttiva 96/9/KE) ma japplikax għal bażijiet tad-*data* li fihom *data* ġġenerata jew miksuba mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati, il-proposta tiżgura li d-dritt *sui generis* ma jfixkilx id-drittijiet għan-negozji u għall-konsumaturi biex jaċċessaw u jużaw id-*data* u biex jikkondividu d-*data* prevista f'dan ir-Regolament. Il-kjarifika se tallinja l-applikazzjoni tad-dritt *sui generis* mal-għan tal-proposta leġiżlattiva u se jkollha impatt pożittiv fuq l-applikazzjoni uniformi tar-regoli fis-suq intern u għall-ekonomija tad-*data*.

Billi jiffaċilita l-aċċess u l-użu tad-*data*, l-Att dwar id-*Data* jenħtieġ li jnaqqas il-piżijiet, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fost in-negozji, prinċipalment bħala riżultat tat-tnaqqis tal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u f'termini ta' titjib fl-effiċjenza. Fl-ambitu tal-prinċipju ta' "one in, one out"[54], li għandu l-għan li jimminimizza l-piżijiet għaċ-ċittadini u għan-negozji relatati mal-implikazzjonijiet u l-kostijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-piż amministrattiv nett

51 COM(2018) 232 final; SWD(2018) 125 final tal-25.4.2018.
52 EDPS Opinion 3/2020 on the European Strategy for Data.
53 **[Iridu jiżdiedu l-links tad-dokument ta' eżitu u tal-iskeda tas-sommarju.]**
54 SWD(2021) 305 final.

stmat tal-Att dwar id-*Data*, abbażi tal-Valutazzjoni tal-Impatt, jammonta għal benefiċċji li x'aktarx ma jpaċux biss iżda li jisbqu bil-kbir il-kostijiet amministrattivi assoċjati.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza tal-komunikazzjoni u tat-tagħmir terminali u tipprevedi salvagwardji addizzjonali fejn jista' jkun ikkonċernat l-aċċess għad-*data* personali, kif ukoll f'każijiet soġġetti għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Fil-Kapitolu II, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur huwa msaħħaħ bid-dritt il-ġdid ta' aċċess għad-*data* ġġenerata mill-utenti f'sitwazzjonijiet li qabel ma kinux koperti mid-dritt tal-Unjoni. Id-dritt għall-użu u għar-rimi ta' possessjonijiet akkwistati legalment huwa msaħħaħ bi dritt għall-aċċess ta' *data* ġġenerata mill-użu ta' oġġett tal-internet tal-oġġetti. B'dan il-mod, is-sid jista' jibbenefika minn esperjenza aħjar tal-utent u minn firxa usa' ta', pereżempju, servizzi ta' tiswija u manutenzjoni. Fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tat-tfal bħala konsumaturi vulnerabbli jistħoqqilhom attenzjoni speċifika u r-regoli tal-Att dwar id-*Data* se jikkontribwixxu għal ċarezza dwar is-sitwazzjonijiet ta' aċċess u użu tad-*data*.

Id-dritt ta' aċċess għad-*data* dwar l-internet tal-oġġetti għal partijiet terzi fuq talba tal-utent jillimita l-libertà li jitwettaq negozju u l-libertà ta' kuntratt tal-manifattur jew tad-disinjatur ta' prodott jew ta' servizz relatat. Il-limitazzjoni hija ġġustifikata sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari biex jiġu promossi l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur. Il-manifattur jew id-disinjatur ta' prodott jew ta' servizz relatat tipikament ikollu kontroll esklużiv fuq l-użu ta' *data* ġġenerata bl-użu ta' prodott jew ta' servizz relatat, li jikkontribwixxi għall-effetti ta' lock-in u jfixkel id-dħul fis-suq għal atturi li joffru servizzi ta' wara l-bejgħ. Id-dritt tal-aċċess għad-*data* tal-internet tal-oġġetti jindirizza din is-sitwazzjoni billi jagħti aktar setgħa lill-konsumaturi li jużaw prodotti jew servizzi relatati biex jikkontrollaw b'mod sinifikanti kif tintuża d-*data* ġġenerata mill-użu tagħhom tal-prodott jew tas-servizz relatat u jippermetti l-innovazzjoni minn aktar atturi tas-suq. Għalhekk, il-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw minn għażla usa' fis-servizzi ta' wara l-bejgħ, bħat-tiswija u l-manutenzjoni, u ma għadhomx jiddependu biss fuq is-servizzi tal-manifattur. Il-proposta tiffaċilita l-portabbiltà tad-*data* tal-utent lil partijiet terzi u b'hekk tippermetti offerta kompetittiva ta' servizzi ta' wara l-bejgħ, kif ukoll innovazzjoni usa' bbażata fuq id-*data* u l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi mhux relatati ma' dawk inizjalment mixtrija jew abbonati mill-utent.

Il-limitazzjoni tal-libertà tal-manifattur jew tad-disinjatur li jikkuntratta u li jwettaq negozju hija proporzjonata u mmitigata mill-kapaċità mhux affettwata tal-manifattur jew tad-disinjatur li juża wkoll id-*data*, sa fejn tkun konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli u mal-ftehim mal-utent. Barra minn hekk, il-manifattur jew id-disinjatur se jibbenefikaw ukoll mid-dritt li jintalab kumpens biex jippermetti aċċess għal partijiet terzi. Id-dritt ta' aċċess huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet eżistenti ta' aċċess u portabbiltà għas-suġġetti tad-*data* skont il-GDPR. Salvagwardji addizzjonali jiżguraw użu proporzjonat tad-*data* mill-parti terza.

Fil-Kapitolu IV, sistema ġusta u effettiva ta' protezzjoni kontra termini kuntrattwali inġusti fil-kondiviżjoni tad-*data* se tikkontribwixxi għall-kapaċità tal-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju li jwettqu negozju. Din id-dispożizzjoni tillimita l-libertà kuntrattwali tal-kumpaniji fl-ambitu sa ċertu punt limitat, peress li tapplika biss għal termini kuntrattwali inġusti relatati mal-aċċess għad-*data* u l-użu imposti unilateralment minn parti kuntrattwali waħda fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju. Dan huwa ġġustifikat minħabba li l-

SMEs tipikament ikunu f'pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa u spiss jitħallew mingħajr għażla oħra għajr li jaċċettaw termini kuntrattwali "take it or leave it". Il-libertà kuntrattwali fil-biċċa l-kbira tibqa' mhux affettwata peress li t-termini eċċessivi u abbużivi biss huma invalidati, u l-kuntratt konkluż, jekk possibbli, jibqa' validu mingħajr it-termini inġusti. Barra minn hekk, il-partijiet xorta jistgħu jinnegozjaw individwalment terminu kuntrattwali speċifiku[55].

Fil-Kapitolu V, id-dispożizzjonijiet relatati mal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji u l-gvern abbażi ta' ħtieġa eċċezzjonali se jsaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jieħdu azzjoni għall-ġid komuni, bħal li jirrispondu, jipprevjenu jew jgħinu fl-irkupru minn emerġenza pubblika. Is-settur privat ukoll jibbenefika mis-simplifikazzjoni tal-proċeduri tat-talba għad-*data*.

Fil-Kapitolu VI, id-dispożizzjonijiet dwar il-qlib tal-forniturі tal-ipproċessar tad-*data* jsaħħu l-pożizzjoni tal-klijenti kummerċjali u jissalvagwardjaw l-għażla tagħhom li jibdlu l-fornitur. Il-limitazzjoni tad-dritt li jitwettaq negozju għall-forniturі tal-ipproċessar tad-*data* hija ġġustifikata minħabba li r-regoli l-ġodda jindirizzaw l-effetti ta' lock-in fis-suq tal-cloud u tal-edge u jtejbu l-għażla għall-utenti kummerċjali u għall-individwi tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.

Fil-Kapitolu X, l-intervent fuq id-dritt tal-bażi tad-*data sui generis* tad-Direttiva dwar id-Database ma jillimitax il-protezzjoni tal-IP fiha. Minflok jikkontribwixxi għaċ-ċertezza ġuridika f'każijiet fejn il-protezzjoni tad-dritt *sui generis* qabel ma kinitx ċara.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta mhux se jkollha implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fuq livell settorjali u makroekonomiku, l-istudju kontinwu ta' Monitoraġġ tas-Suq tad-*Data* se jgħin biex jiġi traċċat l-impatt ekonomiku tal-proposta attwali fuq it-tkabbir tas-suq tad-*data* fl-Unjoni.

L-impatt fuq l-SMEs, jiġifieri l-perċezzjoni tagħhom tal-problemi relatati mal-aċċess u l-użu tad-*data*, se jiġi vvalutat b'konsultazzjoni mal-bord tal-SMEs ħames snin wara l-adozzjoni tal-Att dwar id-*Data*.

Minħabba r-rwol ċentrali tal-Ispazji Komuni Ewropej tad-*Data* fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għad-*data*, ħafna mill-effetti ta' din l-inizjattiva se jiġu mmonitorjati fuq il-livell tal-ispazji settorjali tad-*data*, u l-intuwiti miġbura miċ-Ċentru ta' Appoġġ għall-Ispazji tad-*Data* li għandu jiġi ffinanzjat taħt il-Programm Ewropa Diġitali. L-interazzjoni regolari bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, iċ-Ċentru ta' Appoġġ u l-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-*Data* (li għandu jiġi stabbilit wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Governanza tad-*Data*) jenħtieġ li sservi bħala sors affidabbli ta' informazzjoni li tippermetti li jiġi vvalutat il-progress.

Fl-aħħar nett, se titnieda evalwazzjoni erba' snin wara l-adozzjoni tal-Att dwar id-*Data* biex

[55] Għal aktar spjegazzjonijiet dwar it-test tal-inġustizzja u l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali ara l-Valutazzjoni tal-Impatt, l-Anness 11.

tiġi evalwata l-inizjattiva u biex titħejja aktar azzjoni kif meħtieġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jiddefinixxi s-suġġett tar-regolament u jistabbilixxi d-definizzjonijiet użati fl-istrument kollu.

Il-Kapitolu II iżid iċ-ċertezza ġuridika għall-konsumaturi u n-negozji biex jaċċessaw *data* ġġenerata mill-prodotti jew minn servizzi relatati li huma jkunu s-sid tagħhom, jikru jew jagħmlu lokazzjoni tagħhom. Il-manifatturi u d-disinjaturi jridu jfasslu l-prodotti b'mod li jagħmlu d-*data* faċilment aċċessibbli b'mod awtomatiku, u se jkollhom ikunu trasparenti dwar liema *data* se tkun aċċessibbli u kif għandhom jaċċessawhom. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu ma għandhomx jaffettwaw il-possibbiltà għall-manifatturi li jaċċessaw u li jużaw *data* minn prodotti jew minn servizzi relatati li huma joffru, fejn dan ikun miftiehem mal-utent. Hemm obbligu tad-detentur tad-*data* li jagħmel din id-*data* disponibbli għal partijiet terzi fuq talba tal-utent. L-utenti se jkunu intitolati li jawtorizzaw lid-detentur tad-*data* biex jagħti aċċess għad-*data* lil fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi, bħal fornituri ta' servizzi ta' wara l-bejgħ. L-intrapriżi mikro u żgħar se jkunu eżentati minn dawn l-obbligi.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi regoli ġenerali applikabbli għall-obbligi li d-*data* tkun magħmula disponibbli. Meta detentur tad-*data* jkun obbligat li jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data* bħal fil-Kapitolu II jew fi dritt ieħor tal-Unjoni jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Istati Membri, il-qafas ġenerali jindirizza l-kundizzjonijiet li taħthom id-*data* ssir disponibbli u l-kumpens biex id-*data* ssir disponibbli. Kull kundizzjoni trid tkun ġusta u nondiskriminatorja, u kull kumpens irid ikun raġonevoli, mingħajr ma jipprekludi dritt ieħor tal-Unjoni jew leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni milli teskludi l-kumpens jew tipprovdi għal kumpens aktar baxx biex id-*data* ssir disponibbli. Kwalunkwe kumpens stabbilit għall-SMEs ma jistax jaqbeż l-ispejjeż imġarrba biex id-*data* ssir disponibbli, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġiżlazzjonijiet settorjali. Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim iċċertifikati mill-Istati Membri jistgħu jassistu lill-partijiet li ma jaqblux dwar il-kumpens jew il-kundizzjonijiet li għandhom jaslu għal ftehim.

Il-Kapitolu IV jindirizza n-nuqqas ta' ġustizzja tat-termini kuntrattwali fil-kuntratti ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji, f'sitwazzjonijiet fejn terminu kuntrattwali jiġi impost unilateralment minn parti waħda fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju. Dan il-Kapitolu jiggarantixxi li l-ftehimiet kuntrattwali dwar l-aċċess u l-użu tad-*data* ma jiħdux vantaġġ mill-iżbilanċi fis-setgħa ta' negozjar bejn il-partijiet kuntrattwali. L-istrument ta' test tal-inġustizzja jinkludi dispożizzjoni ġenerali li tiddefinixxi n-nuqqas ta' ġustizzja ta' terminu kuntrattwali relatat mal-kondiviżjoni tad-*data* kkomplementata b'lista ta' klawżoli li huma dejjem inġusti jew preżunti li huma inġusti. F'sitwazzjonijiet ta' setgħa ta' negozjar mhux ugwali, dak it-test jipproteġi lill-parti kuntrattwali l-aktar dgħajfa, sabiex jiġu evitati kuntratti inġusti. Tali inġustizzja tfixkel l-użu tad-*data* miż-żewġ partijiet kuntrattwali. B'dan il-mod, id-dispożizzjonijiet jiżguraw allokazzjoni aktar ġusta tal-valur fl-ekonomija tad-*data*[56]. Il-mudelli ta' termini kuntrattwali rakkomandati mill-Kummissjoni jistgħu jgħinu lill-partijiet kummerċjali jikkonkludu kuntratti bbażati fuq termini ġusti.

Il-Kapitolu V joħloq qafas armonizzat għall-użu minn korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni ta' *data* miżmuma minn intrapriżi f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali għad-*data* mitluba. Il-qafas huwa bbażat fuq obbligu li d-*data* ssir disponibbli u japplika biss fil-każ ta' emerġenzi pubbliċi jew f'sitwazzjonijiet fejn il-

[56] Għal aktar spjegazzjonijiet dwar it-test tal-inġustizzja, inkluż dwar il-funzjonament fil-prattika, ara l-Anness 11 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

korpi tas-settur pubbliku jkollhom ħtieġa eċċezzjonali li jużaw ċerta *data*, iżda tali *data* ma tistax tinkiseb fis-suq, fil-ħin permezz tal-promulgazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, jew permezz ta' obbligi ta' rapportar eżistenti. F'każ ta' ħtieġa eċċezzjonali għal rispons għall-emerġenza pubblika, bħal emerġenzi tas-saħħa pubblika, jew diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem maġġuri, id-*data* tkun disponibbli mingħajr ħlas. F'każijiet oħra ta' ħtieġa eċċezzjonali, inkluż biex jiġi evitat jew assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika, id-detentur tad-*data* li jagħmel id-*data* disponibbli jenħtieġ li jkun intitolat għal kumpens li jinkludi l-kostijiet relatati mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-*data* rilevanti flimkien ma' marġni raġonevoli. Sabiex jiġi żgurat li d-dritt li tintalab id-*data* ma jiġix abbużat u li s-settur pubbliku jibqa' responsabbli għall-użu tagħha, it-talbiet għad-*data* jkollhom ikunu proporzjonati, jindikaw b'mod ċar l-għan li għandu jinkiseb, u jirrispettaw l-interessi tal-intrapriża li tagħmel id-*data* disponibbli. L-awtoritajiet kompetenti jiżguraw it-trasparenza u d-disponibbiltà pubblika tat-talbiet kollha. Huma jittrattaw ukoll kwalunkwe lment li jirriżulta.

Il-Kapitolu VI jintroduċi rekwiżiti regolatorji minimi ta' natura kuntrattwali, kummerċjali u teknika, imposti fuq il-forniturі ta' servizzi ta' cloud, edge u ta' servizzi ta' pproċessar ta' *data* oħrajn, biex ikun jista' jsir il-qlib bejn tali servizzi. B'mod partikolari, il-proposta tiżgura li l-klijenti jżommu ekwivalenza funzjonali (livell minimu ta' funzjonalità) tas-servizz wara li jkunu qalbu għal fornitur ieħor tas-servizz. Il-proposta fiha eċċezzjoni għan-nuqqas ta' fattibbiltà teknika, iżda tpoġġi l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward fuq il-fornitur tas-servizz. Il-proposta ma tordnax standards tekniċi jew interfaċċi speċifiċi. Madankollu, teħtieġ li s-servizzi jkunu kompatibbli mal-istandards Ewropej jew mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi miftuħa tal-interoperabbiltà fejn dawn jeżistu.

Il-Kapitolu VII jindirizza l-aċċess illegali ta' partijiet terzi għal *data* mhux personali miżmuma fl-Unjoni minn servizzi tal-ipproċessar tad-*data* offruti fis-suq tal-Unjoni. Il-proposta ma taffettwax il-bażi ġuridika tat-talbiet għall-aċċess għad-*data* magħmula għad-*data* miżmuma miċ-ċittadini jew min-negozji tal-UE u hija mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza tal-Unjoni. Dan joffri salvagwardji speċifiċi, permezz tal-forniturі li jkollhom jieħdu l-miżuri tekniċi, legali u organizzattivi raġonevoli kollha biex jipprevjenu tali aċċess li jkun f'kunflitt mal-obbligi kompetittivi biex tiġi protetta tali *data* skont id-dritt tal-Unjoni, sakemm ma jiġux issodisfati kundizzjonijiet stretti. Ir-Regolament jikkonforma mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fid-WTO u fi ftehimiet kummerċjali bilaterali.

Il-Kapitolu VIII jipprevedi r-rekwiżiti essenzjali li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-interoperabbiltà għall-operaturi tal-ispazji tad-*data* u l-forniturі tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* kif ukoll għar-rekwiżiti essenzjali għall-kuntratti intelliġenti. Il-Kapitolu jippermetti wkoll speċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u standards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* biex jiġi promoss ambjent tal-cloud multi-vendor mingħajr xkiel.

Il-Kapitolu IX jistabbilixxi l-qafas ta' implimentazzjoni u infurzar mal-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru, inkluż mekkaniżmu għall-ilmenti. Il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda mudelli volontarji ta' termini kuntrattwali dwar l-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha. Il-penali għandhom japplikaw għall-ksur ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu X fih dispożizzjoni sabiex id-dritt *sui generis* stabbilit fid-Direttiva 96/9/KE ma japplikax għal bażijiet tad-*data* li fihom *data* miksuba minn jew iġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat biex jiġi ostakolat l-eżerċitar effettiv tad-dritt tal-utenti li jaċċessaw u li jużaw *data* f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament jew mad-dritt li tali *data* tiġi kondiviża ma' partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu XI jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tintroduċi mekkaniżmu ta' monitoraġġ dwar l-imposti tal-qlib imposti fuq il-forniturи ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, biex tispeċifika ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali rigward l-interoperabbiltà, u biex tiġi ppubblikata r-referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u tal-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*. Huwa jipprevedi wkoll li l-proċedura tal-kumitat tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiffaċilita l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni għall-interoperabbiltà u kuntratti intelliġenti fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati jew fejn dawn ikunu insuffiċjenti biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali. Il-proposta tiċċara wkoll ir-relazzjoni ma' atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligi tal-kondiviżjoni tad-*data*.

2022/0047 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (L-Att dwar id-*Data*)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[57],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[58],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) F'dawn l-aħħar snin, it-teknoloġiji xprunati mid-*data* kellhom effetti trasformattivi fuq is-setturi kollha tal-ekonomija. Il-proliferazzjoni fi prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti b'mod partikolari żiedet il-volum u l-valur potenzjali tad-*data* għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà. *Data* ta' kwalità għolja u interoperabbli minn oqsma differenti żżid il-kompetittività u l-innovazzjoni u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-istess sett ta' *data* jista' potenzjalment jintuża u jintuża mill-ġdid għal varjetà ta' skopijiet u sa grad mhux limitat, mingħajr ebda telf fil-kwalità jew fil-kwantità tiegħu.

(2) L-ostakli għall-kondiviżjoni tad-*data* jipprevjenu allokazzjoni ottimali tad-*data* għall-benefiċċju tas-soċjetà. Dawn l-ostakli jinkludu nuqqas ta' inċentivi għad-detenturi tad-*data* biex jidħlu b'mod volontarju fi ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tad-*data*, inċertezza dwar id-drittijiet u l-obbligi fir-rigward tad-*data*, il-kostijiet tal-ikkuntrattar u tal-implimentazzjoni tal-interfaċċi tekniċi, il-livell għoli ta' frammentazzjoni tal-informazzjoni f'silos tad-*data*, ġestjoni dgħajfa tal-metadata, in-nuqqas ta' standards għall-interoperabbiltà semantika u teknika, il-konġestjonijiet li jimpedixxu l-aċċess għad-*data*, in-nuqqas ta' prattiki komuni ta' kondiviżjoni tad-*data* u l-abbuż ta' żbilanċi kuntrattwali fir-rigward tal-aċċess u l-użu tad-*data*.

(3) F'setturi kkaratterizzati mill-preżenza ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, ta' spiss ikun hemm nuqqas ta' kapaċitajiet u ħiliet diġitali għall-ġbir, għall-analiżi u għall-użu tad-*data*, u l-aċċess huwa spiss ristrett fejn attur wieħed iżommha fis-sistema

[57] ĠU C , , p. .
[58] ĠU C , , p. .

jew minħabba nuqqas ta' interoperabbiltà bejn id-*data*, bejn is-servizzi tad-*data* jew bejn il-fruntieri.

(4) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali u biex jitneħħew l-ostakli għal suq intern tad-*data* li jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas armonizzat li jispeċifika min, minbarra l-manifattur jew detentur ieħor tad-*data* huwa intitolat li jaċċessa d-*data* ġġenerata minn prodotti jew minn servizzi relatati, taħt liema kundizzjonijiet u fuq liema bażi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament f'dan ir-Regolament, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi ta' dan ir-Regolament.

(5) Dan ir-Regolament jiżgura li l-utenti ta' prodott jew ta' servizz relatat fl-Unjoni jkunu jistgħu jaċċessaw, fil-ħin, id-*data* ġġenerata mill-użu ta' dak il-prodott jew ta' dak is-servizz relatat u li dawk l-utenti jkunu jistgħu jużaw id-*data*, inkluż billi jikkondividu d-*data* ma' partijiet terzi tal-għażla tagħhom. Huwa jimponi l-obbligu fuq id-detentur tad-*data* li jagħmel id-*data* disponibbli għall-utenti u għal partijiet terzi nnominati mill-utenti f'ċerti ċirkostanzi. Jiżgura wkoll li d-detenturi tad-*data* jagħmlu d-*data* disponibbli għar-riċevituri tad-*data* fl-Unjoni taħt termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti. Ir-regoli tal-liġi privata huma kruċjali fil-qafas ġenerali tal-kondiviżjoni tad-*data*. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta r-regoli tal-liġi kuntrattwali u jipprevjeni l-isfruttament ta' żbilanċi kuntrattwali li jxekklu l-aċċess u l-użu ġust tad-*data* għall-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li d-detenturi tad-*data* jagħmlu disponibbli lill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali, id-*data* li hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mwettqa fl-interess pubbliku. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ifittex li jiffaċilita l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* u li jsaħħaħ l-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data* u tad-*data* fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika għad-detentur tad-*data* biex iżomm, ikollu aċċess għal jew jipproċessa d-*data*, jew bħala li jagħti kwalunkwe dritt ġdid lid-detentur tad-*data* biex juża d-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat. Minflok, huwa jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-kontroll li d-detentur tad-*data* effettivament igawdi, *de facto* jew *de jure*, fuq *data* ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati.

(6) Il-ġenerazzjoni tad-*data* hija r-riżultat tal-azzjonijiet ta' mill-inqas żewġ atturi, id-disinjatur jew il-manifattur ta' prodott u l-utent ta' dak il-prodott. Dan iwassal għal mistoqsijiet ta' ġustizzja fl-ekonomija diġitali, minħabba li d-*data* rreġistrata minn tali prodotti jew servizzi relatati hija input importanti għas-suq ta' wara l-bejgħ, servizzi anċillari u servizzi oħrajn. Sabiex jiġu realizzati l-benefiċċji ekonomiċi importanti tad-*data* bħala oġġett mhux rivali għall-ekonomija u għas-soċjetà, approċċ ġenerali għall-assenjazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess u tal-użu fuq id-*data* huwa preferibbli għall-għoti ta' drittijiet esklużivi ta' aċċess u ta' użu.

(7) Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali huwa ssalvagwardjat b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725. Barra minn hekk, id-Direttiva 2002/58/KE tipproteġi l-ħajja privata u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, inkluż l-għoti ta' kundizzjonijiet għal kwalunkwe ħżin ta' *data* personali u mhux personali fit-tagħmir terminali u l-aċċess għalih. Dawn l-istrumenti jipprovdu l-bażi għall-ipproċessar tad-*data* sostenibbli u responsabbli, inkluż fejn is-

settijiet ta' *data* jinkludu taħlita ta' *data* personali u mhux personali. Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. Jenħtieġ li l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma tiġi applikata jew interpretata b'tali mod li jitnaqqas jew jiġi limitat id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali jew id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

(8) Il-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-*data* u tal-protezzjoni tad-*data* skont id-disinn u b'mod awtomatiku huma essenzjali meta l-ipproċessar jinvolvi riskji sinifikanti għad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Filwaqt li jitqies l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, il-partijiet kollha għall-kondiviżjoni tad-*data*, inkluż fejn fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jipproteġu dawn id-drittijiet. Dawn il-miżuri jinkludu mhux biss il-psewdonimizzazzjoni u l-kriptaġġ, iżda wkoll l-użu ta' teknoloġija dejjem aktar disponibbli li tippermetti li l-algoritmi jinġiebu fid-*data* u jippermettu li jinkiseb għarfien siewi mingħajr it-trażmissjoni bejn il-partijiet jew l-ikkopjar bla bżonn tad-*data* mhux ipproċessata jew strutturata.

(9) Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li timmira li tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, biex tipproteġi s-saħħa, is-sikurezza u l-interessi ekonomiċi tagħhom, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59], id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] u d-Direttiva 93/13/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61].

(10) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-atti ġuridiċi tal-Unjoni li jipprevedu l-kondiviżjoni ta', l-aċċess għal u l-użu ta' *data* għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, detezzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għal finijiet doganali u ta' tassazzjoni, irrispettivament mill-bażi ġuridika skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li abbażi tagħha ġew adottati. Tali atti jinkludu r-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, [proposti dwar evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati], [Il-proposta għal] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-kuntest b'mod partikolari abbażi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2001 dwar iċ-Ċiberkriminalità ("Konvenzjoni ta' Budapest"). Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-

---

59 Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

60 Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

61 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. Id-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u attivitajiet mid-dwana dwar il-ġestjoni tar-riskju u b'mod ġenerali, il-verifika tal-konformità mal-Kodiċi Doganali mill-operaturi ekonomiċi.

(11) Id-dritt tal-Unjoni li jistabbilixxi rekwiżiti fiżiċi ta' disinn u ta' *data* għall-prodotti li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li ma jiġix affettwat minn dan ir-Regolament.

(12) Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li għandu l-għan li jistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal ċerti prodotti u servizzi, b'mod partikolari d-Direttiva 2019/882[62].

(13) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u attivitajiet mid-dwana dwar il-ġestjoni tar-riskju u b'mod ġenerali, il-verifika tal-konformità mal-Kodiċi Doganali mill-operaturi ekonomiċi.

(14) Il-prodotti fiżiċi li jiksbu, li jiġġeneraw jew li jiġbru, permezz tal-komponenti tagħhom, id-*data* dwar il-prestazzjoni, l-użu jew l-ambjent tagħhom u li jistgħu jikkomunikaw dik id-*data* permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (spiss imsejjaħ l-internet tal-oġġetti) jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu networks tat-telefonija bbażati fuq l-art, networks tat-televiżjoni bil-kejbil, networks bis-satellita u networks ta' komunikazzjoni fil-qrib. Tali prodotti jistgħu jinkludu vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa jew makkinarju agrikolu u industrijali. Id-*data* tirrappreżenta d-diġitalizzazzjoni tal-azzjonijiet u l-avvenimenti tal-utenti u jenħtieġ li tkun aċċessibbli kif xieraq għall-utent, filwaqt li l-informazzjoni derivata jew inferita minn din id-*data*, fejn tinżamm legalment, jenħtieġ li ma titqiesx fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Tali *data* hija potenzjalment siewja għall-utent u tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali u oħrajn li jipproteġu l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodotti inkwistjoni.

(15) B'kuntrast għal dan, ċerti prodotti li huma primarjament iddisinjati biex juru jew biex iwasslu l-kontenut, jew biex jirreġistraw u jittrażmettu l-kontenut, fost l-oħrajn għall-użu minn servizz online jenħtieġ li ma jkunux koperti b'dan ir-Regolament. Prodotti bħal dawn jinkludu, pereżempju, kompjuters personali, servers, tablets u smart phones, kameras, webcams, sistemi ta' reġistrazzjoni tal-ħoss u skenners tat-test. Dawn jeħtieġu input mill-bniedem biex jipproduċu diversi forom ta' kontenut, bħal dokumenti testwali, fajls tal-ħoss, fajls tal-vidjow, logħob, mapep diġitali.

(16) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li japplikaw għal prodotti konnessi li jinkorporaw jew li huma interkonnessi ma' servizz b'tali mod li n-nuqqas tas-servizz jipprevjeni lill-prodott milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Tali servizzi relatati jistgħu jkunu parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni, jew servizzi bħal dawn normalment jiġu previsti għal prodotti tal-istess tip u l-utent jista' raġonevolment jistenna li dawn jiġu pprovduti minħabba n-natura tal-prodott u filwaqt li titqies kwalunkwe dikjarazzjoni pubblika magħmula minn jew f'isem il-bejjiegħ, il-kerrej, il-lokatur jew persuni oħrajn f'links preċedenti tal-katina tat-tranżazzjonijiet, inkluż il-

[62] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi ĠU L 151, 7.6.2019

manifattur. Dawn is-servizzi relatati jistgħu huma stess jiġġeneraw *data* ta' valur lill-utent indipendentement mill-kapaċitajiet ta' ġbir ta' *data* tal-prodott li miegħu jkunu interkonnessi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal servizz relatat li mhux fornut mill-bejjiegħ, mill-kerrej jew mil-lokatur innifsu, iżda li jiġi fornut, skont il-kuntratt ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni, minn parti terza. F'każ ta' dubju dwar jekk il-provvista ta' servizz tifformax parti mill-kuntratt ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni, jenħtieġ li japplika dan ir-Regolament.

(17) Id-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat tinkludi *data* rreġistrata intenzjonalment mill-utent. Tali *data* tinkludi wkoll *data* ġġenerata bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, bħad-*data* dijanjostika, u mingħajr ebda azzjoni mill-utent, bħal meta l-prodott ikun fil-"modalità standby", u *data* rreġistrata matul il-perjodi meta l-prodott ikun mitfi. Tali *data* jenħtieġ li tinkludi *data* fil-forma u fil-format li fihom tiġi ġġenerata mill-prodott, iżda ma tkunx tappartjeni għal *data* li tirriżulta minn kwalunkwe proċess ta' software li jikkalkula *data* derivattiva minn tali *data* peress li tali proċess ta' software jista' jkun soġġett għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

(18) L-utent ta' prodott jenħtieġ li jinftiehem bħala l-persuna ġuridika jew fiżika, bħal negozju jew konsumatur, li jkun xtara, kera jew għamel lokazzjoni tal-prodott. Skont it-titolu ġuridiku li jużah bih, tali utent iġorr ir-riskji u jgawdi l-benefiċċji tal-użu tal-prodott konness u jenħtieġ li jgawdi wkoll l-aċċess għad-*data* li jiġġenera. Għalhekk, jenħtieġ li l-utent ikun intitolat li jikseb benefiċċju mid-*data* ġġenerata minn dak il-prodott u minn kwalunkwe servizz relatat.

(19) Fil-prattika, mhux id-*data* kollha ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati hija faċilment aċċessibbli għall-utenti tagħhom, u spiss ikun hemm possibbiltajiet limitati għall-portabbiltà tad-*data* ġġenerata minn prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti. L-utenti ma jkunux jistgħu jiksbu d-*data* meħtieġa biex jagħmlu użu mill-forniturі ta' servizzi ta' tiswija u servizzi oħra, u n-negozji ma jkunux jistgħu jniedu servizzi innovattivi, aktar effiċjenti u konvenjenti. F'ħafna setturi, il-manifatturi spiss ikunu jistgħu jiddeterminaw, permezz tal-kontroll tagħhom tad-disinn tekniku tal-prodott jew tas-servizzi relatati, liema *data* tiġi ġġenerata u kif tista' tiġi aċċessata, anki jekk ma jkollhom l-ebda dritt ġuridiku għad-*data*. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti jkunu ddisinjati u manifatturati u li s-servizzi relatati jiġu pprovduti b'tali mod li d-*data* ġġenerata mill-użu tagħhom tkun dejjem faċilment aċċessibbli għall-utent.

(20) F'każ li diversi persuni jew entitajiet ikollhom prodott jew ikunu parti fi ftehim ta' lokazzjoni jew kiri u jibbenefikaw minn aċċess għal servizz relatat, jenħtieġ li jsiru sforzi raġonevoli fit-tfassil tal-prodott jew tas-servizz relatat jew fl-interfaċċa rilevanti sabiex il-persuni kollha jkollhom aċċess għad-*data* li jiġġeneraw. L-utenti ta' prodotti li jiġġeneraw id-*data* tipikament jeħtieġu li jiġi stabbilit kont tal-utent. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-utent mill-manifattur kif ukoll mezz ta' komunikazzjoni biex jiġu eżerċitati u pproċessati t-talbiet għall-aċċess għad-*data*. Il-manifatturi jew id-disinjaturi ta' prodott li tipikament jintuża minn diversi persuni jenħtieġ li jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ li jippermetti kontijiet tal-utenti separati għal persuni individwali, fejn rilevanti, jew il-possibbiltà li diversi persuni jużaw l-istess kont tal-utent. Jenħtieġ li jingħata aċċess lill-utent malli jkun hemm mekkaniżmi sempliċi ta' talba, li jagħtu eżekuzzjoni awtomatika, li ma jeħtiġux eżami jew approvazzjoni mill-manifattur jew mid-detentur tad-*data*. Dan ifisser li d-*data* jenħtieġ li ssir disponibbli biss meta l-utent fil-fatt ikun irid dan. Meta l-eżekuzzjoni awtomatizzata tat-talba għal aċċess għad-*data* ma tkunx possibbli, pereżempju, permezz ta' kont tal-utent jew

permezz ta' applikazzjoni mobbli li takkumpanja pprovduta mal-prodott jew mas-servizz, il-manifattur jenħtieġ li jinforma lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-*data*.

(21) Il-prodotti jistgħu jkunu ddisinjati biex jagħmlu ċerta *data* disponibbli direttament minn ħażna ta' *data* fuq l-apparat jew minn server remot li lilu tiġi kkomunikata d-*data*. L-aċċess għall-ħżin tad-*data* fuq l-apparat jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' networks taż-żona lokali bbażati fuq il-kejbil jew bla fili konnessi ma' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ma' network mobbli. Is-server jista' jkun il-kapaċità ta' server lokali tal-manifattur stess jew dik ta' parti terza jew ta' fornitur ta' servizzi ta' cloud li jiffunzjona bħala detentur tad-*data*. Dawn jistgħu jkunu ddisinjati biex jippermettu lill-utent jew lil parti terza jipproċessaw id-*data* dwar il-prodott jew dwar istanza tal-computing tal-manifattur.

(22) L-assistenti virtwali għandhom rwol dejjem akbar fid-diġitalizzazzjoni tal-ambjenti tal-konsumatur u jservu bħala interfaċċa faċli għall-użu biex jintwera l-kontenut, jiksbu l-informazzjoni, jew jattivaw oġġetti fiżiċi konnessi mal-internet tal-oġġetti. L-assistenti virtwali jistgħu jaġixxu bħala portal uniku, pereżempju, f'ambjent domestiku intelliġenti u jirreġistraw ammonti sinifikanti ta' *data* rilevanti dwar kif l-utenti jinteraġixxu ma' prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti, inklużi dawk manifatturati minn partijiet oħra u jistgħu jissostitwixxu l-użu ta' interfaċċi pprovduti mill-manifattur bħal skrin tattili jew apps ta' smart phone. L-utent jista' jkun jixtieq jagħmel disponibbli tali *data* ma' manifatturi ta' partijiet terzi u jippermetti servizzi ġodda ta' dar intelliġenti. Tali assistenti virtwali jenħtieġ li jkunu koperti mid-dritt ta' aċċess għad-*data* previst f'dan ir-Regolament anki fir-rigward tad-*data* rreġistrata qabel l-attivazzjoni tal-assistent virtwali mill-kelma ta' attivazzjoni u d-*data* ġġenerata meta utent jinteraġixxi ma' prodott permezz ta' assistent virtwali pprovdut minn entità għajr dik tal-manifattur tal-prodott. Madankollu, id-*data* li tirriżulta mill-interazzjoni bejn l-utent u l-prodott permezz tal-assistent virtwali biss taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Id-*data* mhux relatata mal-użu ta' prodott prodotta mill-assistent virtwali ma hijiex l-oġġett ta' dan ir-Regolament.

(23) Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew għall-forniment ta' servizz relatat, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u suffiċjenti lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-*data* ġġenerata. Dan l-obbligu jipprovdi trasparenza fuq id-*data* ġġenerata u jsaħħaħ l-aċċess faċli għall-utent. Dan l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni ma jaffettwax l-obbligu għall-kontrollur li jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-*data* skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament 2016/679.

(24) Dan ir-Regolament jimponi l-obbligu fuq id-detenturi tad-*data* li jagħmlu d-*data* disponibbli f'ċerti ċirkostanzi. Sa fejn tiġi pproċessata *data* personali, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li jkun kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-utenti jkunu suġġetti tad-*data*, id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdulhom aċċess għad-*data* tagħhom u li jagħmlu d-*data* disponibbli għal partijiet terzi talgħażla tal-utent f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika skont ir-Regolament (UE) 2016/679 biex id-detentur tad-*data* jipprovdi aċċess għal *data* personali jew jagħmilha disponibbli għal parti terza meta mitlub minn utent li ma jkunx suġġett tad-*data* u jenħtieġ li ma jinftihemx li jikkonferixxi xi dritt ġdid fuq id-detentur tad-*data* li juża *data* ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat. Dan japplika b'mod partikolari meta l-manifattur ikun id-detentur tad-*data*. F'dak il-każ, il-bażi għall-manifattur biex juża *data* mhux personali jenħtieġ li tkun ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur u l-utent. Dan il-ftehim jista' jkun parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni relatat mal-prodott. Kwalunkwe

terminu kuntrattwali fil-ftehim li jistipula li d-detentur tad-*data* jista' juża d-*data* ġġenerata mill-utent ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li jkun trasparenti għall-utent, inkluż fir-rigward tal-għan li għalih id-detentur tad-*data* jkun biħsiebu juża d-*data*. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax kundizzjonijiet kuntrattwali, li l-effett tagħhom huwa li jeskludu jew li jillimitaw l-użu tad-*data*, jew ċerti kategoriji tagħha, mid-detentur tad-*data*. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax ukoll rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur skont id-dritt tal-Unjoni, jew il-liġi nazzjonali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu jew jillimitaw l-użu ta' ċerta *data* mid-detentur tad-*data* għal raġunijiet ta' politika pubblika definiti sew.

(25) F'setturi kkaratterizzati mill-konċentrazzjoni ta' għadd żgħir ta' manifatturi li jfornu lill-utenti finali, hemm biss għażliet limitati disponibbli għall-utenti fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-*data* ma' dawk il-manifatturi. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-ftehimiet kuntrattwali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq l-objettiv tal-għoti tas-setgħa lill-utenti. Id-*data* għandha t-tendenza li tibqa' taħt il-kontroll tal-manifatturi, u b'hekk tagħmilha diffiċli għall-utenti biex jiksbu valur mid-*data* ġġenerata mit-tagħmir li jixtru, jikru jew jidħlu f'lokazzjoni għalih. Konsegwentement, hemm potenzjal limitat għal negozji iżgħar innovattivi biex joffru soluzzjonijiet ibbażati fuq id-*data* b'mod kompetittiv u għal ekonomija tad-*data* diversa fl-Ewropa. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni fuq l-iżviluppi reċenti f'setturi speċifiċi, bħall-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-kondiviżjoni tad-*data* agrikola permezz ta' ftehim kuntrattwali. Il-leġiżlazzjoni settorjali tista' titressaq 'il quddiem biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-objettivi speċifiċi għas-settur. Barra minn hekk, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li ma juża l-ebda *data* ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex jikseb għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-utent jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tiegħu jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tal-utent fis-swieq li huwa attiv fihom. Dan, pereżempju, jinvolvi l-użu ta' għarfien dwar il-prestazzjoni ġenerali ta' negozju jew ta' azjenda agrikola f'negozjati kuntrattwali mal-utent fuq l-akkwist potenzjali tal-prodotti tal-utent jew tal-prodotti agrikoli għad-detriment tal-utent, jew, pereżempju, l-użu ta' tali informazzjoni biex titma' f'bażijiet tad-*data* akbar dwar ċerti swieq fl-aggregat (eż., bażijiet tad-*data* dwar ir-rendiment tal-għelejjel għall-istaġun tal-ħsad li jmiss) peress li tali użu jista' jaffettwa lill-utent negattivament b'mod indirett. L-utent jenħtieġ li jingħata l-interfaċċa teknika meħtieġa għall-ġestjoni tal-permessi, preferibbilment b'għażliet ta' permess granulari (bħal "permess ta' darba" jew "permess waqt l-użu ta' din l-applikazzjoni jew dan is-servizz"), inkluża l-għażla li jiġi rtirat il-permess.

(26) F'kuntratti bejn detentur ta' *data* u konsumatur bħala utent ta' prodott jew servizz relatat li jiġġenera *data*, id-Direttiva 93/13/KEE tapplika għat-termini tal-kuntratt biex jiġi żgurat li konsumatur ma jkunx soġġett għal termini kuntrattwali inġusti. Għal termini kuntrattwali inġusti imposti unilateralment fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[63], dan ir-Regolament jipprevedi li tali termini inġusti jenħtieġ li ma jkunux vinkolanti fuq dik l-intrapriża.

(27) Id-detentur tad-*data* jista' jitlob identifikazzjoni xierqa tal-utent biex jivverifika l-intitolament tal-utent li jaċċessa d-*data*. Fil-każ ta' *data* personali pproċessata minn proċessur f'isem il-kontrollur, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li jiżgura li t-talba għal aċċess tiġi riċevuta u ttrattata mill-proċessur.

---

63 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju

(28) L-utent jenħtieġ li jkun liberu li juża d-*data* għal kwalunkwe skop legali. Dan jinkludi l-forniment tad-*data* li l-utent ikun irċieva huwa u jeżerċita d-dritt skont dan ir-Regolament lil parti terza li toffri servizz ta' wara l-bejgħ li jista' jkun f'kompetizzjoni ma' servizz ipprovdut mid-detentur tad-*data*, jew li jagħti struzzjonijiet lid-detentur tad-*data* biex jagħmel dan. Id-detentur tad-*data* jenħtieġ li jiżgura li d-*data* magħmula disponibbli għall-parti terza tkun akkurata, kompluta, affidabbli, rilevanti u aġġornata daqs id-*data* li d-detentur tad-*data* nnifsu jista' jkun jew jista' jkun intitolat li jaċċessa mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat. Kwalunkwe sigriet kummerċjali jew dritt ta' proprjetà intellettwali jenħtieġ li jiġi rrispettat fit-trattament tad-*data*. Huwa importanti li jiġu ppreservati l-inċentivi għall-investiment fi prodotti b'funzjonalitajiet ibbażati fuq l-użu ta' *data* minn sensuri mibnija f'dak il-prodott. L-għan ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk jinftiehem li jrawwem l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u innovattivi jew ta' servizzi relatati, jistimula l-innovazzjoni wara l-bejgħ, iżda jistimula wkoll l-iżvilupp ta' servizzi kompletament ġodda li jagħmlu użu mid-*data*, inkluż abbażi ta' *data* minn varjetà ta' prodotti jew servizzi relatati. Fl-istess ħin, għandu l-għan li jevita li jdgħajjef l-inċentivi ta' investiment għat-tip ta' prodott li minnu tinkiseb id-*data*, pereżempju, bl-użu ta' *data* għall-iżvilupp ta' prodott li jikkompeti miegħu.

(29) Parti terza li d-*data* tkun magħmula disponibbli għaliha tista' tkun intrapriża, organizzazzjoni ta' riċerka jew organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Meta jagħmel id-*data* disponibbli għall-parti terza, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li ma jabbużax mill-pożizzjoni tiegħu biex ifittex vantaġġ kompetittiv fis-swieq fejn id-detentur tad-*data* u l-parti terza jistgħu jkunu f'kompetizzjoni diretta. Għalhekk, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li ma juża l-ebda *data* ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex jikseb għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-parti terza jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tagħha jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tal-parti terza fis-swieq li hija attiva fihom.

(30) L-użu ta' prodott jew ta' servizz relatat jista', b'mod partikolari meta l-utent ikun persuna fiżika, jiġġenera *data* relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (is-suġġett tad-*data*). L-ipproċessar ta' tali *data* huwa suġġett għar-regoli stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż fejn *data* personali u mhux personali f'sett ta' *data* tkun marbuta b'mod inseparabbli[64]. Is-suġġett tad-*data* jista' jkun l-utent jew persuna fiżika oħra. Id-*data* personali tista' tintalab biss minn kontrollur jew minn suġġett tad-*data*. Utent li huwa s-suġġett tad-*data* huwa taħt ċerti ċirkostanzi intitolat skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li jaċċessa *data* personali dwarhom, u tali drittijiet ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament. Skont dan ir-Regolament, l-utent li jkun persuna fiżika huwa intitolat ukoll li jaċċessa d-*data* kollha ġġenerata mill-prodott, personali u mhux personali. Meta l-utent ma jkunx is-suġġett tad-*data* iżda intrapriża, inkluż negozjant uniku, u mhux f'każijiet ta' użu kondiviż tal-unitajiet domestiċi tal-prodott, l-utent ikun kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679. Għaldaqstant, tali utent bħala kontrollur li jkollu l-ħsieb li jitlob *data* personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat, huwa meħtieġ li jkollu bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-*data* skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, bħall-kunsens tas-suġġett tad-*data* jew l-interess leġittimu. Jenħtieġ li dan l-utent jiżgura li s-suġġett tad-*data* jkun infurmat kif xieraq bl-għanijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi għall-ipproċessar ta' dik id-*data*, u kif is-suġġett tad-*data* jista' jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet tiegħu. Meta d-detentur tad-*data* u l-utent ikunu kontrolluri konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679,

64 ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59–68.

dawn ikunu meħtieġa jiddeterminaw, b'mod trasparenti permezz ta' arranġament bejniethom, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità ma' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun mifhum li tali utent, ladarba d-*data* tkun saret disponibbli, jista' min-naħa tiegħu jsir detentur tad-*data*, jekk jissodisfa l-kriterji skont dan ir-Regolament u b'hekk isir soġġett għall-obbligi li d-*data* ssir disponibbli skont dan ir-Regolament.

(31) Id-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li ssir disponibbli biss għal parti terza fuq talba tal-utent. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dak l-Artikolu jipprevedi dritt għas-suġġetti tad-*data* li jirċievu *data* personali dwarhom f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna, u li jittrasferixxu dik id-*data* lil kontrolluri oħrajn, fejn dik id-*data* tiġi pproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(a), jew l-Artikolu 9(2)(a), jew fuq kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b). Is-suġġetti tad-*data* għandhom ukoll id-dritt li jkollhom id-*data* personali trażmessa direttament minn kontrollur għal kontrollur ieħor, iżda biss fejn dan ikun teknikament fattibbli. L-Artikolu 20 jispeċifika li tappartjeni għad-*data* pprovduta mis-suġġett tad-*data* iżda ma jispeċifikax jekk din teħtieġx imġiba attiva min-naħa tas-suġġett tad-*data* jew jekk tapplikax ukoll għal sitwazzjonijiet fejn prodott jew servizz relatat mid-disinn tiegħu josserva l-imġiba ta' suġġett tad-*data* jew informazzjoni oħra fir-rigward ta' suġġett tad-*data* b'mod passiv. Id-dritt skont dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt li d-*data* personali tiġi rċevuta u portata skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 b'diversi modi. Dan jagħti lill-utenti d-dritt li jaċċessaw u li jagħmlu disponibbli għal parti terza għal kwalunkwe *data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat, irrispettivament min-natura tagħha bħala *data* personali, mid-distinzjoni bejn *data* pprovduta b'mod attiv jew osservata b'mod passiv, u irrispettivament mill-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju tal-obbligi tekniċi previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jagħti mandat u jiżgura l-fattibbiltà teknika ta' aċċess ta' parti terza għat-tipi kollha ta' *data* li jaqgħu fl-ambitu tiegħu, kemm jekk personali kif ukoll jekk mhux personali. Dan jippermetti wkoll lid-detentur tad-*data* jistabbilixxi kumpens raġonevoli li għandu jiġi ssodisfat minn partijiet terzi, iżda mhux mill-utent, għal kwalunkwe kost imġarrab fl-għoti ta' aċċess dirett għad-*data* ġġenerata mill-prodott tal-utent. Jekk detentur tad-*data* u parti terza ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini għal tali aċċess dirett, is-suġġett tad-*data* jenħtieġ li ma jixxekkel bl-ebda mod milli jeżerċita d-drittijiet inklużi fir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, billi jfittex rimedji f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għandu jinftiehem f'dan il-kuntest li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ftehim kuntrattwali ma jippermettix l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali mid-detentur tad-*data* jew mill-parti terza.

(32) L-aċċess għal kwalunkwe *data* maħżuna fit-tagħmir terminali u aċċessata minnu huwa soġġett għad-Direttiva 2002/58/KE u jeħtieġ il-kunsens tal-abbonat jew tal-utent skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva sakemm ma jkunx strettament meħtieġ għall-forniment ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni espliċitament mitlub mill-utent jew abbonat (jew għall-iskop uniku tat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni). Id-Direttiva 2002/58/KE ("id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika") (u r-Regolament propost dwar il-Privatezza Elettronika) jipproteġu l-integrità tat-tagħmir terminali tal-utent fir-rigward tal-użu tal-kapaċitajiet ta' pproċessar u ħżin u l-ġbir tal-informazzjoni. It-tagħmir tal-internet tal-oġġetti jitqies bħala tagħmir terminali jekk ikun direttament jew indirettament konness ma' network pubbliku ta' komunikazzjonijiet.

(33) Sabiex jiġi evitat l-isfruttament tal-utenti, partijiet terzi li lilhom tkun saret disponibbli d-*data* fuq talba tal-utent jenħtieġ li jipproċessaw biss id-*data* għall-finijiet miftiehma mal-utent u jikkondividu din id-*data* ma' parti terza oħra biss jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent.

(34) F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, il-parti terza jenħtieġ li jkollha aċċess biss għal informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-forniment tas-servizz mitlub mill-utent. Wara li tkun irċeviet aċċess għad-*data*, il-parti terza jenħtieġ li tipproċessa din id-*data* esklussivament għall-finijiet miftiehma mal-utent, mingħajr interferenza mid-detentur tad-*data*. Jenħtieġ li jkun faċli għall-utent li jirrifjuta jew li jwaqqaf l-aċċess mill-parti terza għad-*data* kif inhu għall-utent li jawtorizza l-aċċess. Il-parti terza jenħtieġ li ma tisforza, tinganna jew timmanipula lill-ebda utent b'xi mod, billi timminimizza jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent. F'dan il-kuntest, partijiet terzi jenħtieġ li ma jibbażawx fuq l-hekk imsejħa dark patterns fit-tfassil tal-interfaċċi diġitali tagħhom. Dark patterns huma t-tekniki tad-disinn li jixprunaw jew iqarrqu lill-konsumaturi f'deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi negattivi għalihom. Dawn it-tekniki manipulattivi jistgħu jintużaw biex jipperswadu lill-utenti, b'mod partikolari lill-konsumaturi vulnerabbli, biex jinvolvu ruħhom f'imġiba mhux mixtieqa, u biex l-utenti jiġu mqarrqa billi jiġu mbuttati f'deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet ta' divulgazzjoni tad-*data* jew biex it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti tas-servizz jiġi preġudikat b'mod li jimminimizza u jfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla tagħhom. Prattiki kummerċjali komuni u leġittimi li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li minnhom infushom ma jitqisux li jikkostitwixxu dark patterns. Partijiet terzi jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva 2000/31/KE u d-Direttiva 98/6/KE.

(35) Il-parti terza jenħtieġ ukoll li iżżomm lura milli tuża d-*data* għal profil tal-individwi sakemm dawn l-attivitajiet ta' pproċessar ma jkunux strettament meħtieġa biex jipprovdu s-servizz mitlub mill-utent. Ir-rekwiżit li titħassar id-*data* meta ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem mal-utent jikkomplementa d-dritt għal ħassir tas-suġġett tad-*data* skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 2016/679. Meta l-parti terza tkun fornitur ta' servizz tal-intermedjazzjoni tad-*data* skont it-tifsira [tal-Att dwar il-Governanza tad-*Data*], japplikaw is-salvagwardji għas-suġġett tad-*data* previsti minn dak ir-Regolament. Il-parti terza tista' tuża d-*data* biex tiżviluppa prodott ġdid u innovattiv jew servizz relatat iżda mhux biex tiżviluppa prodott li jikkompeti miegħu.

(36) Negozji ġodda, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u kumpaniji minn setturi tradizzjonali b'kapaċitajiet diġitali inqas żviluppati jsibu diffikultà biex jiksbu aċċess għad-*data* rilevanti. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għad-*data* għal dawn l-entitajiet, filwaqt li jiżgura li l-obbligi korrispondenti jiġu koperti b'mod kemm jista' jkun proporzjonat biex jiġi evitat li jintlaħqu żżejjed. Fl-istess ħin, tfaċċaw għadd żgħir ta' kumpaniji kbar ħafna b'saħħa ekonomika konsiderevoli fl-ekonomija diġitali permezz tal-akkumulazzjoni u l-aggregazzjoni ta' volumi kbar ta' *data* u l-infrastruttura teknoloġika għall-monetizzazzjoni tagħhom. Dawn il-kumpaniji jinkludu impriżi li jipprovdu servizzi ta' pjattaforma ewlenija li jikkontrollaw ekosistemi ta' pjattaformi sħaħ fl-ekonomija diġitali u li l-operaturi tas-suq eżistenti jew ġodda ma jistgħux jikkontestaw. Ir-[Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)] għandu l-għan li jirrimedja dawn l-ineffiċjenzi u l-iżbilanċi billi jippermetti lill-Kummissjoni taħtar fornitur bħala "gatekeeper", u

timponi għadd ta' obbligi fuq gatekeepers maħtura bħal dawn, inkluża projbizzjoni li ċerta *data* tiġi kkombinata mingħajr kunsens, u obbligu li jiġu żgurati drittijiet effettivi għall-portabbiltà tad-*data* skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. B'mod konsistenti mar-[Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)], u minħabba l-kapaċità li ma hemmx bħalha ta' dawn il-kumpaniji li jiksbu d-*data*, ma jkunx hemm bżonn li jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, u għalhekk ikun sproporzjonat fir-rigward tad-detenturi tad-*data* li jkunu soġġetti għal tali obbligi, biex jinkludu tali impriżi tal-gatekeeper bħala benefiċjarji tad-dritt għall-aċċess għad-*data*. Dan ifisser li impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li tkun ġiet maħtura bħala gatekeeper ma tistax titlob jew tingħata aċċess għad-*data* tal-utenti ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat jew minn assistent virtwali bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija maħtura bħala gatekeeper skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali jenħtieġ li tinftiehem li tinkludi l-entitajiet ġuridiċi kollha ta' grupp ta' kumpaniji fejn entità ġuridika waħda tipprovdi servizz ta' pjattaforma ewlenija. Barra minn hekk, partijiet terzi li għalihom, id-*data* tkun disponibbli fuq talba tal-utent ma jistgħux jagħmlu d-*data* disponibbli għal gatekeeper maħtur. Pereżempju, il-parti terza ma tistax tissottokuntratta l-forniment ta' servizz lil gatekeeper. Madankollu, dan ma jżommx lil partijiet terzi milli jużaw servizzi tal-ipproċessar tad-*data* offruti minn gatekeeper maħtur. Din l-esklużjoni ta' gatekeepers maħtura mill-ambitu tad-dritt ta' aċċess skont dan ir-Regolament ma timpedixxix lil dawn il-kumpaniji milli jiksbu *data* permezz ta' mezzi legali oħra.

(37) Minħabba l-istat attwali tat-teknoloġija, huwa ta' piż kbir wisq li jiġu imposti aktar obbligi ta' disinn fir-rigward ta' prodotti manifatturati jew iddisinjati u servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi mikro u żgħar. Madankollu, dan ma huwiex il-każ fejn intrapriża mikro jew żgħira tiġi sottokuntrattata għall-manifattura jew għad-disinn ta' prodott. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-intrapriża, li tkun issottokuntrattat lill-mikrointrapriża jew lill-intrapriża żgħira, tkun tista' tikkumpensa b'mod xieraq lis-sottokuntrattur. Madankollu, intrapriża mikro jew żgħira tista' tkun soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament bħala detentur tad-*data*, meta ma tkunx il-manifattur tal-prodott jew fornitur ta' servizzi relatati.

(38) Dan ir-Regolament fih regoli ġenerali dwar l-aċċess, kull meta detentur tad-*data* jkun obbligat bil-liġi li jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data*. Tali aċċess jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli, nondiskriminatorji u trasparenti biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-prattiki tal-kondiviżjoni tad-*data* fis-suq intern, inkluż bejn is-setturi, u biex jiġu mħeġġa u promossi prattiki ġusti tal-kondiviżjoni tad-*data* anki f'oqsma fejn ma jiġi pprovdut l-ebda dritt għall-aċċess għad-*data*. Dawn ir-regoli ġenerali dwar l-aċċess ma japplikawx għall-obbligi li d-*data* ssir disponibbli skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Il-kondiviżjoni volontarja tad-*data* tibqa' mhux affettwata minn dawn ir-regoli.

(39) Abbażi tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali, il-partijiet jenħtieġ li jibqgħu liberi li jinnegozjaw il-kundizzjonijiet preċiżi biex id-*data* ssir disponibbli fil-kuntratti tagħhom, fil-qafas tar-regoli ġenerali ta' aċċess biex id-*data* ssir disponibbli.

(40) Sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet għall-aċċess obbligatorju għad-*data* jkunu ġusti għaż-żewġ partijiet, ir-regoli ġenerali dwar id-drittijiet ta' aċċess għad-*data* jenħtieġ li jirreferu għar-regola dwar l-evitar ta' termini kuntrattwali inġusti.

(41) Sabiex jikkumpensa għan-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' kuntratti differenti, li jagħmilha diffiċli għar-riċevitur tad-*data* li jivvaluta jekk it-

termini biex jagħmel id-*data* disponibbli humiex nondiskriminatorji, jenħtieġ li d-detentur tad-*data* juri li terminu kuntrattwali mhux diskriminatorju. Ma tkunx diskriminazzjoni illegali, fejn detentur tad-*data* juża termini kuntrattwali differenti biex jagħmel id-*data* disponibbli jew kumpens differenti, jekk dawk id-differenzi jkunu ġġustifikati minn raġunijiet oġġettivi. Dawn l-obbligi huma mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679.

(42) Sabiex jinċentiva l-investiment kontinwu fil-ġenerazzjoni ta' *data* siewja, inklużi investimenti f'għodod tekniċi rilevanti, dan ir-Regolament fih il-prinċipju li d-detentur tad-*data* jista' jitlob kumpens raġonevoli meta jkun legalment obbligat li jagħmel id-*data* disponibbli għar-riċevitur tad-*data*. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jinftiehmu bħala li qed iħallsu għad-*data* nnifisha, iżda fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar jew medji, għall-kostijiet imġarrba u għall-investiment meħtieġ biex id-*data* ssir disponibbli.

(43) F'każijiet ġustifikati, inkluż il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-parteċipazzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni jew li tiġi promossa l-innovazzjoni f'ċerti swieq, id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni tista' timponi kumpens regolat biex isiru disponibbli tipi speċifiċi ta' *data*.

(44) Biex jipproteġi lill-intrapriżi mikro, żgħar jew medji kontra piżijiet ekonomiċi eċċessivi li jagħmluha kummerċjalment diffiċli wisq biex jiġu żviluppati u mmexxija mudelli ta' negozju innovattivi, il-kumpens biex id-*data* tkun disponibbli li jrid jitħallas minnhom jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-kost dirett biex id-*data* ssir disponibbli u tkun nondiskriminatorja.

(45) Il-kostijiet diretti biex id-*data* ssir disponibbli huma l-kostijiet meħtieġa għar-riproduzzjoni tad-*data*, għad-disseminazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi u għall-ħżin iżda mhux għall-ġbir jew għall-produzzjoni tad-*data*. Il-kostijiet diretti biex id-*data* ssir disponibbli jenħtieġ li jkunu limitati għas-sehem attribwibbli għat-talbiet individwali, filwaqt li jitqies li l-interfaċċi tekniċi meħtieġa jew is-software relatat u l-konnettività se jkollhom jiġu stabbiliti b'mod permanenti mid-detentur tad-*data*. Arranġamenti fit-tul bejn id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data*, pereżempju permezz ta' mudell ta' abbonament, jistgħu jnaqqsu l-kostijiet marbuta mat-tqegħid tad-*data* disponibbli fi tranżazzjonijiet regolari jew ripetittivi f'relazzjoni kummerċjali.

(46) Ma huwiex meħtieġ li jsir intervent fil-każ ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn kumpaniji kbar, jew meta d-detentur tad-*data* jkun intrapriża żgħira jew ta' daqs medju u r-riċevitur tad-*data* jkun kumpanija kbira. F'każijiet bħal dawn, il-kumpaniji jitqiesu li huma kapaċi jinnegozjaw kwalunkwe kumpens jekk dan ikun raġonevoli, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-volum, il-format, in-natura, jew il-provvista tad-*data* u d-domanda għad-*data* kif ukoll il-kostijiet għall-ġbir u t-tqegħid tad-*data* disponibbli għar-riċevitur tad-*data*.

(47) It-trasparenza hija prinċipju importanti biex jiġi żgurat li l-kumpens mitlub mid-detentur tad-*data* jkun raġonevoli, jew, f'każ li r-riċevitur tad-*data* jkun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, li l-kumpens ma jaqbiżx il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni tar-riċevitur tad-*data* u huwa attribwibbli għat-talba individwali. Sabiex ir-riċevitur tad-*data* jitqiegħed fil-pożizzjoni li jivvaluta u li jivverifika li l-kumpens jikkonforma mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li jipprovdi lil riċevitur tad-*data* bl-informazzjoni għall-kalkolu tal-kumpens bi grad suffiċjenti ta' dettall.

(48) L-iżgurar tal-aċċess għal modi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim domestiku u transfruntier li jinħoloq b'rabta mat-tqegħid tad-*data* disponibbli jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għad-detenturi tad-*data* u għar-riċevituri tad-*data* u għalhekk tissaħħaħ il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-*data*. F'każijiet fejn il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji biex jagħmlu d-*data* disponibbli, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li joffru soluzzjoni sempliċi, rapida u bi prezz baxx lill-partijiet.

(49) Biex jiġi evitat li żewġ korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim jew aktar jitqabbdu għall-istess tilwima, b'mod partikolari f'ambjent transfruntier, jenħtieġ li korp għas-soluzzjoni tat-tilwim ikun jista' jirrifjuta talba għal soluzzjoni ta' tilwima li tkun diġà tressqet quddiem korp ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim jew quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru.

(50) Il-partijiet għall-proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim ma għandhomx jitwaqqfu milli jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. Għalhekk, id-deċiżjoni li tiġi ppreżentata tilwima quddiem korp għas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li ma żżaħħadx lil dawk il-partijiet mid-dritt tagħhom li jfittxu rimedju quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru.

(51) Meta parti waħda tkun f'pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha, hemm riskju li dik il-parti tkun tista' tingrana tali pożizzjoni għad-detriment tal-parti kontraenti l-oħra meta tinnegozja l-aċċess għad-*data* u tagħmel l-aċċess għad-*data* kummerċjalment inqas vijabbli u xi drabi ekonomikament projbittiv. Tali żbilanċi kuntrattwali jagħmlu ħsara b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mingħajr kapaċità sinifikanti li jinnegozjaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-*data*, li jista' ma jkollhom l-ebda għażla oħra għajr li jaċċettaw termini kuntrattwali tat-tip "dawn jew xejn". Għalhekk, jenħtieġ li t-termini kuntrattwali inġusti li jirregolaw l-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew għat-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-*data* ma jkunux vinkolanti fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji meta jkunu ġew imposti unilateralment fuqhom.

(52) Ir-regoli dwar it-termini kuntrattwali jenħtieġ li jqisu l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali bħala kunċett essenzjali fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju. Għalhekk, mhux it-termini kuntrattwali kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal test ta' inġustizzja, iżda biss għal dawk it-termini li huma imposti unilateralment fuq intrapriżi mikro, żgħar u medji. Dan jikkonċerna sitwazzjonijiet ta' "dawn jew xejn" fejn parti waħda tforni ċertu terminu kuntrattwali u l-intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju ma tistax tinfluwenza l-kontenut ta' dak it-terminu minkejja tentattiv biex tinnegozjah. Terminu kuntrattwali li huwa sempliċiment ipprovdut minn parti waħda u aċċettat mill-intrapriża mikro, żgħira jew medja jew terminu li jiġi negozjat u sussegwentement miftiehem b'mod emendat bejn il-partijiet kontraenti jenħtieġ li ma jitqiesx bħala impost unilateralment.

(53) Barra minn hekk, ir-regoli dwar termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li japplikaw biss għal dawk l-elementi ta' kuntratt li huma relatati mal-għemil disponibbli tad-*data*, jiġifieri termini kuntrattwali dwar l-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha kif ukoll responsabbiltà jew rimedji għall-ksur u t-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-*data*. Partijiet oħra tal-istess kuntratt, mhux relatati mal-għemil disponibbli tad-*data*, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għat-test tal-inġustizzja stabbilit f'dan ir-Regolament.

(54) Il-kriterji biex jiġu identifikati termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li jiġu applikati biss għal termini kuntrattwali eċċessivi, fejn tiġi abbużata pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha. Il-maġġoranza l-kbira tat-termini kuntrattwali li huma kummerċjalment

aktar favorevoli għal parti waħda milli għal oħra, inklużi dawk li huma normali f'kuntratti minn negozju għal negozju, huma espressjoni normali tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u għandhom jibqgħu japplikaw.

(55) Jekk terminu kuntrattwali ma jkunx inkluż fil-lista ta' termini li dejjem jitqiesu inġusti jew li huma preżunti inġusti, tapplika d-dispożizzjoni ġenerali dwar in-nuqqas ta' ġustizzja. F'dan ir-rigward, it-termini elenkati bħala termini inġusti jenħtieġ li jservu bħala kejl biex tiġi interpretata d-dispożizzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ġustizzja. Fl-aħħar nett, il-mudelli tat-termini kuntrattwali għall-kuntratti ta' kondiviżjoni tad-*data* minn negozju għal negozju li għandhom jiġu żviluppati u rakkomandati mill-Kummissjoni jistgħu jkunu utli wkoll għall-partijiet kummerċjali meta jinnegozjaw il-kuntratti.

(56) F'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jużaw id-*data* miżmuma minn intrapriża biex iwieġbu għal emerġenzi pubbliċi jew f'każijiet eċċezzjonali oħra. Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi regolati mid-dritt pubbliku. Sabiex jiġi limitat il-piż fuq in-negozji, l-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jipprovdu *data* lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, lill-aġenziji jew lill-korpi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali.

(57) F'każ ta' emerġenzi pubbliċi, bħal emerġenzi tas-saħħa pubblika, emerġenzi li jirriżultaw minn degradazzjoni ambjentali u diżastri naturali kbar inklużi dawk aggravati mit-tibdil fil-klima, kif ukoll diżastri kbar ikkawżati mill-bniedem, bħal inċidenti kbar taċ-ċibersigurtà, l-interess pubbliku li jirriżulta mill-użu tad-*data* se jisboq l-interessi tad-detenturi tad-*data* li jeħilsu liberament mid-*data* li jkollhom. F'każ bħal dan, id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jiġu obbligati jagħmlu d-*data* disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni fuq talba tagħhom. L-eżistenza ta' emerġenza pubblika hija determinata skont il-proċeduri rispettivi fl-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

(58) Tista' tirriżulta wkoll ħtieġa eċċezzjonali meta korp tas-settur pubbliku jkun jista' juri li d-*data* hija meħtieġa jew biex tiġi evitata emerġenza pubblika, jew biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika, f'ċirkostanzi li jkunu raġonevolment viċin l-emerġenza pubblika inkwistjoni. Meta l-ħtieġa eċċezzjonali ma tkunx ġustifikata mill-ħtieġa li jingħata rispons għal, jiġi impedut jew megħjun irkupru minn emerġenza pubblika, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jenħtieġ li juri li n-nuqqas ta' aċċess f'waqtu għad-*data* mitluba u l-użu tad-*data* mitluba ma jippermettulux iwettaq b'mod effettiv kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li kien previst b'mod espliċitu fil-liġi. Tali ħtieġa eċċezzjonali tista' sseħħ ukoll f'sitwazzjonijiet oħrajn, pereżempju fir-rigward tal-kompilazzjoni f'waqtha tal-istatistika uffiċjali meta d-*data* ma tkunx disponibbli mod ieħor jew meta l-piż fuq ir-rispondenti tal-istatistika jitnaqqas b'mod konsiderevoli. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni, barra mill-każ li jirrispondi għal, jipprevjeni jew jassisti l-irkupru minn emerġenza pubblika, juri li ma jeżisti l-ebda mezz alternattiv għall-kisba tad-*data* mitluba u li d-*data* ma tistax tinkiseb fil-ħin permezz tal-istabbiliment tal-obbligi meħtieġa għall-forniment tad-*data* f'leġiżlazzjoni ġdida.

(59) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal, u ma jħeġġiġx bil-quddiem, arranġamenti volontarji għall-iskambju ta' *data* bejn entitajiet privati u pubbliċi. L-obbligi mqiegħda fuq id-detenturi tad-*data* biex jipprovdu *data* li tkun motivata mill-ħtiġijiet ta' natura mhux eċċezzjonali, b'mod partikolari fejn il-firxa ta' *data* u tad-detenturi tad-*data* tkun magħrufa u fejn l-użu tad-*data* jista' jsir fuq bażi regolari, bħal fil-każ tal-obbligi ta' rapportar u l-obbligi tas-suq intern, jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament. Ir-rekwiżiti għall-aċċess tad-*data* biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli applikabbli, inkluż f'każijiet fejn il-korpi tas-settur pubbliku jassenjaw il-kompitu tal-verifika tal-konformità lil entitajiet għajr il-korpi tas-settur pubbliku, jenħtieġ ukoll li ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

(60) Għall-eżerċitar tal-kompiti tagħhom fl-oqsma tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tad-detezzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u amministrattivi, l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali u amministrattivi, kif ukoll il-ġbir ta' *data* għal finijiet ta' tassazzjoni jew doganali, korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet aġenziji u korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li jibbażaw fuq is-setgħat tagħhom skont il-leġiżlazzjoni settorjali. Għaldaqstant, dan ir-Regolament ma jaffettwax l-istrumenti għall-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu tad-*data* f'dawk l-oqsma.

(61) Biex id-*data* mid-detenturi tad-*data* tkun magħmula disponibbli, f'każijiet ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, huwa meħtieġ qafas proporzjonat, limitat u prevedibbli fil-livell tal-Unjoni, għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni kemm biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika kif ukoll biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq in-negozji. Għal dan il-għan, it-talbiet għad-*data* minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni lid-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati f'termini tal-ambitu tal-kontenut tagħhom u tal-granularità tagħhom. L-għan tat-talba u l-użu maħsub tad-*data* mitluba jenħtieġ li jkunu speċifiċi u spjegati b'mod ċar, filwaqt li jippermettu flessibbiltà xierqa għall-entità rikjedenti biex twettaq il-kompiti tagħha fl-interess pubbliku. It-talba jenħtieġ li tirrispetta wkoll l-interessi leġittimi tan-negozji li lilhom issir it-talba. Il-piż fuq id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jiġi minimizzat billi l-entitajiet rikjedenti jiġu obbligati jirrispettaw il-prinċipju ta' darba biss, li jipprevjeni li tintalab aktar minn darba l-istess *data* minn aktar minn korp wieħed tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni fejn dik id-*data* tkun meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għad-*data* magħmula minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jiġu ppubblikati mingħajr dewmien żejjed mill-entità li titlob id-*data* u d-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet kollha ġġustifikati minn emerġenza pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata.

(62) L-objettiv tal-obbligu li tiġi pprovduta d-*data* huwa li jiġi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jkollhom l-għarfien meħtieġ biex jirrispondu għal, jipprevjenu jew jirkupraw minn emerġenzi pubbliċi jew biex iżommu l-kapaċità li jwettqu kompiti speċifiċi pprovduti b'mod espliċitu mil-liġi. Id-*data* miksuba minn dawk l-entitajiet tista' tkun kummerċjalment sensittiva. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] ma tapplikax għad-*data* magħmula disponibbli skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li ma titqiesx bħala *data* miftuħa disponibbli għall-użu mill-ġdid minn partijiet terzi. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għall-użu mill-ġdid ta' statistika uffiċjali, li għall-produzzjoni tagħha,

[65] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

ntużat id-*data* miksuba skont dan ir-Regolament, dment li l-użu mill-ġdid ma jinkludix id-*data* sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma taffettwax il-possibbiltà li d-*data* tiġi kondiviża għat-twettiq tar-riċerka jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jitħallew ukoll jiskambjaw *data* miksuba skont dan ir-Regolament ma' korpi oħra tas-settur pubbliku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet eċċezzjonali li għalihom tkun intalbet id-*data*.

(63) Id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jew jitolbu modifika tat-talba magħmula minn korp tas-settur pubbliku jew magħmula minn istituzzjoni, aġenzija u korp tal-Unjoni jew it-tħassir tagħha f'perjodu ta' 5 jew 15-il jum tax-xogħol skont in-natura tal-ħtieġa eċċezzjonali invokata fit-talba. F'każ ta' talbiet motivati minn emerġenza pubblika, jenħtieġ li jkun hemm raġuni ġustifikata biex id-*data* ma tkunx disponibbli jekk ikun jista' jintwera li t-talba hija simili jew identika għal talba ppreżentata qabel għall-istess għan minn korp ieħor tas-settur pubbliku jew minn istituzzjoni oħra, aġenzija jew korp tal-Unjoni. Detentur ta' *data* li jirrifjuta t-talba jew li jfittex il-modifika tagħha jenħtieġ li jikkomunika l-ġustifikazzjoni sottostanti għar-rifjut tat-talba lill-korp tas-settur pubbliku jew lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni li jitlob id-*data*. F'każ li d-drittijiet tal-bażi tad-*data sui generis* skont id-Direttiva 96/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] japplikaw fir-rigward tas-settijiet tad-*data* mitluba, id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod li ma jipprevjenix lill-korp tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, milli jiksbu d-*data*, jew milli jikkondividuha, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(64) Fejn ikun strettament meħtieġ li tiġi inkluża *data* personali fid-*data* magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jenħtieġ li jiġu rispettati u li l-għemil disponibbli tad-*data* u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġu li u għandhom ikunu akkumpanjati minn salvagwardji għad-drittijiet u għall-interessi tal-individwi kkonċernati minn dik id-*data*. Il-korp li jitlob id-*data* jenħtieġ li juri l-ħtieġa stretta u l-finijiet speċifiċi u limitati għall-ipproċessar. Id-detentur tad-*data* jenħtieġ li jagħmel sforzi raġonevoli biex janonimizza d-*data* jew, fejn tali anonimizzazzjoni tirriżulta impossibbli, id-detentur tad-*data* jenħtieġ li japplika mezzi teknoloġiċi bħall-psewdonimizzazzjoni u l-aggregazzjoni, qabel ma jagħmel id-*data* disponibbli.

(65) Id-*data* magħmula disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji u għall-korpi tal-Unjoni abbażi ta' ħtieġa eċċezzjonali jenħtieġ li tintuża biss għall-fini li għalih tkun intalbet, sakemm id-detentur tad-*data* li jkun għamel id-*data* disponibbli ma jkunx qabel b'mod espliċitu biex id-*data* tintuża għal skopijiet oħra. Id-*data* jenħtieġ li tinqered ladarba ma tibqax meħtieġa għall-iskop iddikjarat fit-talba, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, u d-detentur tad-*data* jenħtieġ li jiġi infurmat b'dan.

(66) Meta d-*data* pprovduta mid-detenturi tad-*data* terġa' tintuża, il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jirrispettaw kemm il-leġiżlazzjoni applikabbli eżistenti kif ukoll l-obbligi kuntrattwali li għalihom huwa soġġett id-detentur tad-*data*. Meta d-divulgazzjoni tas-sigrieti kummerċjali tad-detentur tad-*data* lil korpi tas-settur pubbliku jew lil istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni tkun strettament meħtieġa biex jiġi ssodisfat l-għan li għalih tkun intalbet

[66] Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

id-*data*, jenħtieġ li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' tali divulgazzjoni lid-detentur tad-*data*.

(67) Meta s-salvagwardja ta' oġġett pubbliku sinifikanti tkun f'riskju, bħal fil-każ ta' rispons għal emerġenzi pubbliċi, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma għandhomx ikunu mistennija jikkumpensaw lill-intrapriżi għad-*data* miksuba. L-emerġenzi pubbliċi huma avvenimenti rari u mhux l-emerġenzi kollha bħal dawn jeħtieġu l-użu ta' *data* miżmuma minn intrapriżi. Għalhekk, l-attivitajiet kummerċjali tad-detenturi tad-*data* x'aktarx li ma jiġux affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-fatt li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jirrikorru għal dan ir-Regolament. Madankollu, peress li każijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali għajr ir-rispons għal emerġenza pubblika jistgħu jkunu aktar frekwenti, inklużi każijiet ta' prevenzjoni jew ta' rkupru minn emerġenza pubblika, id-detenturi tad-*data* jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn ikunu intitolati għal kumpens raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-kostijiet tekniċi u organizzazzjonali mġarrba biex ikun hemm konformità mat-talba u l-marġni raġonevoli meħtieġ biex id-*data* tkun magħmula disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjoni, għall-aġenzija jew għall-korp tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kumpens ma jinftehimx bħala li jikkostitwixxi pagament għad-*data* nnifisha u bħala li huwa obbligatorju.

(68) Il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jista' jikkondividi d-*data* li jkun kiseb skont it-talba ma' entitajiet jew ma' persuni oħrajn meta dan ikun meħtieġ biex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka xjentifika jew attivitajiet analitiċi li ma jkunx jista' jwettaq huwa stess. Tali *data* tista' wkoll tiġi kondiviża taħt l-istess ċirkostanzi mal-istituti nazzjonali tal-istatistika u mal-Eurostat għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali. Madankollu, tali attivitajiet ta' riċerka jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-għan li għalih tkun intalbet id-*data* u d-detentur tad-*data* jenħtieġ li jiġi infurmat bil-kondiviżjoni ulterjuri tad-*data* li jkun ipprovda. Individwi li jwettqu riċerka jew organizzazzjonijiet ta' riċerka li magħhom tista' tiġi kondiviża din id-*data* jenħtieġ li jaġixxu jew fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta mill-Istat. Organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom li tippermetti lil dawn l-impriżi jeżerċitaw kontroll minħabba sitwazzjonijiet strutturali, li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka, jenħtieġ li ma jitqisux bħala organizzazzjonijiet ta' riċerka għall-fini ta' din id-Direttiva.

(69) Il-kapaċità għall-klijenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, inkluż is-servizzi tal-cloud u tal-edge, li jaqilbu minn servizz tal-ipproċessar tad-*data* għal ieħor, filwaqt li jżommu funzjonalità minima tas-servizz, hija kundizzjoni ewlenija għal suq aktar kompetittiv b'inqas ostakli għad-dħul għal fornituri ta' servizzi ġodda.

(70) Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jinkoraġġixxi lill-fornituri ta' servizzi jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod effettiv kodiċijiet ta' kondotta awtoregolatorji li jkopru l-aħjar prattiki għal, fost l-oħrajn, l-iffaċilitar tal-qlib ta' fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* u l-portabbiltà tad-*data*. Minħabba l-effikaċja limitata tal-oqfsa awtoregolatorji żviluppati b'rispons għal dan, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ġenerali ta' standards u ta' interfaċċi miftuħa, huwa meħtieġ li jiġi adottat sett ta' obbligi regolatorji minimi fuq il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* biex jiġu eliminati l-ostakli kuntrattwali, ekonomiċi u tekniċi għall-qlib effettiv bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.

(71) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jenħtieġ li jkopru s-servizzi li jippermettu aċċess on-demand u aċċess remot wiesa' għal grupp skalabbli u elastiku ta' riżorsi informatiċi kondiviżabbli u distribwiti. Dawk ir-riżorsi informatiċi jinkludu riżorsi bħal networks, servers jew infrastruttura virtwali jew fiżika oħra, sistemi operattivi, software, inklużi għodod għall-iżvilupp tas-software, il-ħżin, l-applikazzjonijiet u s-servizzi. Il-kapaċità tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-*data* biex unilateralment jipprovdi awtoforniment tal-kapaċitajiet tal-computing, bħall-ħin tas-server jew il-ħżin tan-network, mingħajr ebda interazzjoni umana mill-fornitur tas-servizz tista' tiġi deskritta bħala amministrazzjoni on-demand. It-terminu "aċċess remot wiesa'" jintuża biex jiddeskrivi li l-kapaċitajiet informatiċi jkunu pprovduti fuq in-network u jiġu aċċessati permezz ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' terminals ħfief jew tqal eteroġeni (minn web browsers għal apparat portabbli u stazzjonijiet tax-xogħol). It-terminu "skalabbli" jirreferi għal riżorsi informatiċi li jiġu allokati b'mod flessibbli mill-fornitur tas-servizz tal-ipproċessar tad-*data*, irrispettivament mil-post ġeografiku fejn ikunu jinsabu r-riżorsi, sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet li jkun hemm domanda kbira għalihom. It-terminu "grupp elastiku" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti u li jiġu rilaxxati skont id-domanda sabiex iżidu u jnaqqsu malajr ir-riżorsi disponibbli skont l-ammont ta' xogħol. It-terminu "jistgħu jiġu kondiviżi" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jiġu pprovduti lil diversi utenti li jikkondividu aċċess komuni għas-servizz, iżda fejn l-ipproċessar isir b'mod separat għal kull utent, għalkemm is-servizz jiġi pprovdut mill-istess tagħmir elettroniku. It-terminu "distribwit" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jinsabu fuq kompjuters jew apparati differenti mqabbda ma' network u li jikkomunikaw u li jikkoordinaw bejniethom billi jgħaddu l-messaġġi. It-terminu "distribwit ħafna" jintuża biex jiddeskrivi s-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* eqreb ta' fejn tkun qed tiġi ġġenerata jew miġbura d-*data*, pereżempju f'apparat tal-ipproċessar tad-*data* konness. Edge computing, li huwa forma ta' pproċessar ta' *data* distribwit ħafna, huwa mistenni li jiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u mudelli ta' kunsinna ta' servizzi tal-cloud, li jenħtieġ li jkunu miftuħin u interoperabbli sa mill-bidu nett.

(72) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, li jinkludi l-kundizzjonijiet u l-azzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex klijent jittermina ftehim kuntrattwali ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data*, biex jikkonkludi kuntratt ġdid wieħed jew aktar minn wieħed ma' fornituri differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, biex l-assi diġitali kollha tiegħu jiġu trasferiti (ported), inkluż id-*data*, lill-fornituri l-oħrajn ikkonċernati u biex ikompli jużahom fl-ambjent il-ġdid filwaqt li jibbenefika mill-ekwivalenza funzjonali. L-assi diġitali jirreferu għall-elementi f'format diġitali li għalihom il-klijent għandu d-dritt għall-użu, inkluż id-*data*, l-applikazzjonijiet, il-magni virtwali u manifestazzjonijiet oħrajn ta' teknoloġiji ta' virtwalizzazzjoni, bħall-kontejners. Ekwivalenza funzjonali tfisser iż-żamma ta' livell minimu ta' funzjonalità ta' servizz wara l-qlib, u jenħtieġ li titqies teknikament fattibbli kull meta kemm is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* tal-oriġini kif ukoll tad-destinazzjoni jkopru (parzjalment jew kompletament) l-istess tip ta' servizz. Il-metadata, iġġenerata mill-użu min-naħa tal-klijent ta' servizz, jenħtieġ li tkun portabbli wkoll skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-qlib.

(73) Meta l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* min-naħa tagħhom ikunu klijenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* pprovduti minn fornitur terz, dawn jibbenefikaw minn qlib aktar effettiv huma stess, filwaqt li fl-istess ħin ikunu marbuta b'mod invarjabbli mill-obbligi ta' dan ir-Regolament għal dak li jappartjeni għall-offerti ta' servizz tagħhom stess.

(74) Jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jkunu meħtieġa joffru l-assistenza u l-appoġġ kollu li hu meħtieġ biex il-proċess tal-qlib jirnexxi u jkun effettiv mingħajr ma jkun hemm bżonn li dawk il-forniturі ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jiżviluppaw kategoriji ġodda ta' servizzi fi ħdan jew abbażi tal-infrastruttura tal-IT ta' servizz differenti ta' forniturі tal-ipproċessar tad-*data* sabiex jiggarantixxu l-ekwivalenza funzjonali f'ambjent għajr is-sistemi tagħhom stess. Madankollu, il-forniturі tas-servizzi huma meħtieġa joffru l-assistenza u l-appoġġ kollu li hu meħtieġ biex jagħmlu l-proċess tal-qlib effettiv. Id-drittijiet eżistenti relatati mat-terminazzjoni ta' kuntratti, inklużi dawk introdotti bir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] jenħtieġ li ma jiġux affettwati.

(75) Sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, il-forniturі tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' għodod ta' implimentazzjoni u/jew ta' konformità, b'mod partikolari dawk ippubblikati mill-Kummissjoni fil-forma ta' ktieb tar-regoli relatat mas-servizzi ta' cloud. B'mod partikolari, klawżoli kuntrattwali standard huma ta' benefiċċju biex iżidu l-fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, biex tinħoloq relazzjoni aktar ibbilanċjata bejn l-utenti u l-forniturі tas-servizzi u biex tittejjeb iċ-ċertezza legali dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-qlib għal servizzi oħra tal-ipproċessar tad-*data*. F'dan id-dawl, l-utenti u l-forniturі ta' servizzi jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' klawżoli kuntrattwali standard żviluppati minn korpi jew minn gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

(76) L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards miftuħa tal-interoperabbiltà żviluppati f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 1025/2021 fil-qasam tal-interoperabbiltà u l-portabbiltà jippermettu ambjent tal-cloud b'bosta bejjiegħa, li huwa rekwiżit ewlieni għall-innovazzjoni miftuħa fl-ekonomija Ewropea tad-*data*. Peress li l-proċessi xprunati mis-suq ma wrewx il-kapaċità li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet jew standards tekniċi li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà effettiva tal-cloud fil-livelli ta' PaaS (pjattaforma bħala servizz) u SaaS (software bħala servizz), jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', abbażi ta' dan ir-Regolament u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppaw standards bħal dawn, b'mod partikolari għat-tipi ta' servizzi fejn dawn l-istandards għadhom ma jeżistux. Minbarra dan, il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-partijiet fis-suq biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet rilevanti tal-interoperabbiltà miftuħa. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati, tista' tobbliga l-użu ta' standards Ewropej għall-interoperabbiltà jew speċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà għal tipi speċifiċi ta' servizzi permezz ta' referenza f'repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*. L-istandards Ewropej u l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jiġu referenzjati biss jekk ikunu konformi mal-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament, li għandhom l-istess tifsira bħar-rekwiżiti fil-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2021 u l-aspetti tal-interoperabbiltà definiti skont l-ISO/IEC 19941:2017.

(77) Pajjiżi terzi jistgħu jadottaw liġijiet, regolamenti u atti legali oħra li għandhom l-għan li jittrasferixxu jew li jipprovdu aċċess governattiv direttament għal *data* mhux personali li tkun tinsab barra mill-fruntieri tagħhom, inkluż fl-Unjoni. Sentenzi ta' qrati jew tribunali jew deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi, inkluż awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'pajjiżi terzi li jeħtieġu tali trasferiment jew

[67] Id-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1).

aċċess għal *data* mhux personali jenħtieġ li jkunu infurzabbli meta jkunu bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat ta' assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew l-Istat Membru. F'każijiet oħra, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn talba għat-trasferiment jew għall-għoti ta' aċċess għal *data* mhux personali li tirriżulta minn liġi ta' pajjiż terz tkun f'kunflitt mal-obbligu li tiġi protetta tali *data* skont id-dritt tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu, bħad-dritt għas-sigurtà u d-dritt għal rimedju effettiv, jew l-interessi fundamentali ta' Stat Membru relatati mas-sigurtà jew mad-difiża nazzjonali, kif ukoll il-protezzjoni ta' *data* kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u inkluż l-impenji kuntrattwali tagħha rigward il-kunfidenzjalità f'konformità ma' tali liġi. Fin-nuqqas ta' ftehimiet internazzjonali li jirregolaw kwistjonijiet bħal dawn, it-trasferiment jew l-aċċess jenħtieġ li jkun permess biss jekk jiġi verifikat li s-sistema legali tal-pajjiż terz teħtieġ li r-raġunijiet u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni jkunu stabbiliti, li l-ordni tal-qorti jew id-deċiżjoni tkun speċifika fin-natura tagħha, u li l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti kompetenti fil-pajjiż terz, li għandha s-setgħa li tqis debitament l-interessi ġuridiċi rilevanti tal-fornitur ta' tali *data*. Kull fejn possibbli skont it-termini tat-talba għal aċċess għad-*data* tal-awtorità tal-pajjiż terz, jenħtieġ li l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jkun jista' jinforma lill-klijent li d-*data* tiegħu tkun meħtieġa, sabiex jivverifika l-preżenza ta' kunflitt potenzjali ta' tali aċċess mar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, bħal dawk dwar il-protezzjoni ta' *data* kummerċjalment sensittiva, inkluż il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-impriżi kuntrattwali fir-rigward tal-kunfidenzjalità.

(78) Sabiex titrawwem aktar fiduċja fid-*data*, huwa importanti li s-salvagwardji fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, is-settur pubbliku u n-negozji jiġu implimentati sa fejn ikun possibbli biex jiġi żgurat il-kontroll fuq id-*data* tagħhom. Barra minn hekk, id-dritt, il-valuri u l-istandards tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu rispettati f'termini ta' (iżda mhux limitati għal) sigurtà, protezzjoni tad-*data* u privatezza, u protezzjoni tal-konsumatur. Sabiex jiġi evitat l-aċċess illegali għal *data* mhux personali, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* soġġetti għal dan l-istrument, bħal servizzi cloud u tal-edge, jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jipprevjenu l-aċċess għas-sistemi fejn tinħażen *data* mhux personali, inkluż, fejn rilevanti, permezz tal-kriptaġġ tad-*data*, is-sottomissjoni frekwenti għall-awditi, l-aderenza vverifikata mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni rilevanti ta' riassigurazzjoni tas-sigurtà, u l-modifika tal-politiki korporattivi.

(79) L-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà semantika jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni ta' konformità għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jeżisti l-ebda standard armonizzat jew fejn tali standards ma jkunux biżżejjed sabiex ikomplu jtejbu l-interoperabbiltà għall-ispazji komuni Ewropej tad-*data*, l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, il-qlib tal-cloud kif ukoll il-kuntratti intelliġenti. Barra minn hekk, jistgħu jibqgħu jiġu adottati speċifikazzjonijiet komuni fis-setturi differenti, f'konformità mad-dritt settorjali tal-Unjoni jew nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk is-setturi. L-istrutturi u l-mudelli tad-*data* li jistgħu jerġgħu

jintużaw (fil-forma ta' vokabularji ewlenin), ontoloġiji, profil tal-applikazzjoni tal-metadata, *data* ta' referenza fil-forma ta' vokabularju ewlieni, tassonomiji, listi tal-kodiċijiet, tabelli tal-awtorità, teżawri jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà semantika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tawtorizza l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.

(80) Sabiex tiġi promossa l-interoperabbiltà ta' kuntratti intelliġenti f'applikazzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-*data*, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti essenzjali għal kuntratti intelliġenti għal professjonisti li joħolqu kuntratti intelliġenti għal oħrajn jew li jintegraw tali kuntratti intelliġenti f'applikazzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' ftehimiet għall-kondiviżjoni tad-*data*. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ta' tali kuntratti intelliġenti ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni ta' konformità għal kuntratti intelliġenti li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(81) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar. Jekk Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li jaħtar ukoll awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin. L-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mal-protezzjoni tad-*data* u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-leġiżlazzjoni settorjali jenħtieġ li jkollhom ir-responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

(82) Sabiex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jenħtieġ li jkunu intitolati jfittxu rimedju għall-ksur tad-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament billi jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu obbligati jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilment jiġi ttrattat u solvut kif xieraq. Sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex ikunu jistgħu jsiru azzjonijiet rappreżentattivi, dan ir-Regolament jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69].

(83) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi ssanzjonat b'penali. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-tul ta' żmien tal-ksur fid-dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-kontraventur. Jenħtieġ li jqisu jekk il-kontraventur jonqos b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. Sabiex tgħin lill-intrapriżi jfasslu u jinnegozjaw kuntratti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa u tirrakkomanda termini kuntrattwali mhux obbligatorji għal kuntratti ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji, fejn meħtieġ filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet f'setturi speċifiċi u l-prattiki eżistenti

[68] Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

[69] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

b'mekkaniżmi volontarji ta' kondiviżjoni tad-*data*. Dawn il-mudelli ta' termini kuntrattwali jenħtieġ li jkunu primarjament għodda prattika biex jgħinu b'mod partikolari lill-intraprizi ż-żgħar jikkonkludu kuntratt. Meta jintużaw b'mod wiesa' u b'mod integrali, dawn it-termini kuntrattwali mudell jenħtieġ li jkollhom ukoll l-effett ta' benefiċċju li jinfluwenzaw it-tfassil ta' kuntratti dwar l-aċċess għal u l-użu ta' *data* u għalhekk iwasslu b'mod usa' lejn relazzjonijiet kuntrattwali aktar ġusti meta jaċċessaw u jikkondividu d-*data*.

(84) Sabiex jiġi eliminat ir-riskju li d-detenturi tad-*data* f'bażijiet tad-*data* miksuba jew iġġenerati permezz ta' komponenti fiżiċi, bħal sensuri, ta' prodott konness u servizz relatat jikklemjaw id-dritt *sui generis* skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/9/KE, fejn tali bażijiet tad-*data* ma jikkwalifikawx għad-dritt *sui generis*, u huma u jagħmlu dan, ifixklu l-eżerċitar effettiv tad-dritt tal-utenti li jaċċessaw u li jużaw id-*data* u d-dritt li jikkondividu d-*data* ma' partijiet terzi skont dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiċċara li d-dritt *sui generis* ma japplikax għal tali bażijiet tad-*data* peress li r-rekwiżiti għall-protezzjoni ma jkunux ġew issodisfati.

(85) Sabiex jitqiesu l-aspetti tekniċi tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jiġi introdott mekkaniżmu ta' monitoraġġ dwar it-tariffi tal-qlib imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* fis-suq, biex jiġu speċifikati ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali għall-operaturi tal-ispazji tad-*data* u l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* dwar l-interoperabbiltà u biex tiġi ppubblikata r-referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[70]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(86) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tadotta speċifikazzjonijiet komuni biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-ispazji komuni Ewropej tad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data*, il-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, l-interoperabbiltà ta' kuntratti intelliġenti kif ukoll għal mezzi tekniċi, bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, biex tkun tista' ssir it-trażmissjoni tad-*data* bejn il-partijiet inkluż dik kontinwa jew f'ħin reali u għall-vokabularji ewlenin tal-interoperabbiltà semantika, u biex jiġu adottati speċifikazzjonijiet komuni għall-kuntratti intelliġenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71].

---

70 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

71 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(87) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax dispożizzjonijiet speċifiċi ta' atti tal-Unjoni adottati fil-qasam tal-kondiviżjoni tad-*data* bejn in-negozji, bejn in-negozji u l-konsumaturi u bejn in-negozji u l-korpi tas-settur pubbliku li ġew adottati qabel id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, il-Kummissjoni jenħtieġ li, fejn rilevanti, tevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward tar-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u l-atti adottati qabel id-*data* tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament li jirregolaw il-kondiviżjoni tad-*data*, sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa għall-allinjament ta' dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi ma' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi għal setturi jew oqsma individwali ta' interess pubbliku. Tali regoli jistgħu jinkludu rekwiżiti addizzjonali dwar aspetti tekniċi tal-aċċess għad-*data*, bħall-interfaċċi għall-aċċess għad-*data*, jew kif jista' jiġi pprovdut aċċess għad-*data*, pereżempju direttament mill-prodott jew permezz ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-*data*. Tali regoli jistgħu jinkludu wkoll limiti fuq id-drittijiet tad-detenturi tad-*data* biex jaċċessaw jew jużaw id-*data* tal-utenti, jew aspetti oħra lil hinn mill-aċċess u l-użu tad-*data*, bħall-aspetti ta' governanza. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għal regoli aktar speċifiċi fil-kuntest tal-iżvilupp ta' spazji komuni Ewropej tad-*data*.

(88) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jintużawx biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni b'mod li jmur kontra t-Trattat.

(89) Sabiex l-atturi ekonomiċi jkunu jistgħu jadattaw għar-regoli l-ġodda stipulati f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawn japplikaw minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

(90) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġew ikkkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) 2018/1725 u taw opinjoni konġunta fi [XX XX 2022].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-għemil tad-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew servizz, dwar l-għemil disponibbli tad-*data* mid-detenturi tad-*data* għar-riċevituri tad-*data*, u dwar l-għemil disponibbli tad-*data* mid-detenturi tad-*data* għal korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali, għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku:

2. Dan ir-Regolament japplika għal:

(a) manifatturi ta’ prodotti u l-fornituri ta’ servizzi relatati mqiegħda fis-suq fl-Unjoni u l-utenti ta’ tali prodotti jew servizzi;

(b) detenturi tad-*data* li jagħmlu d-*data* disponibbli għar-riċevituri tad-*data* fl-Unjoni;

(c) riċevituri tad-*data* fl-Unjoni li għalihom tkun disponibbli d-*data*;

(d) korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni li jitolbu lid-detenturi tad-*data* jagħmlu d-*data* disponibbli meta jkun hemm ħtieġa eċċezzjonali għal dik id-*data* għat-twettiq ta’ kompitu mwettaq fl-interess pubbliku u d-detenturi tad-*data* li jipprovdu dik id-*data* bi tweġiba għal talba bħal din;

(e) fornituri ta’ servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li joffru tali servizzi lill-klijenti fl-Unjoni.

3. Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali għandu japplika għad-*data* personali pproċessata b’rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f’dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b’mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, inklużi s-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji. Sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta’ dan ir-Regolament, u meta l-utenti jkunu s-suġġetti tad-*data* ta’ *data* personali soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi skont dak il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom jikkomplementaw id-dritt tal-portabbiltà tad-*data* skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679.

4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jipprevedu l-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu ta’ *data* għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, inkluż ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72] u [l-proposti dwar l-evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] ladarba jiġu adottati, u l-kooperazzjoni internazzjonali f’dak il-qasam. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-ġbir, il-kondiviżjoni, l-aċċess għal u l-użu ta’ *data* skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferiment ta’ fondi. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta’ attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali, l-amministrazzjoni doganali u tat-taxxa u s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[72] Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta’ kontenut terroristiku online (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79).

(1) “*data*” tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali ta’ atti, fatti jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni ta’ dawn l-atti, fatti jew informazzjoni, inkluż fil-forma ta’ reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva;

(2) “prodott” tfisser oġġett tanġibbli u mobbli, inkluż fejn inkorporat f’oġġett immobbli, li jikseb, jiġġenera jew jiġbor, *data* dwar l-użu jew l-ambjent tiegħu, u li jkun jista’ jikkomunika *data* permezz ta’ servizz ta’ komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku u li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-ħżin u l-ipproċessar tad-*data*;

(3) “servizz relatat” tfisser servizz diġitali, inkluż software, li huwa inkorporat fi prodott jew interkonness ma’ prodott b’tali mod li n-nuqqas tiegħu jipprevjeni lill-prodott milli jwettaq waħda mill-funzjonijiet tiegħu;

(4) “assistenti virtwali” tfisser software li jista’ jipproċessa d-domandi, il-kompiti jew il-mistoqsijiet, inkluż abbażi ta’ input b’awdjo, bil-miktub, ġesti jew movimenti, u abbażi ta’ dawk id-domandi, il-kompiti jew il-mistoqsijiet, jipprovdi aċċess għas-servizzi tiegħu stess u ta’ partijiet terzi jew jikkontrolla l-apparati tagħhom stess u ta’ partijiet terzi;

(5) “utent” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta’ prodott jew li tirċievi servizzi;

(6) “detentur tad-*data*” tfisser persuna ġuridika jew fiżika li għandha d-dritt jew l-obbligu, f’konformità ma’ dan ir-Regolament, id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta’ *data* mhux personali u permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku tal-prodott u tas-servizzi relatati, il-kapaċità, li tagħmel ċerta *data* disponibbli;

(7) “riċevitur tad-*data*” tfisser persuna ġuridika jew fiżika, li taġixxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta’ dik il-persuna, minbarra l-utent ta’ prodott jew servizz relatat, li d-detentur tad-*data* jagħmel id-*data* disponibbli lilha, inkluż parti terza wara talba mill-utent lid-detentur tad-*data* jew f’konformità ma’ obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni;

(8) “intrapriża” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li fir-rigward ta’ kuntratti u prattiki koperti minn dan ir-Regolament tkun qed taġixxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta’ dik il-persuna;

(9) “korp tas-settur pubbliku” tfisser awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-Istati Membri u korpi regolati mil-liġi pubblika tal-Istati Membri, jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar;

(10) “emerġenza pubblika” tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b’mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta’ Stat Membru jew ta’ parti minnu, b’riskju ta’ riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti;

(11) “ipproċessar” tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta’ operazzjonijiet li jitwettqu fuq *data* jew fuq settijiet ta’ *data* f’format elettroniku, sew jekk b’mezzi awtomatizzati, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħżin, l-adattament jew it-tibdil, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, id-divulgazzjoni

permezz ta' trażmissjoni, id-disseminazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni, l-allinjament jew il-kombinament, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(12) "servizz tal-ipproċessar tad-*data*" tfisser servizz diġitali għajr servizz tal-kontenut online kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/1128, ipprovdut lil klijent, li jippermetti amministrazzjoni fuq talba u aċċess remot wiesa' għal grupp skalabbli u elastiku ta' riżorsi informatiċi li jistgħu jiġu kondiviżi ta' natura ċentralizzata, distribwita jew distribwita ħafna;

(13) "tip ta' servizz" tfisser sett ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jaqsmu l-istess objettiv primarju u mudell bażiku ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data*;

(14) "ekwivalenza funzjonali" tfisser iż-żamma ta' livell minimu ta' funzjonalità fl-ambjent ta' servizz ġdid tal-ipproċessar tad-*data* wara l-proċess tal-qlib, sa tali punt li, b'reazzjoni għal azzjoni ta' input mill-utent dwar l-elementi ewlenin tas-servizz, is-servizz tad-destinazzjoni jagħti l-istess output fl-istess prestazzjoni u bl-istess livell ta' sigurtà, reżiljenza operazzjonali u kwalità tas-servizz bħas-servizz oriġinarju fil-mument tat-terminazzjoni tal-kuntratt;

(15) "speċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà" tfisser speċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012, li huma orjentati lejn il-prestazzjoni lejn il-kisba tal-interoperabbiltà bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*;

(16) "kuntratt intelliġenti" tfisser programm tal-kompjuter maħżun f'sistema ta' reġistru elettroniku fejn l-eżitu tal-eżekuzzjoni tal-programm jiġi rreġistrat fuq il-ktieb elettroniku;

(17) "ktieb elettroniku" tfisser ktieb elettroniku skont it-tifsira tal-Artikolu 3(53), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(18) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser dokument, għajr standard, li jkun fih soluzzjonijiet tekniċi li jipprovdu mezz għall-konformità ma' ċerti rekwiżiti u obbligi stabbiliti skont dan ir-Regolament;

(19) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' żewġ spazji jew aktar tad-*data* jew networks ta' komunikazzjoni, sistemi, prodotti, applikazzjonijiet jew komponenti għall-iskambju u għall-użu tad-*data* sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;

(20) "standard armonizzat" tfisser standard armonizzat kif definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

KAPITOLU II

KONDIVIŻJONI TAD-*DATA* BEJN NEGOZJU U KONSUMATUR U BEJN NEGOZJU U NEGOZJU

Artikolu 3

L-obbligu li d-data ġġenerata mill-użu ta' prodotti jew ta' servizzi relatati ssir aċċessibbli

1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li d-*data* ġġenerata mill-użu tagħhom tkun, awtomatikament, aċċessibbli faċilment, b'mod sikur u, fejn rilevanti u xieraq, aċċessibbli direttament għall-utent.

2. Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew ta' servizz relatat, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent, f'format ċar u li jinftiehem:

(a) in-natura u l-volum tad-*data* li x'aktarx tiġi ġġenerata bl-użu tal-prodott jew servizz relatat;

(b) jekk id-*data* hijiex probabbli li tiġi ġġenerata kontinwament u f'ħin reali;

(c) kif l-utent jista' jaċċessa dik id-*data*;

(d) jekk il-manifattur li jforni l-prodott jew il-fornitur tas-servizz li jipprovdi s-servizz relatat għandux l-intenzjoni li juża d-*data* huwa stess jew għandux l-intenzjoni li jippermetti lil parti terza tuża d-*data* u, jekk iva, l-għanijiet li għalihom se tintuża dik id-*data*;

(e) jekk il-bejjiegħ, il-kerrej jew il-lokatur huwiex id-detentur tad-*data* u, jekk le, l-identità tad-detentur tad-*data*, bħall-isem kummerċjali tiegħu u l-indirizz ġeografiku li fih huwa stabbilit;

(f) il-mezzi ta' komunikazzjoni li jippermettu lill-utent jikkuntattja lid-detentur tad-*data* malajr u jikkomunika ma' dak id-detentur tad-*data* b'mod effiċjenti;

(g) kif l-utent jista' jitlob li d-*data* tiġi kondiviża ma' parti terza;

(h) id-dritt tal-utent li jissottometti lment li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.

Artikolu 4

Id-dritt tal-utenti li jaċċessaw u li jużaw data ġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati

1. Meta d-*data* ma tkunx tista' tiġi aċċessata direttament mill-utent mill-prodott, id-detentur tad-*data* għandu jagħmel disponibbli għall-utent id-*data* ġġenerata bl-użu tiegħu ta' prodott jew servizz relatat mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali. Dan għandu jsir abbażi ta' talba sempliċi permezz ta' mezzi elettroniċi fejn dan ikun teknikament fattibbli.

2. Id-detentur tad-*data* ma għandux jirrikjedi li l-utent jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità bħala utent skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-*data* ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-utent għad-*data* mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għall-aċċess tal-utent u għas-sigurtà u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-*data*.

3. Is-sigrieti kummerċjali għandhom jiġu ddivulgati biss dment li jittieħdu l-miżuri speċifiċi kollha meħtieġa biex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali b'mod partikolari fir-rigward ta' partijiet terzi. Id-detentur tad-*data* u l-utent jistgħu jaqblu fuq miżuri biex jippreservaw il-kunfidenzjalità tad-*data* kondiviża, b'mod partikolari fir-rigward ta' partijiet terzi.

4. L-utent ma għandux juża d-*data* miksuba skont talba msemmija fil-paragrafu 1 biex jiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-*data*.

5. Meta l-utent ma jkunx suġġett tad-*data*, kwalunkwe *data* personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss mid-detentur tad-*data* għall-utent fejn ikun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament

(UE) 2016/679 u, fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 huma ssodisfati.

6. Id-detentur tad-*data* għandu juża biss kwalunkwe *data* mhux personali ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat abbażi ta' ftehim kuntrattwali mal-utent. Id-detentur tad-*data* ma għandux juża tali *data* ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat biex jikseb intuwitu dwar is-sitwazzjoni ekonomika, assi u metodi ta' produzzjoni ta' jew l-użu mill-utent li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tal-utent fis-swieq li fihom huwa attiv l-utent.

Artikolu 5

Id-dritt li tiġi kondiviża data ma' partijiet terzi

1. Fuq talba minn utent, jew minn parti li taġixxi f'isem utent, id-detentur tad-*data* għandu jagħmel disponibbli d-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat lil parti terza, mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas għall-utent, tal-istess kwalità, kif inhi disponibbli għad-detentur tad-*data* u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali.

2. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li għalihom wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi ġew maħtura bħala gatekeeper, skont l-Artikolu […] [tar-Regolament XXX dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[73]], ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan l-Artikolu u għalhekk ma għandhiex:

   (a) tħajjar jew tinċentiva kummerċjalment utent bi kwalunkwe mod, inkluż billi tipprovdi kumpens monetarju jew kwalunkwe kumpens ieħor, biex tagħmel id-*data* disponibbli għal wieħed mis-servizzi tiegħu li l-utent ikun kiseb wara talba skont l-Artikolu 4(1);

   (b) tfittex jew tinċentiva kummerċjalment utent biex jitlob lid-detentur tad-*data* jagħmel id-*data* disponibbli għal wieħed mis-servizzi tiegħu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

   (c) tirċievi *data* minn utent li l-utent ikun kiseb wara talba skont l-Artikolu 4(1).

3. L-utent jew parti terza ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-kwalità bħala utent jew bħala parti terza skont il-paragrafu 1. Id-detentur tad-*data* ma għandu jżomm l-ebda informazzjoni dwar l-aċċess tal-parti terza għad-*data* mitluba lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tajba tat-talba għal aċċess tal-parti terza u għas-sigurtà u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tad-*data*.

4. Il-parti terza ma għandhiex tuża mezzi ta' ġegħil jew abbuż li juru lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-*data* mfassla għall-protezzjoni tad-*data* sabiex tikseb aċċess għad-*data*.

5. Id-detentur tad-*data* ma għandu juża l-ebda *data* mhux personali ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat biex jikseb għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika, l-assi u l-metodi ta' produzzjoni tal-parti terza jew l-użu minnha li jistgħu jimminaw il-pożizzjoni kummerċjali tal-parti terza fis-swieq li fihom hija

[73] ĠU […].

attiva l-parti terza, sakemm il-parti terza ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal tali użu u jkollha l-possibbiltà teknika li tirtira dak il-kunsens fi kwalunkwe ħin.

6. Meta l-utent ma jkunx suġġett tad-*data*, kwalunkwe *data* personali ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 huma ssodisfati.

7. Kwalunkwe nuqqas min-naħa tad-detentur tad-*data* u tal-parti terza milli jaqbel fuq arranġamenti għat-trażmissjoni tad-*data* ma għandux ifixkel, jipprevjeni jew jinterferixxi mal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u, b'mod partikolari, mad-dritt għall-portabbiltà tad-*data* skont l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament.

8. Is-sigrieti kummerċjali għandhom jiġu ddivulgati biss lil partijiet terzi sa fejn ikunu strettament meħtieġa biex jissodisfaw l-iskop miftiehem bejn l-utent u l-parti terza u l-miżuri kollha speċifiċi meħtieġa miftiehma bejn id-detentur tad-*data* u l-parti terza jittieħdu mill-parti terza biex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali. F'każ bħal dan, in-natura tad-*data* bħala sigrieti kummerċjali u l-miżuri għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim bejn id-detentur tad-*data* u l-parti terza.

9. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaffettwa b'mod ħażin id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

Artikolu 6

Obbligi ta' partijiet terzi li jirċievu data fuq talba tal-utent

1. Parti terza għandha tipproċessa d-*data* li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, u għandha tħassar id-*data* meta din ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem.

2. Il-parti terza ma għandhiex:

   (a) tisforza, tqarraq jew timmanipula lill-utent bi kwalunkwe mod, billi timmina jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent;

   (b) tuża d-*data* li tirċievi għat-tfassil tal-profil tal-persuni fiżiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, sakemm ma jkunx neċessarju li jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent;

   (c) tagħmel id-*data* disponibbli li tirċievi lil parti terza oħra, f'forma mhux ipproċessata, aggregata jew derivata, sakemm dan ma jkunx neċessarju biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent;

   (d) tagħmel disponibbli d-*data* li tirċievi għal impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija, li għaliha, wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi jkunu ġew maħtura bħala gatekeeper skont l-Artikolu […] [tar-Regolament dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)];

   (e) tuża d-*data* li tirċievi biex tiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-*data* aċċessata jew tikkondividi d-*data* ma' parti terza oħra għal dak il-għan;

(f) tipprevjeni lill-utent, inkluż permezz ta' impenji kuntrattwali, milli jagħmel id-*data* li jirċievi disponibbli għal partijiet oħrajn.

Artikolu 7

L-ambitu tal-obbligi ta' kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji u l-konsumaturi u bejn negozju u negozju

1. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal *data* ġġenerata bl-użu ta' prodotti manifatturati jew servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, sakemm dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.
2. Meta dan ir-Regolament jirreferi għal prodotti jew għal servizzi relatati, tali referenza għandha tinftiehem ukoll li tinkludi assistenti virtwali, dment li dawn jintużaw għall-aċċess jew għall-kontroll ta' prodott jew ta' servizz relatat.

KAPITOLU III

OBBLIGI GĦAD-DETENTURI TAD-*DATA* LEGALMENT OBBLIGATI LI JAGĦMLU D-*DATA* DISPONIBBLI

Artikolu 8

Il-kundizzjonijiet li taħthom id-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data

1. Meta detentur tad-*data* jkun obbligat li jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data* skont l-Artikolu 5 jew skont dritt ieħor tal-Unjoni jew skont leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, huwa għandu jagħmel dan skont termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu IV.
2. Detentur tad-*data* għandu jiftiehem ma' riċevitur tad-*data* fuq it-termini biex id-*data* ssir disponibbli. Terminu kuntrattwali li jikkonċerna l-aċċess għal u l-użu tad-*data* jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew għat-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-*data* ma għandux ikun vinkolanti jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 jew jekk jeskludi l-applikazzjoni ta', jidderoga minn jew ivarja l-effett tad-drittijiet tal-utent skont il-Kapitolu II.
3. Detentur tad-*data* ma għandux jiddiskrimina bejn kategoriji komparabbli ta' riċevituri tad-*data*, inklużi intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, tad-detentur tad-*data*, meta jagħmel id-*data* disponibbli. Meta riċevitur tad-*data* jqis li l-kundizzjonijiet li taħthom id-*data* tkun saret disponibbli għalih huma diskriminatorji, għandu jkun f'idejn id-detentur tad-*data* li juri li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni.
4. Detentur tad-*data* ma għandux jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data* fuq bażi esklużiva sakemm dan ma jkunx mitlub mill-utent skont il-Kapitolu II.

5. Id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data* ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-konformità mat-termini kuntrattwali miftiehma biex id-*data* tkun magħmula disponibbli jew mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament jew dritt applikabbli ieħor tal-Unjoni jew leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni.

6. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mid-dritt tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, obbligu li d-*data* tkun magħmula disponibbli għal riċevitur tad-*data* ma għandux jobbliga d-divulgazzjoni ta' sigrieti kummerċjali skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2016/943.

Artikolu 9

Kumpens biex id-data tkun magħmula disponibbli

1. Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-*data* u riċevitur tad-*data* biex id-*data* tkun magħmula disponibbli għandu jkun raġonevoli.

2. Meta r-riċevitur tad-*data* jkun impriża mikro, żgħira jew medja, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mal-għemil tad-*data* disponibbli għar-riċevitur tad-*data* u li huma attribwibbli għat-talba. L-Artikolu 8(3) għandu japplika kif xieraq.

3. Dan l-Artikolu ma għandux jipprekludi dritt ieħor tal-Unjoni jew leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni milli teskludi l-kumpens għall-għemil disponibbli tad-*data* jew għall-provvediment għal kumpens aktar baxx.

4. Id-detentur tad-*data* għandu jipprovdi lir-riċevitur tad-*data* b'informazzjoni li tistabbilixxi l-bażi għall-kalkolu tal-kumpens f'dettall suffiċjenti sabiex ir-riċevitur tad-*data* jkun jista' jivverifika li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, tal-paragrafu 2 jiġu ssodisfati.

Artikolu 10

Soluzzjoni tat-tilwim

1. Id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data* għandu jkollhom aċċess għall-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim, iċċertifikati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, biex isolvu tilwim fir-rigward tad-determinazzjoni ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u fir-rigward tal-mod trasparenti kif id-*data* ssir disponibbli skont l-Artikoli 8 u 9.

2. L-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu, fuq talba ta' dak il-korp, jiċċertifika l-korp, fejn il-korp ikun wera li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) ikun imparzjali u indipendenti, u joħroġ id-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità ma' regoli ta' proċeduri ċari u ġusti;

   (b) ikollu l-għarfien espert meħtieġ fir-rigward tad-determinazzjoni ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u l-mod trasparenti kif id-*data* tkun magħmula disponibbli, li jippermetti lill-korp jiddetermina b'mod effettiv dawk it-termini;

(c) ikun faċilment aċċessibbli permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni elettronika;

(d) ikun kapaċi jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod rapidu, effiċjenti u kosteffettiv u b'mill-inqas lingwa waħda uffiċjali tal-Unjoni.

Jekk l-ebda korp għas-soluzzjoni tat-tilwim ma jkun iċċertifikat fi Stat Membru sa [data tal-applikazzjoni tar-Regolament], dak l-Istat Membru għandu jistabbilixxi u jiċċertifika korp għas-soluzzjoni tat-tilwim li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim iċċertifikati skont il-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' dawk il-korpi fuq sit web iddedikat u żżommha aġġornata.

4. Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom jagħmlu t-tariffi, jew il-mekkaniżmi użati biex jiġu ddeterminati t-tariffi, magħrufa lill-partijiet ikkonċernati qabel ma dawk il-partijiet jitolbu deċiżjoni.

5. Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom jirrifjutaw li jittrattaw talba biex isolvu tilwima li tkun diġà tressqet quddiem korp ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim jew quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru.

6. Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom jagħtu lill-partijiet il-possibbiltà, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kwistjonijiet li dawk il-partijiet ikunu ressqu quddiem dawk il-korpi. F'dak il-kuntest, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom jipprovdu lil dawk il-partijiet is-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra u kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-esperti. Dawk il-korpi għandhom jagħtu lill-partijiet il-possibbiltà li jikkummentaw dwar dawk is-sottomissjonijiet u d-dikjarazzjonijiet.

7. Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom joħorġu d-deċiżjoni tagħhom dwar kwistjonijiet riferuti lilhom mhux aktar tard minn 90 jum wara li tkun saret it-talba għal deċiżjoni. Dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu bil-miktub jew fuq mezz durabbli u għandhom ikunu appoġġati minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jappoġġaw id-deċiżjoni.

8. Id-deċiżjoni tal-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandha tkun vinkolanti biss fuq il-partijiet jekk il-partijiet ikunu taw kunsens espliċitu għan-natura vinkolanti tagħha qabel il-bidu tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

9. Dan l-Artikolu ma jaffettwax id-dritt tal-partijiet li jfittxu rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru.

Artikolu 11

Miżuri tekniċi ta' protezzjoni u dispożizzjonijiet dwar l-użu jew id-divulgazzjoni mhux awtorizzati tad-data

1. Id-detentur tad-*data* jista' japplika miżuri ta' protezzjoni teknika xierqa, inklużi kuntratti intelliġenti, biex jipprevjeni aċċess mhux awtorizzat għad-*data* u biex jiżgura l-konformità mal-Artikoli 5, 6, 9 u 10, kif ukoll mat-termini kuntrattwali miftiehma biex id-*data* tkun magħmula disponibbli. Tali miżuri ta' protezzjoni teknika ma għandhomx jintużaw bħala mezz biex jiġi mfixkel id-dritt tal-utent li jipprovdi b'mod effettiv *data* lil partijiet terzi skont l-Artikolu 5 jew kwalunkwe dritt

ta' parti terza skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(1).

2. Riċevitur tad-*data* li, għall-finijiet tal-kisba tad-*data*, ipprovda informazzjoni mhux preċiża jew falza lid-detentur tad-*data*, uża mezzi qarrieqa jew koerċittivi jew abbuża minn lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-*data* mfassla biex tipproteġi d-*data*, uża d-*data* magħmula disponibbli għal skopijiet mhux awtorizzati jew iddivulga dik id-*data* lil parti oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-*data*, għandu mingħajr dewmien żejjed, sakemm id-detentur tad-*data* jew l-utent ma jistipulax mod ieħor:

   (a) jeqred id-*data* magħmula disponibbli mid-detentur tad-*data* u kwalunkwe kopja tagħha;

   (b) itemm il-produzzjoni, l-offerta, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti, *data* derivattiva jew servizzi prodotti abbażi tal-għarfien miksub permezz ta' tali *data*, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħżin ta' oġġetti li jiksru l-liġi għal dawk l-għanijiet, u jeqred kwalunkwe oġġett li jikser il-liġi.

3. Il-paragrafu 2(b), ma għandux japplika f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (a) l-użu tad-*data* ma jkunx ikkawża ħsara sinifikanti lid-detentur tad-*data*;

   (b) dan ikun sproporzjonat fid-dawl tal-interessi tad-detentur tad-*data*.

Artikolu 12

L-ambitu tal-obbligi għad-detenturi tad-data obbligati legalment li jagħmlu d-data disponibbli

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika meta detentur tad-*data* jkun obbligat skont l-Artikolu 5, jew skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, li jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data*.

2. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-*data* li, għad-detriment ta' parti waħda, jew, fejn applikabbli, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ma għandux ikun vinkolanti fuq dik il-parti.

3. Dan il-Kapitolu għandu japplika biss fir-rigward tal-obbligi li d-*data* tkun magħmula disponibbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, li jidħlu fis-seħħ wara [data tal-applikazzjoni tar-Regolament].

KAPITOLU IV

TERMINI INĠUSTI RELATATI MAL-AĊĊESS GĦAD-*DATA* U L-UŻU BEJN L-INTRAPRIŻI

Artikolu 13

Termini kuntrattwali inġusti imposti unilateralment fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju

1. Terminu kuntrattwali, dwar l-aċċess għal u l-użu ta' *data* jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew it-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-*data* li jkunu ġew

imposti unilateralment minn intrapriża fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ma għandux ikun vinkolanti fuq l-intrapriża tal-aħħar jekk ikun inġust.

2. Terminu kuntrattwali huwa inġust jekk ikun ta' tali natura li l-użu tiegħu jiddevja b'mod kbir minn prattika kummerċjali tajba fl-aċċess u fl-użu tad-*data*, għall-kuntrarju ta' negozjar *bona fide* u ġust.

3. Terminu kuntrattwali huwa inġust għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jekk l-għan jew l-effett tiegħu jkun li:

   (a) jeskludi jew jillimita r-responsabbiltà tal-parti li imponiet unilateralment it-terminu għal atti intenzjonali jew għal negliġenza serja;

   (b) jeskludi r-rimedji disponibbli għall-parti li fuqha ġie impost it-terminu unilateralment f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligi kuntrattwali jew ir-responsabbiltà tal-parti li imponiet it-terminu unilateralmentf'każ ta' ksur ta' dawk l-obbligi;

   (c) jagħti lill-parti li imponiet it-terminu unilateralment, id-dritt esklużiv li tiddetermina jekk id-*data* pprovduta hijiex konformi mal-kuntratt jew li tinterpreta kwalunkwe terminu tal-kuntratt.

4. Terminu kuntrattwali huwa preżunt inġust għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jekk l-għan jew l-effett tiegħu jkun li:

   (a) jillimita b'mod mhux xieraq ir-rimedji f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali jew ir-responsabbiltà f'każ ta' ksur ta' dawk l-obbligi;

   (b) jippermetti lill-parti li imponiet unilateralment it-terminu għall-aċċess u għall-użu ta' *data* tal-parti kontraenti l-oħra b'mod li jkun ta' detriment sinifikanti għall-interessi leġittimi tal-parti kontraenti l-oħra;

   (c) jipprevjeni lill-parti li t-terminu jkun ġie impost fuqha unilateralment milli tuża d-*data* kkontribwita jew iġġenerata minn dik il-parti matul il-perjodu tal-kuntratt, jew li tillimita l-użu ta' tali *data* sal-punt li dik il-parti ma tkunx intitolata li tuża, tiġbor, taċċessa jew tikkontrolla tali *data* jew tisfrutta l-valur ta' tali *data* b'mod proporzjonat;

   (d) jipprevjeni lill-parti li t-terminu jkun ġie impost fuqha unilateralment milli tikseb kopja tad-*data* kkontribwita jew iġġenerata minn dik il-parti matul il-perjodu tal-kuntratt jew f'perjodu raġonevoli wara t-terminazzjoni tiegħu;

   (e) jippermetti lill-parti li tkun imponiet it-terminu unilateralment biex ittemm il-kuntratt b'avviż irraġonevolment qasir, filwaqt li jitqiesu l-possibbiltajiet raġonevoli tal-parti kontraenti l-oħra li taqleb għal servizz alternattiv u komparabbli u d-detriment finanzjarju kkawżat minn tali terminazzjoni, għajr fejn ikun hemm raġunijiet serji biex isir dan.

5. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala impost unilateralment skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu jekk ikun ġie fornut minn parti kontraenti waħda u l-parti kontraenti l-oħra ma setgħetx tinfluwenza l-kontenut tiegħu minkejja tentattiv biex dan jiġi nnegozjat. Il-parti kontraenti li pprovdiet terminu kuntrattwali għandha l-oneru li tagħti provi li dak it-terminu ma ġiex impost unilateralment.

6. Meta t-terminu kuntrattwali inġust ikun jista' jkun magħmul indipendenti mit-termini li jifdal tal-kuntratt, dawk it-termini li jifdal għandhom jibqgħu vinkolanti.

7. Dan l-Artikolu ma japplikax għal termini kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett ewlieni tal-kuntratt jew għal termini kuntrattwali li jiddeterminaw il-prezz li għandu jitħallas.

8. Il-partijiet għal kuntratt kopert mill-paragrafu 1 ma jistgħux jeskludu l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jidderogaw minnu, jew ivarjaw l-effetti tiegħu.

KAPITOLU V

ID-DISPONIBBILTÀ TAD-*DATA* GĦALL-KORPI TAS-SETTUR PUBBLIKU U GĦALL-ISTITUZZJONIJIET, L-AĠENZIJI JEW IL-KORPI TAL-UNJONI ABBAŻI TA' ĦTIEĠA EĊĊEZZJONALI

Artikolu 14

Obbligu li d-data ssir disponibbli abbaži ta' ħtieġa eċċezzjonali

1. Fuq talba, detentur tad-*data* għandu jagħmel id-*data* disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li juri ħtieġa eċċezzjonali li juża d-*data* mitluba.

2. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-intrapriżi żgħar u mikro kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE.

Artikolu 15

Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data

Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-*data* skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu għandha titqies li teżisti fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta d-*data* mitluba tkun meħtieġa bi tweġiba għal emerġenza pubblika;

(b) meta t-talba għad-*data* tkun limitata fiż-żmien u fl-ambitu u tkun meħtieġa biex tiġi evitata emerġenza pubblika jew biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika;

(c) meta n-nuqqas ta' *data* disponibbli jipprevjeni lill-korp tas-settur pubbliku jew lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni milli jwettaq kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li jkun ġie pprovdut b'mod espliċitu mil-liġi; u

(1) l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma jistax jikseb tali *data* b'mezzi alternattivi, inkluż billi jixtri d-*data* dwar is-suq bir-rati tas-suq jew billi jibbaża fuq l-obbligi eżistenti biex jagħmel id-*data* disponibbli, u l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda ma tistax tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha tad-*data*; jew

(2) il-kisba tad-*data* f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu tnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv għad-detenturi tad-*data* jew għal intrapriżi oħra.

Artikolu 16

Ir-relazzjoni ma' obbligi oħra biex id-data ssir disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji u għall-korpi tal-Unjoni

1. Dan il-Kapitolu ma għandux jaffettwa l-obbligi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali għall-finijiet tar-rapportar, il-konformità mat-talbiet għal informazzjoni jew il-wiri jew il-verifika tal-konformità mal-obbligi legali.

2. Id-drittijiet minn dan il-Kapitolu ma għandhomx jiġu eżerċitati minn korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni sabiex iwettqu attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-individwazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew għall-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax il-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali jew amministrattivi, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni.

Artikolu 17

Talbiet għal data li trid tkun magħmula disponibbli

1. Meta jitlob *data* skont l-Artikolu 14(1), korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu:

   (a) jispeċifika liema *data* hija meħtieġa;

   (b) juri l-ħtieġa eċċezzjonali li għaliha tintalab id-*data*;

   (c) jispjega l-iskop tat-talba, l-użu maħsub tad-*data* mitluba, u t-tul ta' dak l-użu;

   (d) jiddikjara l-bażi ġuridika għat-talba tad-*data*;

   (e) jispeċifika l-iskadenza sa meta d-*data* għandha ssir disponibbli jew li sa meta d-detentur tad-*data* jista' jitlob lill-korp tas-settur pubbliku, lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni biex jimmodifika jew jirtira t-talba.

2. Talba għal *data* magħmula skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha:

   (a) tiġi espressa b'lingwaġġ ċar, konċiż u sempliċi li jinftiehem mid-detentur tad-*data*;

   (b) tkun proporzjonali għall-ħtieġa eċċezzjonali, f'termini tal-granularità u l-volum tad-*data* mitluba u l-frekwenza tal-aċċess tad-*data* mitluba;

   (c) tirrispetta l-għanijiet leġittimi tad-detentur tad-*data*, filwaqt li tqis il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-kost u l-isforz meħtieġa biex id-*data* ssir disponibbli;

   (d) tikkonċerna, sa fejn ikun possibbli, *data* mhux personali;

   (e) tinforma lid-detentur tad-*data* dwar il-penali li għandhom jiġu imposti skont l-Artikolu 33 minn awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31 fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-talba;

   (f) tkun disponibbli għall-pubbliku online mingħajr dewmien żejjed.

3. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni ma għandux jagħmel id-*data* miksuba skont dan il-Kapitolu disponibbli għall-użu mill-ġdid skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 ma għandhiex tapplika għad-*data* miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku miksuba skont dan il-Kapitolu.

4. Il-paragrafu 3 ma jipprekludix lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, lil aġenzija jew lil korp tal-Unjoni milli jiskambja *data* miksuba skont dan il-Kapitolu ma' korp ieħor tas-settur pubbliku, istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, bil-ħsieb li jtemm il-kompiti fl-Artikolu 15 jew li jagħmel id-*data* disponibbli għal parti terza f'każijiet fejn ikun esternalizza, permezz ta' ftehim disponibbli għall-pubbliku, spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra lil din il-parti terza. Japplikaw l-obbligi fuq il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 19.

   Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni jittrażmetti jew jagħmel id-*data* disponibbli skont dan il-paragrafu, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-*data* li mingħandu tkun waslet id-*data*.

Artikolu 18

Il-konformità mat-talbiet għad-data

1. Detentur ta' *data* li jirċievi talba għal aċċess għad-*data* skont dan il-Kapitolu għandu jagħmel id-*data* disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi rigward id-disponibbiltà tad-*data* definiti fil-leġiżlazzjoni settorjali, id-detentur tad-*data* jista' jirrifjuta jew ifittex il-modifika tat-talba fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jirċievi talba għad-*data* meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika u fi żmien 15-il jum tax-xogħol f'każijiet oħra ta' ħtieġa eċċezzjonali, għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

   (a) id-*data* ma tkunx disponibbli;

   (b) it-talba ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(1) u (2).

3. F'każ ta' talba għad-*data* meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika, id-detentur tad-*data* jista' wkoll jirrifjuta jew ifittex modifika tat-talba jekk id-detentur tad-*data* jkun diġà pprovda d-*data* mitluba bi tweġiba għal talba li tkun ġiet sottomessa qabel għall-istess għan minn korp ieħor tas-settur pubbliku jew minn aġenzija jew korp tal-istituzzjoni tal-Unjoni u d-detentur tad-*data* ma jkunx ġie nnotifikat bil-qerda tad-*data* skont l-Artikolu 19(1)(c).

4. Jekk id-detentur tad-*data* jiddeċiedi li jirrifjuta t-talba jew li jfittex il-modifika tagħha f'konformità mal-paragrafu 3, huwa għandu jindika l-identità tal-korp tas-settur pubbliku jew tal-aġenzija jew tal-korp tal-istituzzjoni tal-Unjoni li preċedentement ikunu ppreżentaw talba għall-istess għan.

5. Meta l-konformità mat-talba biex id-*data* tkun magħmula disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni tkun teħtieġ id-divulgazzjoni ta' *data* personali, id-detentur tad-*data* għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jipsewdonimizza d-*data*, dment li t-talba tkun tista' tiġi ssodisfata b'*data* psewdonimizzata.

6. Meta l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jkun jixtieq jikkontesta r-rifjut tad-detentur tad-*data* li jipprovdi d-*data* mitluba, jew li jfittex modifika tat-talba, jew meta d-detentur tad-*data* jkun jixtieq jikkontesta t-talba, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.

Artikolu 19

L-obbligi tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni

1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li jkun irċieva *data* wara talba magħmula skont l-Artikolu 14 għandu:

   (a) ma jużax id-*data* b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-iskop li għalih tkun intalbet;

   (b) jimplimenta, sa fejn ikun meħtieġ l-ipproċessar ta' *data* personali, miżuri tekniċi u organizzazzjonali li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*;

   (c) jeqred id-*data* hekk kif din ma tibqax meħtieġa għall-iskop iddikjarat u jinforma lid-detentur tad-*data* li d-*data* nqerdet.

2. Id-divulgazzjoni ta' sigrieti kummerċjali jew ta' allegati sigrieti kummerċjali lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandha tkun meħtieġa biss sal-punt li jkun strettament meħtieġ li jintlaħaq l-iskop tat-talba. F'każ bħal dan, il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni għandu jieħu miżuri xierqa biex jippreserva l-kunfidenzjalità ta' dawk is-sigrieti kummerċjali.

Artikolu 20

Kumpens f'każijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali

1. Id-*data* magħmula disponibbli biex twieġeb għal emerġenza pubblika skont l-Artikolu 15(a), għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas.

2. Meta d-detentur tad-*data* jitlob kumpens biex id-*data* tkun magħmula disponibbli f'konformità ma' talba magħmula skont l-Artikolu 15(b) jew (c), tali kumpens ma għandux jaqbeż l-ispejjeż tekniċi u organizzazzjonali mġarrba għall-konformità mat-talba inkluż, fejn meħtieġ, l-ispejjeż tal-anonimizzazzjoni u tal-adattament tekniku, flimkien ma' marġni raġonevoli. Fuq talba tal-korp tas-settur pubbliku jew tal-istituzzjoni, tal-aġenzija jew tal-korp tal-Unjoni li jitlob id-*data*, id-detentur tad-*data* għandu jipprovdi informazzjoni abbażi tal-kalkolu tal-kostijiet u tal-marġni raġonevoli.

Artikolu 21

Il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew tal-korpi tal-istatistika fil-kuntest ta' ħtiġijiet eċċezzjonali

1. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu jkun intitolat jikkondividi d-*data* riċevuta taħt dan il-Kapitolu ma' individwi jew ma' organizzazzjonijiet bil-ħsieb li jwettaq riċerka xjentifika jew analitika kompatibbli

mal-iskop li għalih tkun intalbet id-*data*, jew ma' istituti nazzjonali tal-istatistika u mal-Eurostat għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

2. L-individwi jew l-organizzazzjonijiet li jirċievu d-*data* skont il-paragrafu 1 għandhom jaġixxu fuq bażi mhux għall-profitt jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Dawn ma għandhomx jinkludu organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza deċiżiva fuqhom jew li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka.

3. Individwi jew organizzazzjonijiet li jirċievu d-*data* skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(3) u tal-Artikolu 19.

4. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni jittrażmetti jew jagħmel id-*data* disponibbli skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-*data* li mingħandu tkun waslet id-*data*.

Artikolu 22

L-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni transfruntiera

1. Il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin, biex jimplimentaw dan il-Kapitolu b'mod konsistenti.

2. Kwalunkwe *data* skambjata fil-kuntest tal-assistenza mitluba u pprovduta skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tintuża b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-iskop li għalih tkun intalbet.

3. Meta korp tas-settur pubbliku jkun biħsiebu jitlob *data* mingħand detentur tad-*data* stabbilit fi Stat Membru ieħor, huwa għandu l-ewwel jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 31, b'dik l-intenzjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għal talbiet mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji u mill-korpi tal-Unjoni.

4. Wara li tkun ġiet innotifikata skont il-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tagħti pariri lill-korp tas-settur pubbliku rikjedenti dwar il-ħtieġa, jekk ikun hemm, li jikkoopera mal-korpi tas-settur pubbliku tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit id-detentur tad-*data*, bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq id-detentur tad-*data* f'konformità mat-talba. Il-korp tas-settur pubbliku rikjedenti għandu jqis il-parir tal-awtorità kompetenti rilevanti.

KAPITOLU VI

IL-QLIB BEJN IS-SERVIZZI TAL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA*

Artikolu 23

It-tneħħija tal-ostakli għall-qlib effettiv bejn il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data

1. Il-fornituri ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 24, 25 u 26 biex jiżguraw li l-klijenti tas-servizz tagħhom ikunu jistgħu jaqilbu għal servizz ieħor tal-ipproċessar tad-*data*, li jkopri l-istess tip ta' servizz, li jiġi pprovdut minn fornitur ta' servizz differenti. B'mod partikolari, il-fornituri tas-

servizz tal-ipproċessar tad-*data* għandhom ineħħu l-ostakli kummerċjali, tekniċi, kuntrattwali u organizzazzjonali, li jimpedixxu lill-klijenti milli:

(a) jtemmu, wara perjodu massimu ta' avviż ta' 30 jum kalendarju, il-ftehim kuntrattwali tas-servizz;

(b) jikkonkludu ftehimiet kuntrattwali ġodda ma' fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jkopru l-istess tip ta' servizz;

(c) jittrasferixxu d-*data*, l-applikazzjonijiet u assi diġitali oħra tagħha lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*;

(d) iżommu l-ekwivalenza funzjonali tas-servizz fl-ambjent tal-IT tal-fornitur jew tal-forniturі differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jkopru l-istess tip ta' servizz, f'konformità mal-Artikolu 26.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ostakli li huma relatati mas-servizzi, mal-ftehimiet kuntrattwali jew mal-prattiki kummerċjali pprovduti mill-fornitur oriġinali.

Artikolu 24

Termini kuntrattwali dwar il-qlib bejn il-forniturі tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data

1. Id-drittijiet tal-klijent u l-obbligi tal-fornitur ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data* fir-rigward tal-qlib bejn il-forniturі ta' tali servizzi għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar f'kuntratt bil-miktub. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/770, dak il-kuntratt għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) klawżoli li jippermettu lill-klijent, fuq talba, li jaqleb għal servizz tal-ipproċessar tad-*data* offrut minn fornitur ieħor ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data* jew li jittrasferixxi d-*data*, l-applikazzjonijiet u l-assi diġitali kollha ġġenerati direttament jew indirettament mill-klijent għal sistema fuq il-post, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' perjodu ta' tranżizzjoni massimu obbligatorju ta' 30 jum kalendarju, li matulu l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandu:

(1) jassisti u, fejn teknikament fattibbli, ilesti l-proċess tal-qlib;

(2) jiżgura kontinwità sħiħa fil-forniment tal-funzjonijiet jew tas-servizzi rispettivi.

(b) speċifikazzjoni eżawrjenti tal-kategoriji kollha tad-*data* u tal-applikazzjoni li jistgħu jiġu esportati matul il-proċess tal-qlib, inkluż, bħala minimu, id-*data* kollha importata mill-klijent fil-bidu tal-ftehim ta' servizz u d-*data* u l-metadata kollha maħluqa mill-klijent u mill-użu tas-servizz matul il-perjodu li fih ġie pprovdut is-servizz, inkluż, iżda mhux limitat għal, parametri ta' konfigurazzjoni, konfigurazzjonijiet ta' sigurtà, drittijiet ta' aċċess u reġistri ta' aċċess għas-servizz;

(c) perjodu minimu għall-irkupru tad-*data* ta' mill-inqas 30 jum kalendarju, li jibda wara t-terminazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni li kien miftiehem bejn il-klijent u l-fornitur tas-servizz, f'konformità mal-paragrafu 1(a) u l-paragrafu 2.

2. Meta l-perjodu ta' tranżizzjoni obbligatorju kif definit fil-paragrafu 1(a) u (c) ta' dan l-Artikolu jkun teknikament mhux fattibbli, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandu jinnotifika lill-klijent fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol wara li tkun saret it-talba għall-qlib, fejn għandu jagħti r-raġuni xierqa għan-nuqqas ta'

fattibbiltà teknika b'rapport dettaljat u għandu jindika perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv, li ma jistax jaqbeż is-sitt (6) xhur. F'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi żgurata kontinwità sħiħa tas-servizz matul il-perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv kollu kontra imposti mnaqqsa, li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 25

Irtirar gradwali tal-imposti tal-qlib

1. Minn [data X+3 snin] 'il quddiem, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* ma għandhom jimponu l-ebda imposta fuq il-klijent għall-proċess tal-qlib.

2. Minn [data X, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att dwar id-*Data*] sa [data X+3snin], il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jistgħu jimponu imposti mnaqqsa fuq il-klijent għall-proċess tal-qlib.

3. L-imposti msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet imġarrba mill-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li huma direttament marbuta mal-proċess tal-qlib ikkonċernat.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tintroduċi mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-imposti tal-qlib imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* fis-suq, biex tiżgura li l-irtirar tal-imposti tal-qlib kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jintlaħaq f'konformità mal-iskadenza prevista fl-istess paragrafu.

Artikolu 26

Aspetti tekniċi tal-qlib

1. Il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jikkonċernaw riżorsi tal-informatika skalabbli u elastiċi limitati għal elementi infrastrutturali bħal servers, networks u r-riżorsi virtwali meħtieġa għall-operat tal-infrastruttura, iżda li ma jipprovdux aċċess għas-servizzi operatorji, software u applikazzjonijiet li jinħażnu, ipproċessati mod ieħor, jew użati fuq dawk l-elementi infrastrutturali, għandhom jiżguraw li l-klijent, wara li jaqleb għal servizz li jkopri l-istess tip ta' servizz offrut minn fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, igawdi ekwivalenza funzjonali fl-użu tas-servizz il-ġdid.

2. Għas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għajr dawk koperti mill-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jagħmlu l-interfaċċi miftuħa disponibbli pubblikament u mingħajr ħlas.

3. Għas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għajr dawk koperti mill-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jiżguraw il-kompatibbiltà mal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jew mal-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà li huma identifikati f'konformità mal-Artikolu 29(5) ta' dan ir-Regolament.

4. Meta l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jew l-istandards Ewropej imsemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux jeżistu għat-tip ta' servizz ikkonċernat, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandu, fuq talba tal-klijent, jesporta d-

data kollha ġġenerata jew ikkofinanzjata, inkluż il-formati tad-*data* u l-istrutturi tad-*data* rilevanti, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara minn magna.

KAPITOLU VII

SALVAGWARDJI TAD-*DATA* MHUX PERSONALI F'KUNTESTI INTERNAZZJONALI

Artikolu 27

Aċċess u trasferiment internazzjonali

1. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, ġuridiċi u organizzazzjonali raġonevoli kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jevitaw it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess tal-gvern għal *data* mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew 3.

2. Kwalunkwe deċiżjoni jew sentenza ta' qorti jew tribunal u kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' pproċessar tad-*data* jittrasferixxi minn jew jagħti aċċess għal *data* mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, miżmuma fl-Unjoni, tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzabbli biss bi kwalunkwe mod jekk tkun ibbażata fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat dwar l-assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew kwalunkwe ftehim bħal dan bejn il-pajjiż terz rikjedenti u Stat Membru.

3. Fin-nuqqas ta' tali ftehim internazzjonali, meta fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jkun id-destinatarju ta' deċiżjoni ta' qorti jew tribunal jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tittrasferixxi minn jew li tagħti aċċess għal *data* mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament miżmuma fl-Unjoni, u l-konformità ma' tali deċiżjoni toħloq ir-riskju li d-destinatarju jitqiegħed f'kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, it-trasferiment għal jew l-aċċess għal tali *data* minn dik l-awtorità ta' pajjiż terz għandu jseħħ biss:

   (a) fejn is-sistema ta' pajjiż terz teħtieġ li jiġu stabbiliti r-raġunijiet u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni jew tas-sentenza, u tirrikjedi li tali deċiżjoni jew sentenza, skont il-każ, tkun ta' natura speċifika, pereżempju billi tiġi stabbilita rabta suffiċjenti ma' ċerti persuni suspettati, jew ksur;

   (b) l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti kompetenti jew minn tribunal fil-pajjiż terz; u

   (c) l-qorti jew it-tribunal kompetenti li jagħti d-deċiżjoni jew is-sentenza jew li jirrieżamina d-deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva għandu s-setgħa skont il-liġi ta' dak il-pajjiż li jqis kif xieraq l-interessi legali rilevanti tal-fornitur tad-*data* protetta mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

Id-destinatarju tad-deċiżjoni jista' jitlob l-opinjoni tal-korpi jew tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, skont dan ir-Regolament, sabiex jiddetermina jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati, b'mod partikolari meta jqis li d-deċiżjoni tista' tkun relatata ma'

data kummerċjalment sensittiva, jew tista' taffettwa l-interessi nazzjonali ta' sigurtà jew ta' difiża tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-*Data* stabbilit skont ir-Regolament [xxx – DGA] għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni ta' jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati.

4. Jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 jew 3 jiġu ssodisfati, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandu jipprovdi l-ammont minimu ta' *data* permissibbli bi tweġiba għal talba, abbażi ta' interpretazzjoni raġonevoli tagħha.

5. Il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandu jinforma lid-detentur tad-*data* dwar l-eżistenza ta' talba minn awtorità amministrattiva f'pajjiż terz biex taċċessa d-*data* tiegħu qabel ma jikkonforma mat-talba tagħha, ħlief f'każijiet fejn it-talba sservi skopijiet ta' infurzar tal-liġi u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività tal-attività tal-infurzar tal-liġi.

KAPITOLU VIII

INTEROPERABBILTÀ

Artikolu 28

Rekwiżiti essenzjali dwar l-interoperabbiltà

1. L-operaturi tal-ispazji tad-*data* għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà tad-*data*, tal-mekkaniżmi u tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*:

   (a) il-kontenut tas-sett tad-*data*, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu, il-liċenzji, il-metodoloġija tal-ġbir tad-*data*, il-kwalità tad-*data* u l-inċertezza għandhom ikunu deskritti b'mod suffiċjenti biex jippermettu lir-riċevitur isib, jaċċessa u juża d-*data*;

   (b) l-istrutturi tad-*data*, il-formati tad-*data*, il-vokabularji, l-iskemi ta' klassifikazzjoni, it-tassonomiji u l-listi tal-kodiċijiet għandhom jiġu deskritti b'mod disponibbli pubblikament u konsistenti;

   (c) il-mezzi tekniċi għall-aċċess għad-*data*, bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, u t-termini tal-użu u l-kwalità tas-servizz tagħhom għandhom jiġu deskritti b'mod suffiċjenti biex jippermettu l-aċċess u t-trażmissjoni awtomatiċi tad-*data* bejn il-partijiet, inkluż kontinwament jew f'ħin reali, f'format li jinqara minn magna;

   (d) għandhom jiġu pprovduti l-mezzi li jippermettu l-interoperabbiltà ta' kuntratti intelliġenti fi ħdan is-servizzi u l-attivitajiet tagħhom.

Dawn ir-rekwiżiti jista' jkollhom natura ġenerika jew jistgħu jkunu jikkonċernaw setturi speċifiċi, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-interrelazzjoni mar-rekwiżiti li jkunu ġejjin minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew minn leġiżlazzjoni settorjali nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-operaturi tal-ispazji tad-*data* li jissodisfaw l-istandards armonizzati jew partijiet minnhom ippubblikati b'referenza f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu preżunti li huma f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sa fejn dawk l-istandards ikopru dawk ir-rekwiżiti.

4. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni, fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'każ li tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn meħtieġ, fir-rigward ta' kwalunkwe rekwiżit jew fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-funzjonament ta' spazji komuni Ewropej tad-*data*, bħal mudelli arkitettoniċi u standards tekniċi li jimplimentaw regoli u arranġamenti ġuridiċi bejn il-partijiet li jrawmu l-kondiviżjoni tad-*data*, bħal fir-rigward tad-drittijiet għall-aċċess u t-traduzzjoni teknika tal-kunsens jew tal-permess.

Artikolu 29

L-interoperabbiltà għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data

1. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom:

   (a) ikollhom il-prestazzjoni tagħhom orjentata lejn il-kisba tal-interoperabbiltà bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-*data* li jkopru l-istess tip ta' servizz;

   (b) itejbu l-portabbiltà tal-assi diġitali bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-*data* li jkopru l-istess tip ta' servizz;

   (c) jiggarantixxu, fejn ikun teknikament fattibbli, ekwivalenza funzjonali bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-*data* li jkopru l-istess tip ta' servizz.

2. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jindirizzaw:

   (a) l-aspetti tal-interoperabbiltà tal-cloud tal-interoperabbiltà tat-trasport, l-interoperabbiltà sintattika, l-interoperabbiltà tad-*data* semantika, l-interoperabbiltà tal-imġiba u l-interoperabbiltà tal-politika;

   (b) l-aspetti tal-portabbiltà tad-*data* fuq il-cloud tal-portabbiltà sintattika tad-*data*, il-portabbiltà semantika tad-*data* u l-portabbiltà tal-politika dwar id-*data;*

   (c) l-aspetti tal-applikazzjoni tal-cloud tal-portabbiltà sintattika tal-applikazzjoni, il-portabbiltà tal-istruzzjoni tal-applikazzjoni, il-portabbiltà tal-metadata tal-applikazzjoni, il-portabbiltà tal-imġiba tal-applikazzjoni u l-portabbiltà tal-politika tal-applikazzjoni.

3. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

4. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards Ewropej applikabbli għal tipi speċifiċi ta' servizzi ta' servizzi tal-ipproċessar tad-*data*.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 38, tippubblika r-referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* fir-repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data*, fejn dawn jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 30

Rekwiżiti essenzjali rigward il-kuntratti intelliġenti għall-kondiviżjoni tad-data

1. Il-bejjiegħ ta' applikazzjoni li tuża kuntratti intelliġenti jew, fin-nuqqas ta' dan, il-persuna li l-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha jinvolvu l-użu ta' kuntratti intelliġenti għal oħrajn fil-kuntest ta' ftehim biex id-*data* tkun magħmula disponibbli, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin:

   (a) robustezza: tiżgura li l-kuntratt intelliġenti jkun tfassal biex joffri grad għoli ħafna ta' robustezza biex jiġu evitati żbalji funzjonali u biex jiflaħ għall-manipulazzjoni minn partijiet terzi;

   (b) terminazzjoni u interruzzjoni sikuri: tiżgura li jeżisti mekkaniżmu biex tintemm l-eżekuzzjoni kontinwata tat-tranżazzjonijiet: il-kuntratt intelliġenti għandu jinkludi funzjonijiet interni li jistgħu jerġgħu jistabbilixxu jew jagħtu struzzjonijiet lill-kuntratt sabiex iwaqqaf jew jinterrompi l-operazzjoni sabiex jiġu evitati eżekuzzjonijiet (aċċidentali) futuri;

   (c) l-arkivjar u l-kontinwità tad-*data*: tipprevedi, jekk kuntratt intelliġenti jridx jiġi tterminat jew diżattivat, possibbiltà li *data* tranżazzjonali tiġi arkivjata, il-loġika tal-kuntratt intelliġenti u kodiċi biex jinżamm ir-rekord tal-operazzjonijiet imwettqa fuq id-*data* fil-passat (verifikabbiltà); u

   (d) kontroll tal-aċċess: kuntratt intelliġenti għandu jiġi protett permezz ta' mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess rigoruż fis-saffi ta' governanza u ta' kuntratti intelliġenti.

2. Il-bejjiegħ ta' kuntratt intelliġenti jew, fin-nuqqas ta' dan, il-persuna li l-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha tinvolvi l-użu ta' kuntratti intelliġenti għal oħrajn fil-kuntest ta' ftehim biex id-*data* tkun magħmula disponibbli, għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 u, malli jiġu ssodisfati r-rekwiżiti, toħroġ dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

3. Billi jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-bejjiegħ ta' applikazzjoni bl-użu ta' kuntratti intelliġenti jew, fin-nuqqas ta' dan, il-persuna li l-kummerċ , in-negozju jew il-professjoni tagħha tinvolvi l-użu ta' kuntratti intelliġenti għal oħrajn

fil-kuntest ta' ftehim biex id-*data* tkun magħmula disponibbli, għandha tkun responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti skont il-paragrafu 1.

4. Kuntratt intelliġenti li jissodisfa l-istandards armonizzati jew il-partijiet rilevanti tagħhom imfassla u ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandu jkun preżunt li huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu dment li dawk l-istandards ikopru dawk ir-rekwiżiti.

5. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil aktar minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Fejn ma jeżistux standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'kuntest transfruntier, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

KAPITOLU IX

IMPLIMENTAZZJONI U INFURZAR

Artikolu 31

Awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtorità ġdida waħda jew aktar minn awtorità ġdida jew għandhom jibbażaw fuq awtoritajiet eżistenti.

2. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

   (a) l-awtoritajiet superviżorji indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-*data* personali. Il-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu eżerċitati fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali;

   (b) għal kwistjonijiet speċifiċi settorjali ta' skambju ta' *data* relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kompetenza tal-awtoritajiet settorjali għandha tiġi rispettata;

   (c) l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar tal-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament għandu jkollha esperjenza fil-qasam tas-servizzi tad-*data* u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompiti u s-setgħat rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu definiti b'mod ċar u jinkludu:

(a) il-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni fost l-utenti u l-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi skont dan ir-Regolament;

(b) it-trattament ta' lmenti relatati ma' allegati vjolazzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u investigazzjoni, sa fejn ikun xieraq, tas-suġġett tal-ilment u l-informar lill-ilmentatur dwar il-progress u l-eżitu tal-investigazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'mod partikolari jekk tkun meħtieġa aktar investigazzjoni jew koordinazzjoni ma' awtorità superviżorja oħra;

(c) it-twettiq ta' investigazzjonijiet fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż abbażi ta' informazzjoni rċevuta minn awtorità superviżorja jew minn awtorità pubblika oħra;

(d) l-impożizzjoni, permezz ta' proċeduri amministrattivi, ta' penali finanzjarji dissważivi li jistgħu jinkludu penali perjodiċi u penali b'effett retroattiv, jew il-bidu ta' proċedimenti ġudizzjarji għall-impożizzjoni ta' multi;

(e) il-monitoraġġ tal-iżviluppi teknoloġiċi ta' rilevanza għat-tqegħid għad-dispożizzjoni u għall-użu tad-*data*;

(f) il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti kollha b'mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien żejjed;

(g) l-iżgurar tad-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet għall-aċċess għad-*data* magħmula mill-korpi tas-settur pubbliku fil-każ ta' emerġenzi pubbliċi skont il-Kapitolu V;

(h) il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha biex jiġi żgurat li l-obbligi tal-Kapitolu VI jiġu infurzati b'mod konsistenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u mal-awtoregolamentazzjoni applikabbli għall-fornituri ta' servizz tal-ipproċessar tad-*data*;

(i) l-iżgurar li l-imposti għall-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* jiġu rtirati f'konformità mal-Artikolu 25.

4. Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fl-eżerċitar tal-kompiti u s-setgħat assenjati lilhom skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jikkooperaw ma' xulxin, inkluż, kif xieraq, mal-awtorità superviżorja responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri rilevanti għandhom jaħtru awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-isem tal-awtoritajiet kompetenti maħtura u l-kompiti u s-setgħat rispettivi tagħhom u, fejn applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru pubbliku ta' dawk l-awtoritajiet.

6. Meta jwettqu l-kompiti tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibqgħu ħielsa minn

kwalunkwe influwenza esterna, kemm diretta kif ukoll indiretta, u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe awtorità pubblika oħra jew minn kwalunkwe parti privata.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 32

Dritt li jiġi ppreżentat ilment quddiem awtorità superviżorja

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, mal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, post tax-xogħol jew stabbiliment jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.

2. L-awtorità kompetenti li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar il-progress tal-proċedimenti u dwar id-deċiżjoni meħuda.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex jittrattaw u jsolvu l-ilmenti, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha b'mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien żejjed. Din il-kooperazzjoni ma għandhiex taffettwa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni speċifiku previst fil-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 33

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom, sad-[*data* stipulata tar-Regolament] jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli u dwar dawn il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

3. Għal ksur tal-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu II, III u V tar-Regolament, l-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jistgħu, fl-ambitu tal-kompetenza tagħhom, jimponu multi amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/679 u sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.

4. Għal ksur tal-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament, l-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tista' timponi multi amministrattivi, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 66(3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 34

Mudelli tat-termini kuntrattwali

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tirrakkomanda mudelli ta' termini kuntrattwali mhux vinkolanti dwar l-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha biex tgħin lill-partijiet fl-abbozzar u fin-negozjar ta' kuntratti bi drittijiet u b'obbligi kuntrattwali bbilanċjati.

KAPITOLU X

DRITT *SUI GENERIS* SKONT ID-DIRETTIVA 1996/9/KE

Artikolu 35

Bażijiet tad-data li jkun fihom ċerta data

Sabiex ma jkunx hemm tfixkil għall-eżerċitar tad-dritt tal-utenti li jaċċessaw u li jużaw tali *data* f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament jew mad-dritt li jikkondividu tali *data* ma' partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, id-dritt *sui generis* previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/9/KE ma japplikax għal bażijiet tad-*data* li fihom *data* miksuba minn jew iġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat.

KAPITOLU XI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 36

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 2017/2394

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2017/2394 jiżdied il-punt li ġej:

"29. [Ir-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [l-Att dwar id-*Data*]]."

Artikolu 37

Emenda għad-Direttiva (UE) 2020/1828

Fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2020/1828, jiżdied il-punt li ġej:

"67. [Ir-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [l-Att dwar id-*Data*]]"

Artikolu 38

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 25(4), 28(2), u 29(5) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn […].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 25(4), 28(2) u 29(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 25(4), 28(2) u 29(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 39

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 40

Atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligi dwar l-aċċess u l-użu tad-data

1. L-obbligi speċifiċi għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' *data* bejn in-negozji, bejn in-negozji u l-konsumaturi, u fuq bażi eċċezzjonali bejn in-negozji u l-korpi pubbliċi, fl-atti legali tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ fi [xx XXX xxx] jew qabel, u l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni bbażati fuqhom, għandhom jibqgħu mhux affettwati.

2. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tispeċifika, fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' settur, spazju komuni Ewropew tad-*data*, jew qasam ta' interess pubbliku, rekwiżiti ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta':

   (a) l-aspetti tekniċi tal-kondiviżjoni tad-*data*;

   (b) l-limiti fuq id-drittijiet tad-detenturi tad-*data* li jaċċessaw jew jużaw ċerta *data* pprovduta mill-utenti;

   (c) l-aspetti li jmorru lil hinn mill-aċċess u l-użu tad-*data*.

Artikolu 41

Evalwazzjoni u rieżami

Sa [*sentejn wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari:

(a) l-kategoriji jew tipi oħra ta' *data* li jridu jkunu magħmulin aċċessibbli;

(b) l-esklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' intrapriżi bħala benefiċjarji skont l-Artikolu 5;

(c) sitwazzjonijiet oħra li għandhom jitqiesu bħala ħtiġijiet eċċezzjonali għall-finijiet tal-Artikolu 15;

(d) bidliet fil-prattiki kuntrattwali tal-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* u jekk dan jirriżultax f'konformità suffiċjenti mal-Artikolu 24;

(e) tnaqqis fl-imposti, imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* għall-proċess tal-qlib, f'konformità mal-irtirar gradwali tal-imposti tal-qlib skont l-Artikolu 25.

Artikolu 42

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*